Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**10559/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0240 (COD)**

**COH 119**
**SOC 397**
**AGRI 498**
**AGRIFIN 120**
**PECHE 241**
**FIN 882**
**JAI 832**
**SAN 480**
**CODEC 1184**
**CADREFIN 291**
**POLGEN 171**
**IA 167**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ("ir-Regolament PSNR")<br>- Approċċ ġenerali parzjali |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż it-test tal-approċċ ġenerali parzjali dwar l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq, li ntlaħaq fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tas-16 ta' Ġunju 2026.

2025/0240 (COD)

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u**

**l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda**

**r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509**

(12) **Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna,** ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE jiffaċċjaw l-isfida doppja li jsaħħu s-sigurtà filwaqt li jappoġġaw l-ekonomiji, in-negozji u n-nies tagħhom li ġew affettwati b'mod negattiv bħala konsegwenza diretta jew indiretta tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. **Dawn ir-reġjuni huma partikolarment affettwati mill-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, li għandu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi sinifikanti, riflessi fi tkabbir tal-PDG aktar kajman, inflazzjoni ogħla, tnaqqis demografiku, u riskji akbar għall-iżvilupp soċjoekonomiku.** Il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali se jipprovdu appoġġ komprensiv u koerenti lill-Istati Membri u lir-reġjuni li qed jiffaċċjaw dawk l-isfidi.

[…]

(15) Jenħtieġ li l-prosperità sostenibbli tal-Unjoni tiġi appoġġata billi tissaħħaħ il-bażi industrijali tagħha u titrawwem l-attraenza tat-territorji biex jiġi appoġġat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju, inkluż permezz ta' strateġiji għall-iżvilupp integrat ta' żoni urbani, rurali u kostali, **kif ukoll ta' reġjuni li jinsabu fil-fruntieri tal-UE,** u t-trawwim tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.

[…]

(16) Fil-qasam tal-kapaċitajiet ta' difiża u tas-sigurtà tal-Unjoni, il-miżuri jenħtieġ li jsaħħu l-bażi industrijali tad-difiża u l-mobbiltà militari tal-Unjoni u jsaħħu l-preparatezza, il-kxif tat-theddid, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija u tat-trasport u r-reżiljenza u r-rispons għall-kriżijiet tal-Unjoni, inkluż billi jsaħħu ċ-ċibersigurtà. **Jenħtieġ tingħata attenzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi li jirriżultaw minn kriżijiet tas-sigurtà kkawżati mill-isfidi ġeopolitiċi li qed jevolvu.** Dan jenħtieġ li jinkludi miżuri għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-TEN-T b'użu doppju sabiex ikunu jistgħu jsiru movimenti fuq skala kbira ta' truppi u tagħmir u materjal tqil fi żmien qasir. Il-miżuri jenħtieġ li jkollhom l-għan ukoll li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, inklużi miżuri ta' integrazzjoni li jkunu konsistenti mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil inklużi l-protezzjoni sussidjarja, il-protezzjoni temporanja, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, ir-Regolament (UE) [...] dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni [integrata] tal-fruntieri Ewropej, inkluż il-funzjonament taż-żona Schengen u għall-politika Ewropea dwar il-viża, u r-Regolament (UE) [...] appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna.

[…]

(23) Bħala komplement għall-azzjonijiet appoġġati mir-Regolament (UE) […] [Ewropa Globali], il-Fond jista' jappoġġa azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom. Tali azzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-politika esterna tal-Unjoni, mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, u mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni. **Jenħtieġ li jservu wkoll l-interessi tal-Unjoni u la jikkompromettu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u tas-sigurtà tal-Unjoni u lanqas l-objettiv prijoritarju tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-atturi Ewropej.**

[…]

**(27-a) L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif ukoll l-istat tad-dritt, jenħtieġ li fl-implimentazzjoni tal-Fond jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi għall-protezzjoni tagħhom. Minħabba t-trikkib bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-importanza tal-effetti finanzjarji tal-miżuri li jista' jkun hemm bżonn jiġu adottati, jeħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħhom, u għalhekk jenħtieġ li l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni, li jenħtieġ li jaġixxi abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.**

**(27-aa) Fejn l-applikazzjoni tal-kundizzjonalitajiet stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-Regolament tibbaża fuq ir-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, huwa essenzjali li tali applikazzjoni tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli, f'konformità mal-prinċipji taċ-ċertezza legali, tal-proporzjonalità u tat-trattament ugwali. Għal dak l-għan, it-tħejjija tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, użat fost dokumenti oħra għall-fini tal-valutazzjoni skont l-Artikoli 8 u 9, jenħtieġ li tibbaża primarjament fuq dokumenti u rapporti uffiċjali minn organizzazzjonijiet internazzjonali u awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-qrati nazzjonali. Jenħtieġ li t-tħejjija tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tinvolvi involviment mill-qrib u strutturat mal-awtoritajiet tal-Istati Membri.**

**(27a) Jenħtieġ li l-kundizzjonijiet orizzontali li jirregolaw it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-PNR japplikaw ukoll għall-Pjan Interreg u l-Kapitoli tiegħu. Madankollu, minħabba l-ispeċifiċitajiet tal-Pjanijiet Interreg marbuta mal-parteċipazzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed f'kull Kapitolu Interreg, jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tieħu miżuri fir-rigward ta' nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta minn Stat Membru, tqis il-funzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli għan-nuqqas ta' ssodisfar ta' dik il-kundizzjoni orizzontali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżura, għall-fini tal-valutazzjoni tal-impatt reali jew potenzjali tan-nuqqas ta' ssodisfar fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri speċifiċi, jew partijiet minnhom, fil-Kapitolu jew il-Kapitoli Interreg ikkonċernati. Jenħtieġ li l-istess japplika meta l-Kunsill jieħu miżuri fir-rigward ta' nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt minn Stat Membru. Il-Kummissjoni mhux ser tirrimborża l-miżuri jew partijiet mill-miżuri affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar. L-Istat Membru responsabbli għan-nuqqas ta' ssodisfar għandu obbligu skont l-Artikolu 58(2)(a) ta' dan ir-Regolament li jkompli l-pagamenti lill-benefiċjarji, lir-riċevituri, lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lill-parteċipanti.**

[…]

**(30a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw investimenti, riformi u interventi oħra bbażati fuq l-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istat Membru u jindirizzaw kemm l-objettivi speċifiċi kif ukoll dawk ġenerali u l-isfidi mill-qafas ta' referenza tal-politika; għandhom jinġabru f'kapitoli li jsegwu organizzazzjoni ta' politika jew reġjonali, jew taħlita tat-tnejn. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu d-distribuzzjoni tar-rwoli u l-finanzjament bejn ir-reġjuni u l-livell nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jistabbilixxu l-valuri tal-iżborż għal tali riformi jew mill-kapitoli kollha jew minn subsett tagħhom. Jekk Stat Membru jagħżel approċċ b'kapitoli nazzjonali, reġjonali jew settorjali, b'riformi kemm nazzjonali kif ukoll reġjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jisseparaw l-istruttura finanzjarja bejn il-livelli tal-gvern sal-punt li r-rekwiżiti tar-regolament jiġu rrispettati, inkluż ir-rekwiżiti marbuta mal-kundizzjonalitajiet orizzontali u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE.**

(30b) **Jenħtieġ li l-kostijiet stmati ta' kull investiment jammontaw għas-somma tal-kontribuzzjoni nazzjonali u l-kontribuzzjoni tal-Unjoni. Għall-investimenti, jenħtieġ li l-valuri tal-iżborż jiġu derivati mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni, wara li jitnaqqsu l-ammonti mwarrba għar-riformi. Sabiex jiġi rifless li r-riformi mhux neċessarjament jinvolvu kostijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni, il-valuri tal-iżborż tar-riformi huma ffinanzjati billi titwarrab parti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-investimenti. Jenħtieġ li l-valuri tal-iżborż tar-riformi jkunu proporzjonati għall-importanza relattiva tagħhom, iddeterminati fost l-oħrajn mill-kamp ta' applikazzjoni, l-impatt mistenni, u l-kopertura ġeografika tagħhom, jew il-punt sa fejn jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Fond jew jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-qafas ta' referenza. Jenħtieġ li d-diżaggregazzjoni tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għal miżura partikolari tkun proporzjonata għas-sinifikat tad-diversi passi ta' implimentazzjoni koperti fl-istadji importanti u l-miri. Għar-riformi li jinvolvu dimensjoni leġiżlattiva, jenħtieġ li l-indikatur tal-output li għandu jintuża mill-Anness I tar-Regolament (UE) 20XX/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] għall-aħħar stadju importanti jikkorrispondi primarjament għad-dħul fis-seħħ tal-att legali, jew ta' att uniku jew ta' aktar minn wieħed. Ma hemm l-ebda ħtieġa fil-każ ta' riformi li jkun hemm mira finali li tirrifletti aspetti kwantitattivi.**

(31) Jenħtieġ li l-Pjan jiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn miżuri differenti li jappoġġaw oqsma ta' politika differenti u li huma mmirati lejn gruppi differenti ta' benefiċjarji. Dan huwa partikolarment importanti biex jiġi offrut rispons ta' politika komprensiv għall-iżvilupp ta' żoni rurali u kostali b'saħħithom u biex jiġu żgurati setturi agrikoli u tas-sajd vibranti. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu dawn is-sinerġiji fit-tfassil tal-miżuri u l-kapitoli u fl-applikazzjoni tar-rati ta' kofinanzjament. Għal miżuri li jappoġġaw is-servizzi bażiċi u l-infrastruttura fiż-żoni rurali u kostali kif ukoll in-negozji rurali u kostali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw ippjanar integrat biex jiżguraw li l-komunitajiet rurali u kostali jkollhom aċċess għall-finanzjament permezz ta' mekkaniżmi xierqa, inklużi azzjonijiet ta' politika speċifiċi; mekkaniżmi u strutturi ta' governanza biex jiġu kkoordinati l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, il-programmazzjoni ta' approċċi ta' finanzjament integrati lokalment u reġjonalment, b'kont meħud tal-kuntest u l-kapaċitajiet speċifiċi tal-benefiċjarji fil-mira, il-ħolqien ta' bini tal-kapaċitajiet immirat kemm lejn l-amministrazzjonijiet kif ukoll lejn il-benefiċjarji. Il-Pjan SNR jenħtieġ li jistabbilixxi s-sett dettaljat ta' miżuri u arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż l-istabbiliment tal-awtoritajiet għall-Pjan SNR, il-kumitat ta' monitoraġġ u koordinazzjoni, il-kostijiet stmati ta' dawk il-miżuri u l-kontribuzzjoni u l-miżuri nazzjonali biex titjieb il-kwalità tal-governanza u tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Jenħtieġ li titfittex u tinkiseb kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom matul il-proċess kollu; jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti t-tagħlim u l-esperimentazzjoni tal-politika. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri għall-kost stmat tal-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-Pjanijiet SNR tagħhom, inkluż dwar il-metodoloġija għall-istabbiliment tal-valuri tal-iżborż fl-implimentazzjoni tagħhom u, fejn meħtieġ, l-emendi. Jenħtieġ li l-oqsma ta' intervent stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] u assenjati għal kull miżura tal-Pjan jintużaw biss għall-finijiet tat-traċċar tan-nefqa u l-monitoraġġ, mingħajr ma jiġu affettwati l-objettivi stabbiliti fid-deskrizzjoni tal-istadji importanti u l-miri.**

[…]

(33) Biex jiġu massimizzati l-impatt u s-sjieda nazzjonali tal-finanzjament tal-Unjoni filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-ekwità u tas-solidarjetà, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati tal-miżuri differenti tal-Pjan SNR tirrifletti l-livelli differenti ta' żvilupp ekonomiku tar-reġjuni f'termini ta' per capita fir-rigward tal-medja tal-UE-27. Il-konformità ma' dan ir-rekwiżit ta' kofinanzjament jenħtieġ li tiġi vvalutata ex ante bħala parti mill-proċedura ta' approvazzjoni tal-Pjan. **Jenħtieġ li l-Pjan SNR jirrispetta l-prinċipju tal-addizzjonalità tal-finanzjament tal-Unjoni u bħala tali jenħtieġ li jikkomplementa n-nefqa pubblika ta' Stat Membru. L-**addizzjonalità tal-kontribuzzjoni tal-UE ser tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni matul il-ħajja tal-[…] **Pjan SNR**.

[…]

(37) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu talba motivata biex jemendaw il-Pjan SNR fil-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Fond. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-Pjan SNR emendat ma' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mal-bidliet proposti. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu aġġustamenti żgħar jew jikkoreġu żbalji klerikali fil-Pjanijiet SNR, permezz ta' notifika sempliċi ta' dawk il-bidliet lill-Kummissjoni, dment li tali emendi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Pjan SNR. **Għall-interventi bbażati fuq l-output, diġà tingħata flessibbiltà fi ħdan il-minimu u l-massimu stabbiliti mill-Istati Membri għall-ammont unitarju tal-outputs, li jikkorrispondu rispettivament għall-valur tal-output unitarju l-aktar baxx/l-ogħla li għandu jitħallas lil benefiċjarju għal intervent/grupp fil-mira partikolari.**

[…]

(42) [Bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li l-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit taħt il-Faċilità tal-UE jiġu implimentati f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u r-[ir-Regolament FEK] u mal-arranġamenti tekniċi, it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu. L-appoġġ taħt il-Faċilità tal-UE fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, jenħtieġ li jiġi pprovdut esklużivament permezz tal-[Istrument InvestEU tal-FEK]]. **B'mod partikolari, jenħtieġ li l-appoġġ taħt il-Faċilità tal-UE fil-forma ta' garanzija baġitarja jiġi pprovdut billi tintuża l-garanzija baġitarja stabbilita fi [ir-Regolament FEK] bħala għodda ta' twettiq biex jiġu appoġġati l-objettivi tal-Faċilità tal-UE u jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-regoli stabbiliti skont ir-[Regolament FEK**]. Biex jiġi pprovdut aċċess aktar wiesa' lis-sħab ta' implimentazzjoni għall-garanziji baġitarji u l-istrumenti finanzjarji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkonkludi ftehimiet f'ġestjoni indiretta mal-kategoriji kollha ta' entitajiet elenkati taħt l-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Biex jiġu żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u dixxiplina baġitarja u biex jiġu limitati l-pagamenti pendenti, il-proviżjonament għall-garanzija baġitarja implimentata taħt il-Faċilità tal-UE jenħtieġ li ma jiġix impenjat wara t-tmiem tal-aħħar sena tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u jenħtieġ li jiġi kkostitwit sa tmiem it-tielet sena wara t-tmiem tal-QFP. L-impenji baġitarji għal dak il-proviżjonament jenħtieġ li jqisu l-progress fl-għoti tal-garanzija baġitarja. Il-kostituzzjoni tal-proviżjonament jenħtieġ li tqis il-progress fl-approvazzjoni u l-iffirmar tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jappoġġaw l-objettivi tal-Faċilità tal-UE.

[…]

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

(46a) **Sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u l-kontinwità fl-appoġġ tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, il-miżuri li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-allokazzjonijiet delimitati għall-Politika Komuni tas-Sajd jistgħu jinkludu interventi dwar il-waqfien temporanju u permanenti, l-innovazzjoni, is-selettività tal-irkaptu tas-sajd, l-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb, is-servizzi ambjentali, l-investimenti fit-tnaqqis tal-użu tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, l-investimenti produttivi fl-akkwakultura, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, ir-restawr, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ taż-żoni protetti tal-baħar, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-kumpens ta' avvenimenti mhux mistennija.**

[…]

(51) L-attivitajiet ta' trasparenza, informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà huma essenzjali biex l-azzjoni tal-Unjoni ssir viżibbli fil-prattika u biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-fondi u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq informazzjoni vera, akkurata u aġġornata. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti xierqa għall-ġbir u r-rapportar tad-data meħtieġa għal skopijiet multipli darba biss. Bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, id-data miġbura u magħmula disponibbli għall-awditjar u l-kontroll, it-trasparenza, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, jenħtieġ li tiġi razzjonalizzata u jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' pubblikazzjoni bil-għan li tiġi żgurata trasparenza massima. **F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li r-rekwiżiti tal-ġbir tad-data u tat-trasparenza ma japplikawx għall-parteċipanti kif definit f'dan ir-Regolament.**

[…]

(53) Biex jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni kif ukoll biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditi u l-verifiki tal-ġestjoni tal-istess miżuri, jenħtieġ li tiġi applikata l-applikazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' awditu uniku għall-Fond**. F'konformità mal-modalità ta' ġestjoni kondiviża u l-approċċ ta' awditu uniku, jenħtieġ li l-Kummissjoni primarjament isserraħ fuq il-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar**. L-awtorità tal-awditjar jenħtieġ li twettaq awditi u tiżgura li l-opinjoni tal-awditjar mogħtija lill-Kummissjoni tkun affidabbli. Dik l-opinjoni tal-awditjar jenħtieġ li tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istat Membru jiffunzjonaw kif suppost, u li d-dikjarazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni ppreżentata mill-korp ta' koordinazzjoni huma korretti. **Meta twettaq l-awditi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża fuq il-prinċipju tal-proporzjonalità u tqis l-affidabbiltà tal-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar u r-riskju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffoka fuq l-awditi tas-sistema.**

**(53a) Għas-sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament, jenħtieġ li r-rwol tal-funzjoni ta' koordinazzjoni tal-Pjan SNR ikun limitat għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u mill-aġenziji tal-pagamenti differenti, kif ukoll l-opinjonijiet tal-awditjar u s-sommarji tal-awditi mill-awtoritajiet tal-Pjan, f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru. Jenħtieġ li dan il-kompitu ma jinkludi l-ebda verifika jew awditu li għandhom jitwettqu mill-funzjoni ta' koordinazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jafdaw kompiti oħra ta' koordinazzjoni lil awtoritajiet oħra f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istati Membri.**

[…]

**(54a) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-istrutturi ta' governanza attwali, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-aġenziji tal-pagamenti eżistenti tal-PAK fis-seħħ. Jenħtieġ li l-aġenziji tal-pagamenti tal-PAK jiġu akkreditati abbażi tar-regoli nazzjonali. L-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu r-regoli u l-prattiki attwali ta' akkreditazzjoni bil-ħsieb li jiżguraw li l-aġenziji tal-pagamenti tal-PAK ikollhom organizzazzjoni amministrattiva u sistema ta' kontroll intern li tikkonforma mal-istandards ta' kontroll intern rikonoxxuti internazzjonalment u li tipprovdi garanziji suffiċjenti li l-pagamenti jkunu legali, regolari u kontabilizzati kif xieraq.**

[…]

(56) Bil-għan li jiġi żgurat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan SNR tagħhom jibqa' raġonevoli u plawżibbli matul l-implimentazzjoni tiegħu u jitolbu emenda tal-Pjan SNR tagħhom fejn ikun meħtieġ. Jenħtieġ li l-mudell ta' implimentazzjoni tal-Fond ikollu l-għan li jipprovdi prevedibbiltà u konsistenza bejn il-livelli ta' pagament u l-pass ta' implimentazzjoni individwali ta' kull miżura billi jassenja valuri tal-iżborż ex ante għal kull stadju importanti u mira. Barra minn hekk, l-Istat Membru jenħtieġ li jwettaq rieżami tal-kostijiet totali stmati tar-riformi u tal-investimenti u interventi oħra koperti mill-Pjan SNR bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu b'aġġustamenti korrispondenti kull meta jkun ġustifikat. Barra minn hekk, meta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali tiegħu għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru jenħtieġ li jikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali. Għall-istess raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kummissjoni jenħtieġ li titħalla tirkupra ammonti mħallsa qabel għal stadji interim ta' miżura jekk l-istadju importanti jew il-mira finali tal-miżura partikolari ma tiġix issodisfata **b'mod proporzjonat u ġustifikat f'konformità mal-progress tal-implimentazzjoni tal-miżura** u tieħu azzjoni f'każ ta' riversjar ta' stadju importanti jew mira li jseħħ sa 5 snin wara d-data tal-pagament korrispondenti tal-Kummissjoni.

**(56a) Jenħtieġ li r-rekwiżit tad-durabbiltà japplika għal stadji importanti u miri, iżda mhux għal interventi bbażati fuq l-output li – min-natura tagħhom – ma jistgħux jitreġġgħu lura. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li ma tapplikax, pereżempju, għal interventi bbażati fuq l-output tal-PAK, u lanqas għal miżuri ta' risistemazzjoni fil-qasam tal-affarijiet interni. Għall-miżuri implimentati permezz ta' stadji importanti u miri, jenħtieġ li l-valutazzjoni tat-treġġigħ lura titwettaq biss abbażi tal-objettivi stabbiliti fil-livell tal-istadju importanti jew tal-mira, u jenħtieġ li ma tapplikax fil-livell tal-benefiċjarji, tar-riċevituri jew tar-riċevituri finali, pereżempju kumpanija li tirċievi għotja jew appoġġ permezz ta' strument finanzjarju.**

(57) Sabiex il-proċeduri jiġu ssimplifikati b'mod sinifikanti u jitnaqqas il-piż amministrattiv għar-riċevituri, l-Istati Membri u l-Kummissjoni filwaqt li jiġu pprovduti salvagwardji b'saħħithom dwar l-użu regolari u effettiv tal-fondi tal-Unjoni, il-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jinkorporaw miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni, kemm fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll fid-dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ. Tali elementi jenħtieġ li jinkludu, pereżempju, l-għoti ta' assistenza teknika u appoġġ lill-Istati Membri, il-limitazzjoni tad-duplikazzjonijiet tal-awditjar permezz tal-applikazzjoni tal-approċċ ta' awditu uniku u t-tluq mill-kontrolli tal-fatturi għal fokus fuq ir-riżultati reali. L-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar u l-Kummissjoni ma għandhomx ikunu mistennija, f'dak ir-rigward, li jivverifikaw il-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet għall-fini tax-xogħol tal-awditjar tagħhom. Bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni, jenħtieġ li tiġi pprovduta assistenza teknika matul l-implimentazzjoni permezz ta' rata fissa applikabbli għall-pagamenti kollha. Il-Fond jenħtieġ li jipprevedi wkoll flessibbiltà suffiċjenti, kemm jekk permezz ta' proċeduri simplifikati għall-emendi tal-Pjanijiet kif ukoll permezz ta' reattività aħjar għal kriżijiet mhux previsti permezz ta' mekkaniżmi multipli li jippermettu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi għal tali avvenimenti, bħar-reviżjoni tal-Pjan, l-ammont ta' flessibbiltà jew l-aċċess għall-Faċilità. Il-Fond jenħtieġ li jippermetti wkoll lill-Istati Membri jiddeċiedu huma stess liema stadji importanti u miri jenħtieġ li jiġu ppreżentati f'kull applikazzjoni għall-pagament abbażi tal-pass rispettiv tagħhom ta' implimentazzjoni. Bil-għan li jiġu żgurati żborżi regolari u t-twettiq f'waqtu tal-objettivi tal-Unjoni fuq il-post, regola ta' diżimpenn annwali jenħtieġ li tiżgura li l-Istati Membri jissottomettu applikazzjonijiet regolari għall-pagament għal ammonti sostanzjali b'mod suffiċjenti. **Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Pjan, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni biex l-assistenza teknika tiġi stabbilita bħala rata fissa sa 3,5 % tal-Pjan SNR kollu kemm hu bil-possibbiltà li tiżdied sa 5 % għal miżuri li jappoġġaw ir-reġjuni ultraperiferiċi, u sa 8 % għal kull kapitolu tal-Pjan Interreg u sa 10 % fejn dawn jinvolvu kooperazzjoni fuq il-fruntieri esterni jew mar-reġjuni ultraperiferiċi. Ir-rata fissa għandha tkun ta' 10 % anke għall-kapitoli tal-Pjan Interreg li jkopru l-objettiv speċifiku għall-Interreg "reġjuni aktar reżiljenti li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna" stabbilit fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 tar-Regolament XX [ir-Regolament Interreg]. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jżommu l-prerogattiva li japplikaw rati ogħla jew aktar baxxi għal kapitoli individwali, dment li jiġi rrispettat il-limitu massimu globali ta' 3,5 %.**

[…]

(60) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 dwar il-ġestjoni kondiviża jenħtieġ li jiġu adattati għall-mudell ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, huwa neċessarju li tkun tista' tiġi ppreżentata informazzjoni relatata mal-progress tal-implimentazzjoni u li l-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u l-opinjoni tal-awditjar jiġu adattati skont dan. **Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw ukoll informazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-istadji importanti, il-miri u l-outputs li jippermettu għal finijiet kontabilistiċi. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tkopri l-progress kumulattiv sa tmiem is-sena kalendarja preċedenti u tiġi kkonfermata fid-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni. Filwaqt li d-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni hija/huma soġġetta/i għall-opinjoni tal-awditjar, l-informazzjoni dwar il-progress kumulattiv mhux ser tintuża għal skopijiet ta' aċċertament u għalhekk mhux ser tkun soġġetta għal awditi.**

[…]

## TITOLU I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*[Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-"Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà" (il-Fond). Huwa jistabbilixxi regoli dwar:

(a) il-kompiti, l-objettivi prijoritarji, l-organizzazzjoni u r-raggruppament taħt il-Fond ta':

(i) il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni;

(ii) l-istrumenti għall-politika agrikola komuni (il-PAK);

(iii) l-istrumenti għall-politika komuni tas-sajd;

(iv) l-istrumenti ffinanzjati mill-irkant ta' kwoti fil-qafas tas-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva 2003/87/KE biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali tal-introduzzjoni ta' sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli;

(v) l-appoġġ għall-kapaċitajiet ta' sigurtà u ta' difiża.

(b) ir-regoli finanzjarji għall-appoġġ tal-Unjoni li għandu jiġi implimentat permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjanijiet SNR"), il-Pjan Interreg kif stabbilit fir-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, il-Kapitolu II dwar il-Pjan Interreg] (il-"Pjan Interreg") u l-Faċilità tal-UE (il-"Faċilità");

(c) ir-riżorsi finanzjarji għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034.

2. Ir-Regolamenti elenkati hawn taħt jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi biex jikkomplementaw dan ir-Regolament li ma għandhomx ikunu f'kontradizzjoni ma' dan ir-Regolament:

(a) Ir-Regolament XX [li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali inkluż għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) u l-Fond ta' Koeżjoni bħala parti mill-Fond stabbilit fir-Regolament (UE) […] [SNR] u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp reġjonali mill-2028 sal-2034]

(b) Ir-Regolament XX [li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Fond stabbilit fir-Regolament (UE) […] [SNR] u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-impjiegi ta' kwalità, il-ħiliet u l-inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034]

(c) Ir-Regolament XX [li jistabbilixxi l-Politika Agrikola Komuni bħala parti mill-Fond stabbilit fir-Regolament (UE) […] [SNR] u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Unjoni f'konformità mat-Titolu III tal-Parti III TFUE, l-iżgurar ta' standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola u d-disponibbiltà tal-ikel, iż-żieda fil-produttività agrikola, l-istabbilizzazzjoni tas-swieq, u l-appoġġ għas-sigurtà tal-ikel fit-tul mill-2028 sal-2034]

(d) Ir-Regolament XX [li jistabbilixxi l-Politika Komuni tas-Sajd u l-politika marittima tal-Unjoni bħala parti mill-Fond stabbilit fir-Regolament (UE) […] [SNR] u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' …. mill-2028 sal-2034]

(e) Ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

(f) Ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034

(g) Ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għall-perjodu mill-2028 sal-2034

(h) Ir-Regolament (UE) 202X/XXXX li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] fir-rigward tal-iskema tal-frott, il-ħaxix u l-ħalib fl-iskejjel ("skema għall-iskejjel tal-UE"), l-interventi f'ċerti setturi, il-ħolqien ta' settur tal-proteini, ir-rekwiżiti għall-qanneb, il-possibbiltà ta' standards ta' kummerċjalizzazzjoni għall-ġobon, l-għelejjel tal-proteini u l-laħam, l-applikazzjoni ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u regoli dwar id-disponibbiltà tal-provvisti fi żmien ta' emerġenzi u kriżijiet severi, sa fejn ikun rilevanti għall-appoġġ skont dan ir-Regolament.

F'każ ta' dubju dwar l-applikazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-Regolamenti speċifiċi għall-politika msemmija fl-ewwel subparagrafu, dan ir-Regolament għandu jipprevali.]

---

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj).

*Artikolu 1a*

**Applikazzjoni għal Interreg**

1. **L-Artikoli 10(3), 11(2), 11(3), 13(3) sa 13(5), 14(2), 16(3), 16(6), 17(1), 18, 19, 20(1), 20(2), 20(4), 21 sa 48, 49(3), 49(7), 49(10), 50, 51(1)(a), 52, 54 sa 56, 57, 62, 70, 77, 80 sa 83 ma għandhomx japplikaw għall-Pjan Interreg.**

2. **Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "il-Pjan" għandu jinftiehem bħala li jirreferi kemm għall-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali kif ukoll għall-kapitoli tal-Pjan Interreg, ħlief għad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 1(1)(b), l-Artikoli 4(8)(b) u (9), 5(1), 10(2)(c), fejn għandu jirreferi għall-Pjan Interreg.**

**Fir-rigward tal-Pjan Interreg u tal-kapitoli tal-Pjan Interreg skont dan ir-Regolament, it-terminu "Stat Membru" għandu jinftiehem bħala li jirreferi għall-"Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni".**

*Artikolu 2*

**Objettivi ġenerali tal-Fond**

1. Bil-**għan** [...] ġenerali li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-iżvilupp sostenibbli**, it-tkabbir** u l-kompetittività tal-Unjoni, **l-ambjent tagħha,** is-sigurtà tagħha**, ir-reżiljenza tagħha** u l-preparatezza tagħha, il-Fond għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali li ġejjin:

   (a) [...] **l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni tal-Unjoni billi jitnaqqsu** l-iżbilanċi reġjonali fl-Unjoni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea f'konformità mat-Tielet Parti, it-Titolu XVIII TFUE, inkluż l-appoġġ għal proġetti fil-qasam tal-ambjent u n-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 177[…]**, it-tieni paragrafu,** TFUE ("il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni");

(b) l-appoġġ **għall-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni tal-Unjoni billi jittejbu** l-kwalità tal-impjiegi [...], **it-taħriġ, l-**edukazzjoni u l-ħiliet [...] u l-inklużjoni soċjali f'konformità mat-Tielet Parti, it-Titolu XI u t-Titolu XVIII TFUE ("il-Fond Soċjali Ewropew") u **biex jingħata** [...] kontribut għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn in-newtralità klimatika f'konformità mal-Artikolu 91(1), il-punt (d), l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(2) TFUE;

(c) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-PAK tal-Unjoni f'konformità mat-Titolu III [...] **tat-Tielet Parti** TFUE;

(d) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd tal-Unjoni f'konformità mat-**Titolu III tat-**Tielet Parti [...] TFUE;

(e) il-protezzjoni u t-tisħiħ tad-**drittijiet fundamentali, id-**demokrazija **u l-istat tad-dritt** […] u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2 TUE.

**(f) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti skont it-Titolu V stabbilit fir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034 [AMI], ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034 [BMV] u r-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għall-perjodu mill-2028 sal-2034 [IS].**

**Il-Fond għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali fir-reġjuni ultraperiferiċi b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet strutturali soċjali u ekonomiċi tagħhom f'konformità mal-Artikolu 349 TFUE.**

*Artikolu 3*

**Objettivi speċifiċi tal-Fond**

1. L-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jiġu segwiti fir-reġjuni [...] permezz tal-objettivi speċifiċi **rilevanti** [...] kif ġej:

(a) jappoġġa l-prosperità**, il-kompetittività u l-koeżjoni** sostenibbli tal-Unjoni fir-reġjuni kollha billi:

(i) irawwem l-attraenza tat-territorji biex jappoġġa d-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju, inkluż billi jappoġġa strateġiji **territorjali** għall-iżvilupp integrat taż-żoni urbani u rurali, inkluż l-appoġġ għas-servizzi u l-infrastruttura territorjali**, kif ukoll il-mobbiltà sostenibbli**;

(ii) isaħħaħ **il-kompetittività** tal-Unjoni**, inkluż bl-appoġġ tal-**bażi industrijali **u s-setturi tas-servizzi tagħha, b'attenzjoni speċjali għall-kompetittività tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju**, katini tal-provvista reżiljenti u jagħti spinta lill-manifattura sostenibbli u kompetittiva, b'mod partikolari fl-oqsma **tat-teknoloġiji strateġiċi, fosthom** it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u tal-materja prima kritika, [...] billi jintegra bis-sħiħ l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi biex titħaffef tranżizzjoni industrijali nadifa;

(iii) jappoġġa tranżizzjoni ġusta lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030, l-2040 u l-2050 għall-enerġija u l-klima, b'mod partikolari billi jagħti prijorità lill-appoġġ għall-ġenerazzjoni u l-infrastruttura tal-enerġija nadifa, jippromwovi l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni, il-ħżin u t-teknoloġija, jiżviluppa sistemi tal-enerġija intelliġenti u grilji domestiċi ta' trażmissjoni [...] **kif ukoll** […] tan-Network Trans-Ewropew (TEN-E) u t-teknoloġija**,** u jippromwovi **effiċjenza fir-riżorsi u** ekonomija ċirkolari, filwaqt li jiżgura li t-territorji kollha u kulħadd ikun jista' jikkontribwixxi u jibbenefika mit-tranżizzjoni nadifa **u ġusta**;

(iv) jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali**, b'mod partikolari** lejn il-miri u l-objettivi tad-Deċennju Diġitali stabbiliti fil-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kisba ta' Unjoni diġitalment **miftuħa,** sovrana, sigura u inklużiva, u jippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati, inklużi l-infrastruttura u s-servizzi diġitali sikuri u ta' fiduċja tal-IA, ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati, is-servizzi pubbliċi diġitali, u l-konnettività tal-ICT, filwaqt li jindirizza d-distakk diġitali;

(v) jappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, **u l-adozzjoni ta' teknoloġiji, b'mod partikolari fl-SMEs**, inkluż it-tixrid tal-innovazzjoni fir-reġjuni **u s-setturi** kollha, **filwaqt li jitqiesu l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti**;

(vi) jappoġġa miżuri, inklużi riformi biex titmexxa 'l quddiem l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u jitrawwem l-iżvilupp ta' għażliet ta' finanzjament ibbażati fuq is-suq;

(vii) jappoġġa l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli;

(viii) isaħħaħ l-infrastruttura tat-trasport tal-Unjoni u jikkontribwixxi għat-tlestija tan-network trans-Ewropew għat-trasport, b'mod partikolari fuq in-network ewlieni u n-network ewlieni estiż, filwaqt li jiġu dekarbonizzati u mtejba l-konnettività, **il-multimodalità, l-interoperabbiltà,** is-sigurtà u l-aċċessibbiltà għal żoni remoti, periferiċi**, transfruntieri** u inqas konnessi; jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tat-trasport;

(ix) jappoġġa t-turiżmu**, il-wirt naturali u kulturali**, fosthom is-sostenibbiltà;

(x) jappoġġa [...] l-ħarsien tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima, **il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u** [...] r-reżiljenza **għalih, fosthom soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, ġestjoni effiċjenti tal-ilma, tal-ilma mormi u tal-iskart, il-kwalità tal-ilma u r-reżiljenza,** u t-tisħiħ tal-bijodiversità, il-kwalità tal-ħamrija u r-riżorsi naturali, fejn jippromwovi ċ-ċirkolarità, il-bijoekonomija u l-effiċjenza usa' tar-riżorsi, isaħħaħ il-prevenzjoni, **il-mitigazzjoni,** il-kontroll u r-rimedju tat-tniġġis, il-preservazzjoni u r-restawr tan-natura **u tal-ekosistemi**, [...] kif ukoll jippromwovi s-soluzzjonijiet tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fl-ambjent mibni.

(b) jappoġġa l-kapaċitajiet ta' difiża**, ir-reżiljenza, il-preparatezza, il-protezzjoni ċivili** u [...] s-sigurtà tal-Unjoni fir-reġjuni kollha billi:

(i) isaħħaħ il-bażi industrijali tad-difiża tal-Unjoni**, li tappoġġa l-infrastruttura tad-difiża,** u l-mobbiltà militari, b'mod partikolari billi jiġu żviluppati infrastruttura TEN-T b'użu doppju**, kurituri tal-mobbiltà, u konnessjonijiet neqsin**;

(ii) isaħħaħ l-preparatezza tal-Unjoni għall-kriżijiet u d-diżastri**, fosthom it-theddid ibridu, b'mod partikolari** bl-integrazzjoni tal-prinċipju ta' "preparatezza mit-tfassil";

(iii) isaħħaħ is-sigurtà **u l-protezzjoni ċivili** tal-Unjoni**,** billi jittejbu l-kapaċitajiet ta' kxif, prevenzjoni u rispons għat-theddid, inkluż billi jissaħħu **u jiġu protetti** l-infrastruttura kritika […] u ċ-ċibersigurtà;

**(ba)** [...] **jappoġġa** l-objettivi stabbiliti **fir-Regolamenti settorjali skont it-Titolu V tat-Tielet Parti TFUE, kif elenkat hawn taħt**:

- [...] ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034;

- [...] ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034;

- [...] ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034.

(c) isaħħaħ il-koeżjoni soċjali billi jappoġġa lin-nies u jsaħħaħ is-soċjetajiet tal-Unjoni u l-mudell soċjali tal-Unjoni **fosthom permezz tal-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni soċjali** billi:

(i) jappoġġa l-impjiegi, **inkluż l-impjieg taż-żgħażagħ,** l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità u l-mobilità tal-forza tax-xogħol;

(ii) itejjeb il-provvista ta' ħaddiema u jtejjeb l-edukazzjoni**, it-taħriġ** u l-akkwist tal-ħiliet tul il-ħajja, b'mod partikolari billi jippromwovi t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid;

(iii) jippromwovi l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd **u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru**, jappoġġa xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali u jiġġieled kontra **d-diskriminazzjoni, il-privazzjoni materjali,** il-faqar u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar **b'enfasi partikolari fuq it-tfal,** u jappoġġa l-investiment fl-infrastruttura soċjali**, inkluż l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità**;

(iv) jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi u l-infrastruttura assoċjata, [...] inkluż **il-modernizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni** u t-tisħiħ tal-kwalità u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, is-servizzi ta' indukrar tat-tfal u tal-kura fit-tul;

(v) jindirizza l-isfidi tat-tibdil demografiku madwar l-UE, li jinkludu n-nuqqas ta' ħaddiema u d-disparitajiet bejn il-ġenerazzjonijiet u r-reġjuni;

(vi) jindirizza l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

(d) isostni l-kwalità tal-ħajja fl-Unjoni **inkluż agrikoltura, forestrija u sajd kompetittivi, sostenibbli, attraenti u reżiljenti** billi:

(i) jappoġġa introjtu aktar ġust u suffiċjenti għall-bdiewa u l-kompetittività fit-tul tagħhom, inkluża l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur;

(ii) jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel fit-tul**, inkluż billi tiġi appoġġata l-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità għolja u tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur tal-ikel;**

(iii) itejjeb l-attraenza u l-istandards tal-għajxien [...] fiż-żoni rurali u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jrawwem it-tiġdid ġenerazzjonali; itejjeb **il-preparatezza tas-sajjieda, tal-produtturi tal-akkwakultura u tal-bdiewa għal kriżijiet u riskji u l-abbiltà tagħhom li jlaħħqu magħhom**; isaħħaħ l-aċċess għall-għarfien u l-innovazzjoni u jaċċellera t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika għal [...] **setturi agroalimentari, tas-sajd u tal-akkwakultura b'saħħithom**;

(iv) jiżgura s-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni, isaħħaħ l-ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva fiż-żoni kostali, insulari u interni, isaħħaħ l-opportunitajiet soċjoekonomiċi u r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u jiżgura governanza tal-oċeani b'saħħitha fid-dimensjonijiet kollha, b'oċeani sikuri, siguri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli;

(v) isaħħaħ il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-agrikoltura u tal-forestrija biex tiġi promossa azzjoni klimatika reżiljenti, il-forniment ta' diversi servizzi tal-ekosistema, jappoġġa l-ġestjoni effiċjenti tal-ilma, **tal-ilma mormi u tal-iskart,** il-kwalità **tal-ilma** u r-reżiljenza, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, isaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent, isaħħaħ il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, il-ħamrija u r-riżorsi naturali, u jtejjeb **is-saħħa tal-pjanti u s-saħħa u** l-benesseri tal-annimali.

(e) jipproteġi u jsaħħaħ id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, **il-governanza tajba,** l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni billi:

(i) isostni u jiżviluppa aktar soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi, inkluż billi jinbnew il-kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali biex isostnu l-valuri tal-Unjoni, l-edukazzjoni ċivika u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ;

(ii) jippromwovi u jsostni l-istat tad-dritt**, inkluż** permezz tat-tisħiħ tas-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, l-integrità tal-informazzjoni, il-litteriżmu medjatiku, u sistema ta' kontrokontrolli effettiva;

(iii) isaħħaħ l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u l-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali **u l-appoġġ għall-assistenza teknika li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan SNR**;

(iv) jippromwovi l-kultura bħala katalist għall-valuri Ewropej u jappoġġa [...] **setturi** kulturali **u kreattivi** vibranti u varjati.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "liġi applikabbli" tfisser id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali relatata direttament mal-applikazzjoni tiegħu;

**(1a) "perjodu ta' referenza tal-assigurazzjoni" tfisser il-perjodu mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru, ħlief għall-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni, li fir-rigward tiegħu tfisser il-perjodu mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-miżuri skont il-Pjan sat-30 ta' Settembru 2028; għall-aħħar sena ta' implimentazzjoni, tfisser il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2035 sal-31 ta' Diċembru 2035;**

(2) "benefiċjarju" tfisser:

(a) korp tad-dritt pubbliku jew privat, entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, jew persuna fiżika li ma tkunx parteċipant, responsabbli għall-bidu jew kemm għall-bidu kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' operazzjoni skont il-Pjan SNR [...] **jew il-kapitolu tal-**Pjan Interreg u li lilha jkun ngħata d-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ;

(b) fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, il-korp li jimplimenta l-fond ta' parteċipazzjoni jew, fejn ma jkunx hemm struttura ta' fond ta' parteċipazzjoni, il-korp li jimplimenta l-fond speċifiku jew, fejn l-awtorità ta' ġestjoni timmaniġġa l-istrument finanzjarju, l-awtorità ta' ġestjoni;

(c) […] bidwi**kif definit fl-Artikolu 2a [definizzjonijiet] tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament tal-PAK]**

(i) […]

(ii) […]

(3) "kapitolu tal-Pjan SNR" tfisser parti mill-Pjan SNR li tiffoka fuq sfida, settur, politika jew żona ġeografika speċifika, **jew taħlita tagħhom;**

(4) "kuntrattur" tfisser entità jew persuna fiżika li magħha l-benefiċjarju jew ir-riċevitur jidħol f'kuntratt għall-iskop speċifiku li jimplimenta operazzjoni waħda jew aktar jew parti minnha;

**(4a) "korp intermedjarju" tfisser korp pubbliku jew privat li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità ta' ġestjoni, jew li jwettaq funzjonijiet jew kompiti f'isem tali awtorità;**

(5) "riċevitur" tfisser entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, jew persuna fiżika, li ma tkunx parteċipant, li tirċievi riżorsi mill-baġit tal-Unjoni permezz ta' benefiċjarju;

(6) "riċevitur finali" tfisser entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha jew persuna fiżika li ma tkunx parteċipant, li tirċievi appoġġ taħt strument finanzjarju u li tinftiehem bħala riċevitur għall-finijiet tal-Artikolu 38(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

(7) "parteċipant" tfisser persuna fiżika li tibbenefika direttament minn operazzjoni mingħajr ma tibda jew timplimenta l-operazzjoni;

(8) "operazzjoni" tfisser:

(a) [...] proġett, azzjoni jew grupp ta' proġetti jew azzjonijiet [...] li jimplimentaw **attività waħda jew aktar**;

(b) fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji, kontribuzzjoni mill-Pjan SNR u l-Pjan Interreg għal strument finanzjarju u l-appoġġ finanzjarju sussegwenti pprovdut lir-riċevituri finali minn dak l-istrument finanzjarju;

(c) [...] pagament mogħti lill-bdiewa **jew, fejn applikabbli, lil benefiċjarji oħra** taħt interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK bbażati fuq l-erja u l-annimali msemmija fl-Artikolu 35(1) [Tipi ta' intervent], il-punti (a) sa (g), (o) u (p).

(9) "miżura" tfisser riforma, investiment jew intervent […] **ibbażat fuq l-output** fil-livell nazzjonali jew subnazzjonali appoġġat taħt il-Pjan SNR jew il-Pjan Interreg**, li tista' tikkonsisti f'attività waħda jew aktar**;

**(9a) "intervent ibbażat fuq l-output" tfisser intervent li għalih l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni huwa definit b'referenza għal valur ta' unità tal-output immultiplikat bl-għadd ta' outputs miksuba;**

(10) "stadju importanti" tfisser kisba kwalitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta' miżura;

(11) "mira" tfisser kisba kwantitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta' miżura;

(12) "valur tal-iżborż" tfisser l-ammont li għandu jitħallas mill-Kummissjoni lill-Istat Membru għall-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-**Pjan SNR jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg**, b'kont meħud tal-ammonti mwarrba għar-riformi;

**(12a) "strument finanzjarju" tfisser forma ta' appoġġ mogħti permezz ta' struttura li permezz tagħha l-prodotti finanzjar jiġu pprovduti lir-riċevituri finali;**

**(12b) "prodott finanzjarju" tfisser investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità, self u garanziji kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju;**

(13) […]

(14) […]**3**

(15) "azjenda" tfisser l-unitajiet kollha użati għal attivitajiet agrikoli u ġestiti minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati, kif definit fl-Artikolu 52 tat-TUE flimkien mal-Artikoli 349 u 355 TFUE;

(16) […]

(17) "siġilli" tfisser Siġilli ta' Eċċellenza u Siġilli tas-Sovranità mogħtija fl-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni mill-2021 sal-2027 u Siġilli mogħtija taħt programmi tal-Unjoni implimentati f'ġestjoni diretta fil-perjodu 2028-2034 bħas-siġill tal-Kompetittività;

---

[3] […]

(18) "sottokuntrattur" tfisser persuna jew entità li magħha l-kuntrattur ikun ikkonkluda kuntratt biex iwettaq parti minn kuntratt għall-iskop speċifiku li jimplimenta operazzjoni waħda jew aktar jew parti minnhom;

(19) "kriżi" tfisser **kriżi** [...] kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (22) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

(20) "valutazzjoni tal-pilastri" tfisser il-valutazzjoni msemmija fl-Artikoli 157(3) u (4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

(21) […]

[…]

(22) […]

(23) "nefqa pubblika" għall-finijiet tal-PAK **u l-PKS**, tfisser kwalunkwe kontribuzzjoni għall-finanzjament ta' operazzjonijiet li s-sors tagħha jkun il-baġit tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, il-baġit tal-Unjoni magħmul disponibbli għall-Fond, il-baġit ta' korpi tad-dritt pubbliku jew il-baġit ta' assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi tad-dritt pubbliku;

**(23a) "kontribuzzjoni nazzjonali" tfisser kontribuzzjoni privata nazzjonali u kontribuzzjoni pubblika nazzjonali għajr il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni magħmula disponibbli għall-Fond, ħlief madankollu għall-finijiet tal-Artikolu 35(1), (a) sa (k) u (m) sa (s), u 35b, fejn "kontribuzzjoni nazzjonali" għandha tinkludi biss kontribuzzjoni pubblika nazzjonali;**

(24) "rata ta' appoġġ" għall-finijiet tal-PAK **u l-PKS**, tfisser ir-rata tan-nefqa pubblika għal operazzjoni; fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji din tirreferi għall-ekwivalenti ta' għotja gross tal-appoġġ kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ([…]**30**) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) […] **2022/2472**;

(25) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa minn:

(a) bastimenti tas-sajd tal-baħar u tal-ilmijiet interni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 (28); jew

(b) sajjieda bil-mixi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;

(26) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna fiżika **jew ġuridika** involuta f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;

(27) […]

(28) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq intern kollu relatati mal-oċeani, l-ibħra, il-kosti u l-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi s-setturi emerġenti u l-oġġetti u s-servizzi mhux tas-suq, li għandhom l-għan li jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul u li huma konsistenti mal-SDGs, u b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;

(29) "politika marittima **integrata**" tfisser politika tal-Unjoni li għandha l-għan li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet integrat u koerenti biex jiġu massimizzati l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari taż-żoni kostali u insulari u tar-reġjuni ultraperiferiċi, u tas-setturi tal-ekonomija blu sostenibbli, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;

(30) "sigurtà u sorveljanza marittima" tfisser l-attivitajiet imwettqa biex jinftiehmu, jiġu evitati kull fejn ikun applikabbli u ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha relatati mad-dominju marittimu li jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infurzar tal-liġi, id-difiża, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kummerċ u l-interess ekonomiku tal-Unjoni;

(31) "network Ewropew ta' osservazzjoni u data marittima" jew "EMODnet" tfisser sħubija li tiġbor data u metadata marittima sabiex dawk ir-riżorsi frammentati jsiru aktar disponibbli u jistgħu jintużaw aktar mill-utenti pubbliċi u privati billi tiġi offruta data marittima ta' kwalità assigurata, interoperabbli u armonizzata;

(32) "ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li bih l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni tal-baħar biex jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

(33) "osservazzjoni tal-oċeani" tfisser il-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Din tifforma l-bażi tal-fehim tal-ekosistemi tal-baħar u l-fatturi li jinfluwenzawhom. Hija tipprovdi data kritika għall-previżjonijiet meteoroloġiċi, l-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili – il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar, it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura u dejjem aktar is-sigurtà u d-difiża. Hija toħloq il-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u tipprovdi informazzjoni kruċjali dwar kif l-attivitajiet tal-bniedem jinfluwenzaw is-saħħa tal-oċeani u liema servizzi l-oċean jipprovdi lis-soċjetajiet.

(34) "irregolarità" tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jirċievi rimborż mhux ġustifikat ibbażat fuq stadji importanti, miri u riżultati għal dak il-baġit;

**(34a) "nuqqas ta' konformità serju" tfisser defiċjenza fil-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li għalih huwa meħtieġ titjib sinifikanti u fejn kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ewlenin imsemmija fl-Anness IV Tabella 1 jiġi vvalutat bħala mhux konformi fil-kategoriji 3 u 4 tal-Anness IV it-Tabella 2 - Klassifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58 li jagħmel ħsara serja lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni. In-natura, it-tul ta' żmien, il-gravità u l-ambitu tan-nuqqas ta' konformità għandhom jitqiesu kif xieraq;**

(35) "fond ta' parteċipazzjoni" tfisser fond stabbilit taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità ta' ġestjoni taħt kapitolu wieħed jew aktar tal-**Pjan SNR jew taħt kapitoli tal-Pjan Interreg** [...];

(36) "fond speċifiku" tfisser fond li permezz tiegħu awtorità ta' ġestjoni jew fond ta' parteċipazzjoni jipprovdi prodotti finanzjarji lir-riċevituri finali;

(37) "korp li jimplimenta strument finanzjarju" tfisser korp, irregolat mid-dritt pubbliku jew privat, li jwettaq kompiti ta' fond ta' parteċipazzjoni jew ta' fond speċifiku.

(38) ⌊"reġjuni inqas żviluppati" tfisser reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju per capita tal-UE-27 ("reġjuni inqas żviluppati");⌋

(39) ⌊"reġjuni fi tranżizzjoni" tfisser reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa bejn 75 % u 100 % tal-PDG medju per capita tal-UE-27 ("reġjuni fi tranżizzjoni");⌋

(40) ⌊"reġjuni aktar żviluppati" tfisser reġjuni li l-PDG per capita tagħhom huwa 'l fuq minn 100 % tal-PDG medju per capita tal-UE-27 ("reġjuni aktar żviluppati"). ⌋

**(40a) "akkwakultura" tfisser it-tkabbir u l-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi bl-użu ta' tekniki mfassla biex tiżdied il-produzzjoni tal-organiżmi inkwistjoni lil hinn mill-kapaċità naturali tal-ambjent, fejn l-organiżmi jibqgħu l-proprjetà tal-persuna fiżika jew ġuridika matul l-istadju tat-tkabbir u tal-kultivazzjoni, sa u inkluż il-ħsad;**

⌊Il-klassifikazzjoni tar-reġjuni taħt waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni għandha tiġi determinata abbażi ta' kif il-PDG per capita ta' kull reġjun, imkejjel fi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) u kkalkulat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2021-2023, jirrelata mal-PDG medju per capita tal-UE-27 għall-istess perjodu referenzjarju.⌋

Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi l-lista ta' reġjuni li jissodisfaw il-kriterji ta' waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni stabbiliti fil-punti [...] **39 sa 41** u ta' Stati Membri li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2(a) tal-Artikolu 22. ⌊Dik il-lista għandha tkun valida mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034.⌋

*Artikolu 5*

**Ġestjoni tal-Fond**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimplimentaw il-pakkett iffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni u kwalunkwe riżorsa addizzjonali allokata għall-Pjanijiet SNR u l-Pjan Interreg taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu**,** il-punt (b)**,** tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu [...] **7(2)** tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg] [dispożizzjonijiet li jipprevedu l-użu ta' ġestjoni indiretta fil-każ ta' ċerti tipi ta' kooperazzjoni Interreg].

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta t-Titolu IV dwar il-Faċilità taħt ġestjoni diretta, kondiviża jew indiretta f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

3. L-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 10 **(2)(d)** għandha tiġi implimentata taħt ġestjoni diretta jew indiretta, f'konformità mal-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

***Artikolu 5a***

**Appoġġ għal attivitajiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom**

**L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom, dment li dawk l-azzjonijiet jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 [Objettivi speċifiċi]. Tali azzjonijiet għandhom iservu l-interessi tal-politiki interni tal-Unjoni u jkunu konsistenti mal-attivitajiet imwettqa fl-Unjoni.**

*Artikolu 6*

**Sħubija u governanza f'diversi livelli**

1. Għall-Pjan SNR u kull kapitolu, u l-kapitolu tal-Pjan Interreg kif imsemmi fil-Kapitolu II tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg], kull Stat Membru għandu jorganizza u jimplimenta **fil-livell xieraq** sħubija komprensiva f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tiegħu u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-kapitoli kkonċernati. Dik is-sħubija għandha **tissalvagwardja r-rwol tar-reġjuni u** tinkludi rappreżentanza bbilanċjata tas-sħab li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet **nazzjonali,** reġjonali, lokali, urbani, rurali u awtoritajiet pubbliċi oħra jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lil tali awtoritajiet;

(b) is-sħab soċjali u ekonomiċi **rilevanti**, fosthom [...] **, fejn xieraq, rappreżentanti tas-settur agrikolu u tas-sajd** u l-organizzazzjonijiet tagħhom;

(c) il-korpi rilevanti li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, bħas-sħab ambjentali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, id-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri[...]**,** in-non-diskriminazzjoni **u l-korpi tal-ugwaljanza**, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

(d) l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-universitajiet, fejn ikun xieraq.

2. Is-sħubija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1 għandha topera f'konformità mal-prinċipju ta' governanza f'diversi livelli u approċċ minn isfel għal fuq. L-Istat Membru għandu jinvolvi lis-sħab **rilevanti** msemmija f'kull subparagrafu tal-paragrafu 1 fit-tħejjija tal-**Pjan SNR jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg** u [...] matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-kapitoli, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fil-kumitati ta' monitoraġġ, **u fejn rilevanti fil-kumitati ta' koordinazzjoni** f'konformità mal-Artikolu 55.

3. L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubija għandhom jitwettqu f'konformità mal-kodiċi tal-kondotta Ewropew dwar is-sħubija stabbilit bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014. **Is-sħubija tista' sserraħ fuq mekkaniżmi nazzjonali eżistenti.**

4. Fir-rigward tas-sħab imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-Istat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet [...] ikkonċernati mill-kapitoli rilevanti tal-Pjan ikunu rappreżentati b'mod xieraq f'konformità mal-livell territorjali korrispondenti u l-kopertura ġeografika **u settorjali** tal-kapitolu, kif xieraq.

5. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mir-rekwiżiti dwar is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 202X/XX [ġestjoni tal-fruntieri] u r-Regolament (UE) 202X/XX [sigurtà interna] **u għal miżuri li jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) (i)** jekk dan ikun debitament motivat u ssostanzjat mill-Istat Membru fil-Pjan tiegħu. Għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 202X/XX [migrazzjoni, ażil u integrazzjoni], is-sħubijiet għandhom jinkludu awtoritajiet **nazzjonali,** reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet jew assoċjazzjonijiet pubbliċi oħra li jirrappreżentaw tali awtoritajiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal organizzazzjonijiet tar-refuġjati u organizzazzjonijiet immexxija mill-migranti, kif ukoll istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u korpi tal-ugwaljanza, u, fejn ikun xieraq, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab ekonomiċi u soċjali.

6. Mill-inqas darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lis-sħab **imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d),** fil-livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet **SNR jew tal-Pjan Interreg**.

*Artikolu 7*

**Prinċipji orizzontali**

1. ⌊L-Istati Membri għandhom ifasslu l-miżuri fil-Pjan SNR u **fil-kapitoli tal-**Pjan Interreg b'mod li jiżgura r-rispett ta'

(a) il-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092;

(b) id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri għandhom jirrispettaw dawk id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni kollha tal-Pjanijiet rispettivi tagħhom.⌋

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet. B'mod partikolari, l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità għandha titqies matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet.

**2a. L-Istati Membri għandhom ifasslu u jimplimentaw il-miżuri fil-Pjan SNR u l-kapitoli tal-Pjan Interreg b'mod li jiżgura r-rispett tal-prinċipji orizzontali stabbiliti fir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni], jiġifieri fir-rigward tal-klima, l-ambjent u l-bijodiversità, il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", il-politiki soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.**

3. […]

4. L-appoġġ mill-Fond għandu jkun addizzjonali għall-finanzjament [...] nazzjonali.

5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, b'mod proporzjonat mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiżguraw il-koordinazzjoni, il-konsistenza u s-sinerġiji bejn il-Fond u programmi u strumenti oħra tal-Unjoni. Għal dak il-għan, huma għandhom jiżguraw dan li ġej:

(a) il-komplementarjetà u l-konsistenza fost l-istrumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll matul l-implimentazzjoni;

(b) kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni u l-kontroll fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali biex **jiġu segwiti** [...] l-objettivi tal-Fond u s-sinerġiji bejn il-miżuri taħt objettivi differenti tal-Fond.

**5a. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri u operazzjonijiet li huma ffinanzjati b'mod kumulattiv taħt il-Pjan u programm ieħor tal-Unjoni bil-għan li jiġi evitat finanzjament doppju.**

**Il-miżuri jistgħu jirċievu appoġġ minn programmi u strumenti oħra tal-Unjoni dment li:**

**(a) tali appoġġ ma jkoprix l-istess kisbiet bħal fl-istadji importanti, il-miri u l-outputs skont dan ir-Regolament; jew**

**(b) l-appoġġ ikkombinat mill-baġit tal-Unjoni ma jaqbiżx 100 % tal-kostijiet aggregati stmati jew irrapportati tal-operazzjoni ffinanzjata pro rata.**

[…]

*Artikolu 8*

**[…] Konformità mad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali**

1. [L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità tal-miżuri appoġġati mill-Pjanijiet tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea matul l-implimentazzjoni kollha tal-Fond ("kundizzjoni orizzontali tal-Karta").]

Huma għandhom jipprovdu valutazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi, f'konformità mal-Artikolu [...] **22(2b)**, il-punt [...] **(o)** [rekwiżiti għall-Pjan SNR] u jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta.

2. Fejn il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta, kif previst fil-paragrafu 1, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha, **u bil-miżuri affetwati fi ħdan il-Pjan SNR** [...] **b'kont meħud** [...] tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat [...] bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, u [...] informazzjoni rilevanti, inkluż **ir-rapporti speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill** [...] fis-Semestru Ewropew [...] **u r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt maħruġ mill-Kummissjoni, kif ukoll il-ġuriżprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja**.

3. L-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu u l-miżuri ta' rimedju [...] **possibbli**, inkluż bidliet fil-Pjan SNR **u l-Pjan Interreg**, fi żmien xahrejn wara n-notifika tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 2.

4. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta ma ġietx issodisfata, hija għandha **tipproponi lill-Kunsill** […] deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR **u l-Pjan Interreg** affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-paragrafu 3.

**Għall-**[…]fini **ta' dik id-deċiżjoni, l-impatt reali jew potenzjali tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew dwar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu** […] tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta **għandhom jiġu meqjusa kif dovut** [...]**.**

**Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.**

**4a. Għall-Pjan Interreg, kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni meħuda fir-rigward tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiġi applikata esklużivament fir-rigward ta' miżuri li huma affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, b'kont meħud tal-funzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli għal tali nuqqas ta' ssodisfar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Kapitoli Interreg rilevanti.**

(a) […]

(b) […]

5. L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm il-kundizzjoni orizzontali tal-Karta tkun ġiet issodisfata.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta tkun ġiet issodisfata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni orizzontali tal-Karta tkun ġiet issodisfata **kompletament jew parzjalment**, hija għandha **tipproponi lill-Kunsill** iħassar **jew jemenda** d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4. **Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.**

[…]

7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni [...] **lill-**Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi kkonċernati jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret fi żmien sena mill-adozzjoni tagħha. **Sakemm issir il-valutazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' kwalunkwe informazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru kkonċernat f'dik is-sena, it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandux iseħħ.**

8. […]

*Artikolu 9*

**Rispett għall-prinċipji tal-istat tad-dritt**

1. [L-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett tal-prinċipji tal-istat tad-dritt kif stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (a), u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 matul l-implimentazzjoni kollha tal-Fond (il-"kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt"). Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika li jkollha impatt fuq l-issodisfar ta' dik il-kundizzjoni.]

2. Fejn il-Kummissjoni tqis li Stat Membru ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt, [...] hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat bil-valutazzjoni tagħha **u bil-miżuri affetwati fi ħdan il-Pjan SNR**, b'kont meħud [...] tal-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru kkonċernat [...] bi tweġiba għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, u **informazzjoni rilevanti, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill** [...] fis-Semestru Ewropew **u r-rakkomandazzjonijiet fir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt** maħruġ **mill-Kummissjoni, kif ukoll il-ġurizprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja**.

3. L-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu u l-miżuri ta' rimedju [...] **possibbli**, inkluż bidliet fil-Pjan SNR **u l-Pjan Interreg**, fi żmien xahrejn wara n-notifika tal-valutazzjoni skont il-paragrafu [...] **2**.

4. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt ma tkunx issodisfata, hija għandha tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tiddetermina n-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u li tidentifika l-miżuri speċifiċi tal-Pjan SNR **u l-Pjan Interreg** affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru msemmija fil-**paragrafu** [...] **3**.

**Għall-**[…]fini **ta' dik id-deċiżjoni, l-impatt reali jew potenzjali tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew dwar l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll in-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu** […] tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt **għandhom jiġu meqjusa kif dovut** [...].

(a) […]

(b) […]

Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni**.**

**4a. Għall-Pjan Interreg, kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni meħuda fir-rigward tan-nuqqas ta' ssodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt imsemmija fil-paragrafu 4 għandha tiġi applikata esklużivament fir-rigward ta' miżuri li huma affettwati min-nuqqas ta' ssodisfar, b'kont meħud tal-funzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli għal tali nuqqas ta' ssodisfar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Kapitoli Interreg rilevanti.**

5. L-Istat Membru jista' jissottometti applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm il-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt tkun ġiet issodisfata.

6. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni malli jqis li l-ksur tal-kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt ikun ġie rimedjat. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-ksur ikun ġie rimedjat b'mod sħiħ, hija għandha tipproponi lill-Kunsill biex iħassar d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-ksur ikun ġie rimedjat parzjalment, hija għandha tipproponi lill-Kunsill biex jemenda d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 skont dan. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat **u f'konformità mal-paragrafu 4** il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni [...] **lill-**Istat Membru fir-rigward tal-miżuri speċifiċi tal-Pjan ikkonċernat jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx tħassret [fi żmien [sena waħda] mill-adozzjoni tagħha]. **Sakemm issir il-valutazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' kwalunkwe informazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru kkonċernat f'dik is-sena, it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandux iseħħ.**

8. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew bi kwalunkwe deċiżjoni proposta, adottata, emendata jew imħassra skont il-paragrafi 4 u 6.

## TITOLU II
## QAFAS FINANZJARJU

### KAPITOLU 1
### Dispożizzjonijiet komuni

*⌊Artikolu 10*

**Baġit**

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sa Diċembru 2034 għandu jkun ta' EUR 865 076 000 fi prezzijiet kurrenti.

2. Il-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat kif ġej:

   (a) EUR 782 879 000 000 għandhom jiġu allokati għall-Pjanijiet SNR imsemmija fit-Titolu III f'konformità mal-Anness I [Koeffiċjent tal-allokazzjoni], li minnhom:

      (i) Mill-inqas EUR 217 798 000 000 għar-reġjuni inqas żviluppati billi jiġu stabbiliti ammonti minimi għal kull Stat Membru abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness II;

(ii) Mill-inqas EUR 295 700 000 000 għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1) [tipi ta' appoġġ], il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k) u (r) u l-paragrafu 10 u għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35, il-paragrafu 11;

(iii) Mill-inqas EUR 34 215 510 000 kif ġej: EUR 11 975 428 500 kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 202X/XXX [li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034], EUR 15 396 750 000 kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 202X/XXX [li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034] u EUR 6 843 331 500 kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 202X/XXX [li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għall-perjodu mill-2028 sal-2034] għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dawk ir-Regolamenti.

(b) EUR 71 933 000 000 għandhom jiġu allokati għall-Faċilità msemmija fit-Titolu IV;

(c) EUR 10 264 000 000 għandhom jiġu allokati għall-Pjan Interreg imsemmi fil-Kapitolu II tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg];

(d) Sa 0.5 % tal-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 12 [assistenza teknika].

3. Minbarra l-allokazzjoni stabbilita fit-tieni paragrafu, il-punt (a), il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tinkludi EUR 50 100 000 000 mill-ammonti għall-Fond Soċjali għall-Klima stabbiliti fl-Artikolu 30d(4), ir-raba' subparagrafu, il-punti (c) sa (g) tad-Direttiva 2003/87/KE li għandhom jiġu implimentati skont il-Pjanijiet, f'konformità mad-distribuzzjoni stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/955. Dan l-ammont għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

4. Ammont ta' EUR 150 000 000 000 ta' appoġġ fil-forma ta' self għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet tagħhom.

5. Mill-inqas 14 % tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 2 u tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 4 għandhom ikunu ddedikati biex jintlaħqu l-objettivi soċjali tal-Unjoni, ikkalkulati bl-użu tal-koeffiċjenti msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]. L-ammont stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt (a), l-ittra (ii), kif ukoll id-dħul assenjat estern mill-Fond Soċjali għall-Klima, għandhom jiġu esklużi mill-bażi għall-kalkolu ta' din l-allokazzjoni minima.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-ammont massimu li għandu jiġi allokat għal kull Stat Membru billi tapplika l-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, fir-rigward tal-objettivi msemmija fl-Artikoli 2 u 3. ]

*Artikolu 11*

**Riżorsi addizzjonali u użu tar-riżorsi**

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-Fond. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. ⌊Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' miżura skont il-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipproponu li jinkludu fil-Pjan SNR tagħhom, bħala kostijiet stmati, l-ammonti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom isiru mill-Istati Membri għall-programmi jew l-istrumenti tal-Unjoni li jimplimentaw politiki allinjati mal-objettivi tal-Pjan SNR għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-miżura permezz ta' dawk il-programmi jew strumenti. Tali kontribuzzjonijiet jistgħu jsiru wkoll għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja, għall-finanzjament tal-istrument finanzjarju jew għal kwalunkwe ammont ta' appoġġ mhux ripagabbli meta kkombinat mal-garanzija baġitarja jew mal-istrument finanzjarju f'operazzjoni ta' taħlit, taħt l-[Istrument InvestEU tal-FEK]. Il-miżura għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Fejn tali ammonti jikkontribwixxu għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja taħt [l-Istrument InvestEU tal-FEK], dawn għandhom, fejn ikun rilevanti, jiġu kkomplementati minn garanzija back-to-back mill-Istat Membru li tkopri l-obbligazzjoni kontinġenti mhux proviżjonata.⌋

3. L-Istati Membri jistgħu, fil-mument tas-sottomissjoni tal-Pjan **SNR** inizjali tagħhom, jew ma' kwalunkwe talba għal emenda, jitolbu li jirriallokaw parti mill-ammont stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) XX (MIGRAZZJONI), l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) XX (FRUNTIERI) u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) XX (SIGURTÀ) biex jimplimentaw l-objettivi stabbiliti f'xi ieħor minn dawk ir-Regolamenti. Il-Kummissjoni għandha toġġezzjona biss għal talba għar-riallokazzjoni meta tali riallokazzjoni taffettwa l-konformità tal-Pjan **SNR** emendat mar-rekwiżiti tal-Artikolu 22 stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 12*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fond jista' jappoġġa assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Pjan u tal-[…]**Pjanijiet SNR** u **l-kapitoli** tal-Pjan Interreg, bħal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni**, kif ukoll dawk għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet**, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' networks madwar l-UE kollha tal-awtoritajiet tal-Istati Membri **u tal-awtoritajiet reġjonali tagħhom** u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u l-assistenza teknika u amministrattiva l-oħra kollha jew l-ispejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Fond, u fejn ikun xieraq ma' pajjiżi terzi.

2. Il-Fond għandu jappoġġa […] l-assistenza teknika u amministrattiva l-oħra kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd, inkluż il-miżuri ta' kontroll u infurzar tas-sajd, il-kontrolli tas-suq, il-ġbir jew ix-xiri ta' data, inkluż id-data satellitari, id-data ġeospazjali u d-data meteoroloġika, il-monitoraġġ tar-riżorsi, l-iżvilupp u l-manutenzjoni taċ-ċertifikazzjoni elettronika ta' prodotti organiċi u s-sistemi korporattivi relatati tat-teknoloġija tal-informazzjoni, l-iżvilupp, ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet, l-abbrevjazzjonijiet u s-simboli li jirreferu għall-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet skont ftehimiet internazzjonali.

3. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 **u 2** jistgħu jkopru perjodi ta' programmazzjoni preċedenti u sussegwenti.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' finanzjament meta tkun prevista kontribuzzjoni minn dan il-Fond f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

5. Skont l-iskop, l-azzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu ffinanzjati jew bħala nefqa operazzjonali jew bħala nefqa amministrattiva.

6. F'konformità mal-Artikolu 196(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, f'każijiet debitament ġustifikati speċifikati fid-deċiżjoni ta' finanzjament u għal perjodu limitat, l-azzjonijiet ta' assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni appoġġati skont dan ir-Regolament b'ġestjoni diretta u l-kostijiet sottostanti jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2028, anke jekk dawn l-azzjonijiet ikunu ġew implimentati u mġarrba qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-għotja.

*Artikolu 13*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru**

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, il-Fond jista' jappoġġa azzjonijiet, li jistgħu jikkonċernaw **ukoll** perjodi ta' programmazzjoni preċedenti u sussegwenti, meħtieġa għall-implimentazzjoni **u l-koordinazzjoni** effettivi tal-Fond, inkluż **iżda mhux limitat għall-**forniment ta' finanzjament għat-twettiq, fost l-oħrajn, ta' funzjonijiet bħat-tħejjija, it-taħriġ, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, **l-awditu u l-kontroll,** l-evalwazzjoni, l-informazzjoni, il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni**,kostijiet relatati tal-persunal, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sħab involuti fl-implimentazzjoni skont l-Artikolu 6**.

2. L-assistenza teknika lil kull pjan SNR […] għandha tiġi stabbilita bħala rata fissa sa massimu ta' […] **3,5 % għall-Pjan SNR kollu kemm hu, mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Istati Membri li jallokaw dawn ammonti differenti għal kapitoli differenti tal-Pjan Interreg, u sa 8 % għal kull kapitolu tal-Pjan Interreg**. **L-assistenza teknika għandha tapplika** […] għall-ammont inkluż f'kull applikazzjoni għall-pagament skont l-Artikolu 65 [applikazzjonijiet għall-pagament]. Ir-rata fissa għandha tkun **sa 5 % għall-miżuri tal-Pjan SNR li jappoġġaw ir-reġjuni ultraperiferiċi, u sa** 10 % għall-kapitoli tal-Pjan Interreg li jappoġġaw il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-kooperazzjoni fuq il-fruntieri esterni. **L-assistenza teknika għandha titħallas flimkien mal-ammont żborżat għall-istadji importanti, il-miri u l-outputs.**

3. […]

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammonti mħallsa mill-Kummissjoni għall-**assistenza teknika għall-**Pjanijiet SNR jitqassmu b'mod ibbilanċjat […] fil-kapitoli kollha tal-Pjan **SNR** biex jiġu promossi l-objettivi kollha appoġġati**, f'konformità mal-qafas istituzzjonali u amministrattiv tagħhom**.

5. **Minbarra r-rata fissa, l-**Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ **addizzjonali mill-azzjoni rilevanti tal-Faċilità tal-UE** biex iħejju r-riformi inklużi fil-Pjanijiet SNR tagħhom.

**KAPITOLU 2**

**Appoġġ skont il-Pjanijiet**

*[Artikolu 14*

**Impenji Baġitarji**

1. L-impenji baġitarji tal-Unjoni tal-allokazzjoni finanzjarja ta' kull Pjan għandhom isiru mill-Kummissjoni f'pagamenti parzjali annwali f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2028 u l-31 ta' Diċembru 2034 kif ġej (ittondjati):

(a) 15,8 % fl-2028;

(b) 15,5 % fl-2029;

(c) 15,1 % fl-2030;

(d) 14,8 % fl-2031;

(e) 14,4 % fl-2032;

(f) 12,8 % fl-2033;

(g) 11,7 % fl-2034.

2. Ammont ta' flessibbiltà, li jikkorrispondi għal 25 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ta' Stat Membru kif stabbilit fl-Anness I [metodu ta' allokazzjoni], għandu jkun disponibbli biss għall-ipprogrammar kif ġej:

(a) Sa wieħed minn kull ħamsa jista' jintalab minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 34 (Emenda tal-pjan f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi), bl-ammont li jifdal għandu jiġi pprogrammat f'konformità mal-Artikolu 25 (rieżami ta' nofs it-terminu);

(b) tlieta minn kull ħamsa jistgħu jintalbu minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 25 [rieżami ta' nofs it-terminu] li parti minnhom tista' tintalab qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u eċċezzjonali;

(c) wieħed minn kull ħamsa jista' jintalab biss mill-Istat Membru mill-2031, f'konformità mal-Artikolu 34 (Emenda tal-pjan f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi). Mit-30 ta' Ġunju 2033, kwalunkwe ammont mhux ipprogrammat għandu jkun disponibbli għall-ipprogrammar għal kwalunkwe emenda tal-Pjan.

Il-parti tal-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (h), (j), (k) u (r) [tipi ta' intervent] ma għandhiex tingħadd għall-ammont ta' flessibbiltà.

Għall-ammont ta' flessibbiltà, il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 15(1) għandu jibda biss meta l-ammonti jiġu pprogrammati f'konformità mal-punti (a), (b), u (c).

Dan il-paragrafu ma japplikax għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ta' Stat Membru għall-Pjan Interreg.]

*Artikolu 15*

**Diżimpenn**

1. ⌊Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe ammont fi Pjan SNR u fil-kapitolu tal-Pjan Interreg li ma jkunx intuża għall-prefinanzjament, f'konformità mal-Artikolu 17 [prefinanzjament] jew li għalih ma tkunx ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-pagament f'konformità mal-Artikoli 65 [sottomissjoni u valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament], sal-31 ta' Ottubru tas-sena kalendarja ta' wara s-sena tal-impenji baġitarji.⌋

2. L-ammont ikkonċernat mid-diżimpenn għandu jitnaqqas bl-ammonti ekwivalenti għal dik il-parti tal-impenn baġitarju li għaliha:

   (a) l-operazzjonijiet jiġu sospiżi bi proċediment legali jew b'appell amministrattiv li jkollu effett sospensiv; jew

   (b) ma kienx possibbli li ssir applikazzjoni għall-pagament għal raġunijiet ta' force majeure li jaffettwaw serjament l-implimentazzjoni tal-Pjan SNR kollu jew ta' parti minnu jew tal-kapitolu tal-Pjan Interreg.

   L-awtoritajiet nazzjonali li jiddikjaraw force majeure kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandhom juru l-konsegwenzi diretti tal-force majeure fuq l-implimentazzjoni tal-**Pjan** […] kollu jew ta' parti minnu.

3. Sal-31 ta' Jannar, l-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), għall-**ammonti** […] li għandhom jiġu ddikjarati sal-31 ta' […] **Ottubru** tas-sena preċedenti.

4. ⌊L-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-diżimpenji f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 u l-Artikoli 8 [Karta] u 9 [kundizzjoni orizzontali tal-istat tad-dritt] ta' dan ir-Regolament jistgħu jerġgħu jsiru disponibbli għall-użu taħt strumenti jew programmi oħra tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija tal-Ewropa, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.⌋

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-ammonti magħmulin disponibbli bħala dħul assenjat esternament u l-paragrafi 1 sa 3 ma għandhomx japplikaw għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35(1), **il-punti mill-**(a) sa (g) [tipi ta' intervent].

*Artikolu 16*

**Proċedura għad-diżimpenn**

1. Abbażi tal-informazzjoni li tkun irċeviet sal-31 ta' Jannar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru dwar l-ammont tad-diżimpenn.

2. L-Istat Membru għandu jkollu xahrejn mill-informazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 biex jaqbel mal-ammont li għandu jiġi diżimpenjat jew biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. Fejn id-diżimpenn ikun jikkonċerna ammonti impenjati taħt il-Pjan SNR, l-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba għal emenda tal-Pjan SNR sat-30 ta' Ġunju li tirrifletti […] l-ammont imnaqqas ta' appoġġ. L-**ammont imnaqqas** […] għandu jitqassam fil-Pjan SNR […] **waqt li jitqies** il-progress miksub fil-miżuri ta' implimentazzjoni fil-kapitoli kollha tal-Pjan SNR.

4. Għall-Pjan Interreg, l-impenji finanzjarji għandhom isiru fil-livell tal-kapitolu. Fejn id-diżimpenn ikun jikkonċerna ammonti impenjati taħt kapitolu Interreg, l-Istat Membru li jospita l-awtorità ta' ġestjoni għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba għal emenda tal-kapitolu Interreg sat-30 ta' Ġunju li tirrifletti l-ammont imnaqqas ta' appoġġ.

**4a. Wara l-proċedura ta' diżimpenn li tinsab f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' finanzjament riveduta, kif stabbilit fl-Artikolu 23(7). Il-Kunsill għandu jiġi infurmat dwar il-Pjan SNR emendat. L-emenda tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill stabbilita fl-Artikolu 23(1) għandha tkun meħtieġa biss meta emenda sussegwenti tal-Pjan tkun teħtieġ tali deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 24(5). Għall-kapitolu tal-Pjan Interreg, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 20XX/XXXX [ir-Regolament dwar il-FEŻR].**

5. Fin-nuqqas ta' sottomissjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kontribuzzjoni mill-Fond għas-sena kalendarja kkonċernata, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru f'konformità ma' dawk il-paragrafi. **Għall-Pjan SNR, l-ammont imnaqqas għandu jitqassam fil-Pjan SNR waqt li jitqies il-progress miksub fil-miżuri ta' implimentazzjoni fil-kapitoli kollha tal-Pjan SNR.**

**Għall-Pjan Interreg, bħala riżultat ta' diżimpenn, l-ammonti tal-kapitolu kkonċernat dwar il-Pjan Interreg biss għandhom jitnaqqsu.**

6. […]

*Artikolu 17*

**Prefinanzjament**

1. ⌊Soġġett għall-adozzjoni mill-Kunsill tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 23 u għad-disponibbiltà tal-fondi, il-Kummissjoni għandha tagħmel pagament ta' prefinanzjament. L-ammont ta' prefinanzjament għandu jkun ta' ⌊10⌋ % tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 14 [impenji baġitarji] u għandu jitħallas f'segmenti fuq ⌊tliet⌋ snin konsekuttivi, kif ġej: ⌊4⌋ % fl-2028, ⌊3⌋ % fl-2029, u ⌊3⌋ % fl-2030. Fejn id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tiġi adottata mill-Kunsill wara l-31 ta' Lulju 2028, għandhom jitħallsu biss is-segmenti tal-2029 u tal-2030.

2. Il-Kummissjoni għandha tħallas prefinanzjament ta' ammont ta' ⌊12⌋ % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-Fond għal kull kapitolu tal-Pjan Interreg, kif stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni li japprova l-kapitolu tal-Pjan Interreg skont l-Artikolu 8 tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg], soġġett għall-fondi disponibbli. Dak l-ammont għandu jitħallas fi⌊tliet⌋ segmenti ugwali ta' ⌊4⌋ % fuq [tliet] snin konsekuttivi.⌋

Meta kapitolu tal-Pjan Interreg jirċievi appoġġ mill-Istrument Ewropa Globali, jistgħu jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għall-prefinanzjament b'deroga minn dan il-paragrafu fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 8 tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg] [Approvazzjoni u emenda tal-Pjan Interreg].

3. L-ammonti mħallsa bħala prefinanzjament għandhom jiġu approvati mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-wasla tal-pakkett ta' aċċertament annwali għall-aħħar sena ta' implimentazzjoni.

*[Artikolu 18*

**Talba għal appoġġ fil-forma ta' self**

1. It-talba għal appoġġ fil-forma ta' self minn Stat Membru għandha tistabbilixxi dan li ġej:

(a) l-ammont tal-appoġġ fil-forma ta' self mitlub;

(b) il-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 [Tħejjija u sottomissjoni tal-Pjan] li għandhom jiġu ffinanzjati mill-appoġġ fil-forma ta' self;

(c) il-ħtiġijiet finanzjarji marbuta mal-miżuri msemmija fil-punt (b);

(d) spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex il-kost stmat tal-Pjan SNR ikun ogħla mit-total tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali.

2. L-appoġġ fil-forma ta' self ma għandux ikun ogħla mid-differenza bejn il-kostijiet totali stmati tal-Pjan, kif rivedut fejn rilevanti, u t-total tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self sal-31 ta' Jannar 2028.

4. Il-Kummissjoni għandha talloka l-ammonti ta' appoġġ fil-forma ta' self imsemmija fl-Artikolu 10(4) lill-Istati Membri filwaqt li tqis il-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza. Is-sehem tas-self mogħti lit-tliet Stati Membri li jirrappreżentaw l-akbar sehem tas-self mogħti ma għandux jaqbeż is-60 fil-mija tal-ammont massimu msemmi fl-Artikolu 10(4).

Fejn, wara l-allokazzjoni tas-self imsemmi fil-paragrafu 3, ikun baqa' disponibbli ammonti għall-appoġġ fil-forma ta' self, il-Kummissjoni tista' tippubblika sejħiet ġodda għal espressjonijiet ta' interess għal appoġġ fil-forma ta' self. F'każ bħal dan, il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 19 għandha tapplika mutatis mutandis.

5. Is-self għandu jitħallas soġġett għat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri f'konformità mal-Artikolu 65 [applikazzjoni għall-pagament].

6. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self f'konformità mal-Artikolu 23 [Proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill].⌋

*⌊Artikolu 19*

**Ftehim ta' self u operazzjonijiet ta' teħid u ta' għoti b'self**

1. Sabiex tiffinanzja l-appoġġ taħt il-Pjan fil-forma ta' self, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa fis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 224 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. Mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 23 [Proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill], il-Kummissjoni għandha tidħol fi ftehim ta' self mal-Istat Membru. Minbarra l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-ftehim ta' self għandu jistabbilixxi l-ammont massimu ta' self, il-perjodu ta' disponibbiltà, id-durata massima ta' kull żborż tas-self u t-termini u l-kundizzjonijiet dettaljati tal-appoġġ. Tali ftehimiet jista' jkun fihom ukoll l-ammont tal-prefinanzjament u r-regoli dwar l-ikklerjar tal-prefinanzjament. ⌋

*⌊Artikolu 20*

**Kontribuzzjoni nazzjonali għall-istima tal-kostijiet**

1. Ir-rata minima ta' kontribuzzjoni nazzjonali għall-istima tal-kostijiet ta' miżura tal-Pjan **SNR** ma għandhiex tkun inqas minn:

(a) ⌊15⌋ % għar-reġjuni inqas żviluppati;

(b) ⌊40⌋ % għar-reġjuni fi tranżizzjoni;

(c) ⌊60⌋ % għar-reġjuni aktar żviluppati.

2. Fejn għal miżura partikolari, ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat il-proporzjon ta' implimentazzjoni f'**kategorija partikolari ta' reġjun** […], ir-rata ta' kontribuzzjoni nazzjonali għall-istima tal-kostijiet ma għandhiex tkun inqas mill-medja ponderata għall-popolazzjoni tar-rati ta' kontribuzzjoni applikabbli tar-reġjuni tagħha stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. Ir-rata ta' kontribuzzjoni nazzjonali fil-livell ta' kull kapitolu tal-Interreg ma għandhiex tkun inqas minn ⌊20⌋ %. Ir-rata għandha titnaqqas b'[⌊5⌋] punti perċentwali għall-kapitoli li jappoġġaw il-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-kooperazzjoni […] dwar il-fruntieri esterni.

4. Ma għandha tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35**(1)**, il-punti (a), (b), (c) u (g). Ma għandu jiġi pprovdut l-ebda finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawk l-interventi. Kwalunkwe rata ta' kontribuzzjoni li tidderoga minn dawk tal-paragrafu 1 stabbilita għall-interventi msemmija fit-Titolu V, inkluż fejn ma tintalab l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali, għandha tapplika biss għal ammont totali ta' interventi li ma jaqbiżx **it-total tas-**sehem tal-Istat Membru tal-ammont stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii), kif stabbilit fl-Anness I **u kwalunkwe ammont addizzjonali pprogrammat f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2)(b) għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1)(a), (b), (c) u (g)**.

5. **Għal interventi fil-qasam tal-Affarijiet Interni relatati mar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja, it-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-iskema ta' tranżitu speċjali, u l-kostijiet operazzjonali tal-ETIAS, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda kontribuzzjoni nazzjonali. Għal interventi oħra fil-qasam tal-Affarijiet Interni, il-linja bażi għall-kofinanzjament tal-Unjoni mhux ser tkun ogħla minn [X] %.]**

## TITOLU III
## PJANIJIET TA' SĦUBIJA NAZZJONALI U REĠJONALI

### KAPITOLU 1
### Tħejjija u adozzjoni tal-Pjan SNR

*Artikolu 21*

**Tħejjija u preżentazzjoni tal-Pjan SNR**

1. [Kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni l-Pjan SNR li jistabbilixxi l-aġenda tiegħu ta' riformi, investimenti u interventi oħra. Kull Pjan **SNR** għandu jinkludi miżuri li jiffurmaw pakkett komprensiv u koerenti.] […]

2. Kull Stat Membru għandu jħejji u jimplimenta l-Pjan **SNR** f'**konformità mal-prinċipji tas-**sħubija […] **u l-governanza f'diversi livelli** kif stabbilit fl-Artikolu 6 [Sħubija **u governanza f'diversi livelli**], inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali […]. [Il-Pjan **SNR** għandu jinkludi kapitoli nazzjonali, settorjali u, jekk rilevanti, reġjonali u territorjali.] **L-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ikunu involuti, f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tal-Istat Membru, fit-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Pjan SNR, inkluż, fejn xieraq, il-kapitoli reġjonali. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jimplimenta kapitoli reġjonali għal elementi tal-Pjan SNR, mal-awtoritajiet reġjonali responsabbli għall-kapitoli rispettivi, dawn l-awtoritajiet jistgħu jinnegozjaw u jinteraġixxu direttament mal-Kummissjoni f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru.**

3. Il-miżuri li l-implimentazzjoni tagħhom tkun bdiet […] **mill-**1 ta' Jannar 2028 biss**, jew it-tieni fażi ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 79,** għand80hom ikunu eliġibbli għall-finanzjament dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolamenti elenkati fl-Artikolu 1, il-paragrafu […] **2, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 80(2)**.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-nefqa relatata mal-impenji legali lill-benefiċjarji mġarrba fl-interventi ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/2115**, ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999, ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013** tista' tkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni, dment li tali nefqa tiġi […] **inkluża** fil-Pjan SNR rilevanti f'konformità ma' dan ir-Regolament […]**,** ir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] **u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar l-OKS]**.

*Artikolu 22*

**Rekwiżiti għall-Pjan SNR**

1. Kull Pjan SNR […] għandu jistabbilixxi l-elementi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-mudell li jinsab fl-Anness V.

2. Il-Pjan SNR għandu:

(a) jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 […] **billi jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-**objettivi speċifiċi stabbilit fl-Artikolu 3**(1)(a) sa (e). Għal dak l-għan, il-Pjan SNR għandu jikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fis-subparagrafi tal-Artikolu 3(1)(a) sa (e) li huma rilevanti għall-Istat Membru**, filwaqt li jitqiesu **l-ħtiġijiet u** l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru **u tar-reġjuni** kkonċernati […]**. Il-Pjan SNR għandu** jipprevedi strateġija ta' intervent li turi kif dawk l-objettivi ser jiġu indirizzati u ffinanzjati mill-Pjan **SNR**, liema livell ta' finanzjament huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-kisba tal-objettivi ġenerali, u kif dak il-livell ta' finanzjament huwa ġġustifikat. Il-**Pjanijiet** […] SNR ta' **Stati Membri** […] b'ING per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni għandhom juru […] **kif ser jindirizzaw** […] l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3**(1)**(a), il-punti ([…]**viii**) u […] **(x)**, u l-Artikolu 3**(1)**(d), il-punt (v) **li jikkorrispondu għall-oqsma stabbiliti fl-Artikolu 177(2) TFUE fil-livell tal-Istat Membru**.

(b) **j**jindirizza b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati jew subsett sinifikanti minnhom:

(i) fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru, inklużi dawk relatati mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

(ii) f'dokumenti rilevanti oħra adottati jew ivvalutati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 [objettivi speċifiċi], inklużi r-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], ir-rakkomandazzjonijiet tad-Deċennju Diġitali bbażati fuq l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, u l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima;

(iii) f'dokumenti u strateġiji rilevanti adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà interna, il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, il-politika dwar il-viżi u l-ażil u l-migrazzjoni, b'kont meħud tal-arkitettura tal-IT ta' Schengen, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/922, il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2303.]

**2a.** L-Istat Membru għandu jagħti spjegazzjoni dwar kif l-**objettivi ġenerali u speċifiċi, il-ħtiġijiet speċifiċi u** l-isfidi u r-rakkomandazzjonijiet **rilevanti** speċifiċi għall-pajjiż huma indirizzati mill-Pjan SNR**. [Meta tivvaluta dawn ir-rekwiżiti, il-Kummissjoni għandha tqis l-allokazzjoni finanzjarja kif ukoll l-ambitu u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż tal-Istat Membru kkonċernat, il-prinċipji tat-trattament ugwali u tal-proporzjonalità u jekk ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi humiex indirizzati fi pjanijiet nazzjonali oħra jew f'dokumenti adottati fil-** […]livell[…] **tal-UE].**

**2b. Barra minn hekk, il-Pjan SNR għandu:**

(a) ikun konsistenti […], mal-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali ta' terminu medju skont ir-Regolament (UE) 2024/1263, mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr skont ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]; u mal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali għad-deċennju diġitali skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];

(b) jikkontribwixxi għat-tlestija tas-Suq Uniku, b'mod partikolari billi jipprevedi miżuri b'dimensjoni transfruntiera, tranżnazzjonali jew multinazzjonali, inkluż billi jqis proġetti li jinsabu fuq in-network ewlieni u n-network ewlieni estiż kif definit fir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], billi jqis u jippermetti, permezz ta' żviluppi tan-networks nazzjonali, proġetti ta' interess komuni kif definiti fir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], u billi jappoġġa Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs) u operazzjonijiet li ngħataw Siġill […] , u billi jimplimenta miżuri li jirfdu l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti;

---

4 Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj).

5 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).

6 Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2481/oj).

7 Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1679/oj).

8 Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE)

(c) ⌊jipprovdi l-lista u d-deskrizzjoni tal-miżuri miġbura f'kapitoli, inklużi l-objettivi ġenerali u speċifiċi li kull waħda minnhom issegwi primarjament u l-lista tal-istadji importanti u l-miri previsti, bid-data indikattiva tat-tlestija tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi l-miżuri addizzjonali u l-istadji importanti u l-miri relatati f'każ li l-Istat Membru kkonċernat jitlob appoġġ fil-forma ta' self.⌋ […]] **Ir-riformi li għandhom jiġu inklużi fil-Pjan SNR** għandhom […] **jirrispettaw il-qafas istituzzjonali u legali tal-Istat Membru kkonċernat. Mingħajr preġudizzju għar-**rekwiżiti stabbiliti f'**dan** l-Artikolu […]**, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwarrbu l-valuri tal-iżborż għar-riformi mill-investimenti u interventi oħra pprogrammati fl-istess livell ta' governanza nazzjonali jew reġjonali**. L-indikaturi proposti għall-**istadji importanti finali jew il-**miri għandhom ikunu bbażati fuq l-indikaturi tal-output elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] […]**, dment li l-ebda wieħed minn dawk l-indikaturi ma jkun adegwat, f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].**

**Għall-investimenti, il-valuri tal-iżborż għandhom jiġu ffinanzjati mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni allokata għall-investiment ikkonċernat wara li jitnaqqsu l-ammonti mwarrba għar-riformi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu minn liema investiment(i) għandhom inaqqsu l-ammonti mwarrba għar-riformi. Għar-riformi, il-valuri tal-iżborż għandhom jiġu ffinanzjati mill-parti tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-investimenti li tkun twarrbet għar-riformi.**

2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/869/oj).

**Il-miżuri marbuta mal-PAK għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu V [PAK] ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u r-Regolament (UE) 202X/XXXX [OKS] u dawk marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd mar-rekwiżiti stavbbiliti fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [PKS].**

(d) jistabbilixxi l-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness V, bħala parti mill-Pjan **SNR** jew minn talba għall-emenda tiegħu, għal ammont totali mill-inqas ekwivalenti għas-somma tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni **eskluż l-assistenza teknika**, kwalunkwe self mitlub, u kontribuzzjoni nazzjonali, flimkien ma' informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni fejn rilevanti, appoġġat minn ġustifikazzjoni xierqa u minn spjegazzjonijiet ta' kif huwa plawżibbli u raġonevoli u f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza, il-ġestjoni finanzjarja għaqlija u proporzjonat għall-impatt ekonomiku u soċjali mistenni. L-ammont mhux ipprogrammat imwarrab bħala ammont ta' flessibbiltà għandu jitqies bħala parti mill-kostijiet totali stmati tal-miżuri**. Għall-finijiet ta' plawżibbiltà u raġonevolezza, il-VAT rekuperabbli ma għandhiex tiġi inkluża fil-kostijiet totali stmati tal-miżura**;

(e) jistabbilixxi arranġamenti […] għall-**koordinazzjoni,** il-monitoraġġ[…]**,** l-implimentazzjoni **u l-awditu** effettivi tal-Pjan **SNR** mill-Istat Membru kkonċernat, inkluż l-awtoritajiet responsabbli u l-kumitati ta' monitoraġġ li jirriflettu l-objettiv li tiġi stabbilita sistema robusta ta' multigovernanza bbażata fuq il-prinċipju ta' sħubija, l-approċċ previst għall-**informazzjoni,** il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà, identifikazzjoni tal-ħtiġijiet potenzjali ta' appoġġ tekniku, kif ukoll arranġamenti […] bejn l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali f'termini tar-responsabbiltajiet għall-**koordinazzjoni,** l-ipprogrammar, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-monitoraġġ**, l-awditu** u l-evalwazzjoni, f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tal-Istat Membru;

(f) **ikollu l-għan li** jnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali f'reġjuni inqas żviluppati, fi tranżizzjoni u aktar żviluppati **u bejniethom**, **inkluż permezz ta' miżuri tal-politika ta' koeżjoni,** b'mod partikolari billi:

(i) jalloka r-riżorsi lir-reġjuni inqas żviluppati, lir-reġjuni fi tranżizzjoni u lir-reġjuni aktar żviluppati, f'konformità mal-isfidi speċifiċi tagħhom, li għandhom jiġu rrappurtati fl-Anness V abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII;

(ii) jikkonċentra r-riżorsi fuq reġjuni inqas żviluppati billi jistabbilixxi ammonti minimi għal kull Stat Membru abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness II;

(iii) jiffoka fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntiera **esterna**, **inkluż reġjuni li jmissu mar-Russja, il-Belarussja jew l-Ukrajna,** reġjuni tat-Tramuntana skarsament popolati, iż-żoni rurali u urbani, iż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, il-gżejjer, li għandhom jiġu rrappurtati fl-Anness V abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII;

(iv) isaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi**, filwaqt li jitqiesu l-periferiċità, l-insularità, id-daqs, id-dipendenza ekonomika u l-vulnerabbiltà tagħhom għat-tibdil fil-klima**; għandu jiġi stabbilit f'miżuri ddedikati għat-territorji kkonċernati f'konformità mal-**Artikolu 349 TFUE u** l-Artikolu 46 [**Reġjuni ultraperiferiċi**];

**(iva) isaħħaħ il-kompetittività u l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni għat-tkabbir sostenibbli u l-impjieg abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni, inkluż billi jsir użu minn strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u strateġiji ta' tranżizzjoni ġusta.**

(g) **jalloka** […] riżorsi fi:

(i) l-appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu, f'konformità mal-Artikolu […] **15** tar-Regolament XX [PAK, tiġdid ġenerazzjonali], kif ukoll fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura;

(ii) miżuri soċjali f'konformità mal-Anness VI [allokazzjonijiet soċjali].

(iii) l-appoġġ għall-**implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-PKS,** is-sajd **u** […] l-akkwakultura, inkluż is-sajd fuq skala żgħira […] kif jinsab fir-Regolament UE XX [PKS], kif ukoll **l-appoġġ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-Unjoni u l-ġbir, l-il-ġestjoni u l-użu ta data dwar is-sajd u l-akkwakultura neċessarja għall-implimentazzjoni tal-PKS** […] f'konformità mal-Anness V**, il-punt 1.8 [**il-mudell tal-Pjan […] **SNR];**

**(iiia) l-appoġġ għall-attivitajiet marittimi u l-Patt Ewropew għall-Oċeani f'konformità mal-Anness V [il-mudell tal-Pjan SNR].**

(h) jikkontribwixxi b'mod effettiv għal:

(i) il-promozzjoni tal-użu tal-[…]**inizjattivi** kif imsemmi fl-Artikolu 74 [**inizjattivi** […] ta' kooperazzjoni], inkluż l-investiment territorjali integrat fil-bliet, u fiż-żoni urbani, rurali u kostali, l-iżvilupp immexxi mill-komunità, **inkluż LEADER,** jew għodod territorjali oħra […];

(ii) it-titjib tar-reżiljenza tal-azjendi agrikoli u l-ġestjoni tar-riskji fil-livell tal-azjendi agrikoli u l-appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali u mmexxija mid-data tal-agrikoltura u taż-żoni rurali biex jissaħħu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tagħhom;

(iii) **l-avvanz** fl-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [PAK - Oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi].

(i) jippromwovi s-sħubija, l-iskambju tal-għarfien u, kif rilevanti, id-distribuzzjoni tal-prodotti agrikoli billi jistabbilixxi:

(i) liema partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati, kif intgħażlu, kif ġew żgurati r-rappreżentanza u l-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess tagħhom u kif l-input tagħhom huwa rifless fil-Pjan **SNR** f'konformità mal-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija**9**, u billi jinkludi sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni mwettaq għat-tħejjija tal-Pjan **SNR** u ta' kull kapitolu;

(ii) Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli inkluż l-organizzazzjoni tagħha stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK – Sistema tal-għarfien u tal-innovazzjoni agrikoli u servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli];

---

[9] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 tas-7 ta' Jannar 2014 dwar il-kodiċi tal-kondotta Ewropea dwar sħubija fil-qafas ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1).

(iii) il-modalitajiet għall-iskema għall-iskejjel tal-UE f'konformità […] mal-Parti II**, it-Titolu I**, il-Kapitolu IIa tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(j) jispeċifika l-mod li bih il-Pjan SNR u l-implimentazzjoni tiegħu jikkonformaw mal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu […] **3 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [Regolament dwar il-PAK]**, inkluż deskrizzjoni tal-prattiki protettivi msemmija fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom, il-bdiewa u benefiċjarji oħra soġġetti għall-prattika u sommarju tal-prattika protettiva, u l-komplementarjetà bejn l-elementi tal-intendenza tal-azjendi agrikoli u l-miżuri rilevanti appoġġati skont il-Pjan SNR;

(k) jispjega kif is-sistema u l-arranġamenti tal-Istat Membru huma suffiċjenti biex jiżguraw użu regolari, effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni, f'konformità mal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, abbażi tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati nuqqasijiet potenzjali;

(l) jispeċifika l-arranġamenti fis-seħħ biex jiżgura li fil-każ ta' interruzzjoni tal-iskadenzi għall-pagamenti jew sospensjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, korrezzjonijiet finanzjarji jew miżuri oħra biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jkomplu l-pagamenti **dovuti** lill-benefiċjarji, lir-riċevituri, lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lill-parteċipanti**, għajr fejn l-entità kkonċernata tkun responsabbli għall-applikazzjoni ta' tali miżura**;

(m) fejn xieraq, jipprovdi […] awtovalutazzjoni […] li tidentifika kwalunkwe […] **riskju għas-sigurtà, inkluż riskji għas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni b'mod partikolari fl-oqsma tal-industriji tat-teknoloġija nadifa/newtralità karbonika, infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi, materja prima kritika u difiża**, u jiddeskrivi fid-dettall kif dawk ir-[…]**riskji** ser jiġu indirizzati […].

(n) […] **jispjega** il-koerenza tal-Pjan **SNR** u s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi msemmija fl-Artikoli 2 u 3 […];

(o) jipprovdi awtovalutazzjoni tal-konformità mal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta msemmija fl-Artikolu 8 [Artikolu tal-Karta];

(p) jispeċifika l-mod li bih il-Pjan **SNR** u l-implimentazzjoni prevista tiegħu jiżguraw ir-rispett tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt imsemmija fl-Artikolu 9 [kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt], […] **u** s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa fil-qafas tal-aħħar Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew, flimkien ma' miżuri biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi identifikati speċifiċi għall-pajjiż.

(q) ⌊jiżgura li l-Pjan SNR jikkontribwixxi għall-objettivi soċjali tal-Unjoni. Mill-inqas 14 % tal-kontribuzzjoni u tas-self totali tal-Unjoni għandhom ikunu ddedikati biex jintlaħqu dawn l-objettivi, ikkalkulati bl-użu tal-koeffiċjenti msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]. L-ammont stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii), kif ukoll id-dħul assenjat esternament mill-Fond Soċjali għall-Klima għandhom jiġu esklużi mill-bażi għall-kalkolu ta' din l-allokazzjoni minima.⌋

(r) jiżgura li l-Pjan SNR jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni. Perċentwal minimu tal-allokazzjoni totali tal-Unjoni tal-Pjan SNR għandu jkun iddedikat biex jintlaħqu dawn l-objettivi, li jikkorrispondi għall-mira speċifika ta' nfiq għall-klima u l-ambjent imsemmija fl-⌊Anness III tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] **u applikat f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) …/… [Regolament dwar il-Prestazzjoni].**⌋

[…]

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 87 [Eżerċizzju tad-delega] biex temenda l-mudell li jinsab fl-Anness V **sabiex taġġusta l-kampijiet tad-data fejn ikun debitament iġġustifikat**. **L-emendi għandhom ikunu limitati għal elementi tekniċi u mhux essenzjali tal-mudell.**

*Artikolu 23*

**Proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill**

1. [Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan jew il-Pjan emendat ippreżentat mill-Istat Membru u l-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament fi żmien erba' xhur mis-sottomissjoni tiegħu u tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. Meta twettaq il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Pjan SNR jikkonforma mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-Artikolu 22.]

2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet lill-Istati Membri u titlob informazzjoni addizzjonali.

[…]

L-Istat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba u, jekk ikun meħtieġ, jirrieżamina l-Pjan **SNR** tiegħu, b'kont meħud tal-osservazzjonijiet u […] **s-suġġerimenti** magħmula mill-Kummissjoni. L-[…]**iskadenzi** stabbiliti f'[…]**dan l-Artikolu** għandhom jiġu […] **sospiżi** mill-jum tax-xogħol wara d-data […] li fiha l-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha jew talba għal dokumenti riveduti lill-Istat Membru u sakemm l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni.

3. Fejn il-Pjan **SNR** ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika raġunament debitament ġustifikat lill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1.

4. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Pjan **SNR** jikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill għandha tistabbilixxi:

(a) il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni.

(b) l-ammont tal-appoġġ fil-forma ta' self meta l-Istat Membru kkonċernat jagħmel tali talba; u l-ammont relatat ta' prefinanzjament, kif ukoll il-perjodu ta' disponibbiltà tas-self;

(c) il-lista ta' miżuri koperti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni u s-self li jinsabu fil-Pjan SNR;

5. F'każijiet debitament ġustifikati, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li miżura waħda jew aktar tal-Pjan **SNR** ma tikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1,[…], tista' tinkludi fil-proposta tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 4 identifikazzjoni tan-nuqqasijiet li jaffettwaw dawk il-miżuri.

6. Il-Kunsill**, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni u** għandu jadotta d-[…]**deċiżjoni** ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat […] **mill-wasla** tal-proposta tal-Kummissjoni. **L-Istat Membru għandu jagħmel il-Pjan SNR approvat disponibbli għall-pubbliku fuq sit web.**

7. […] **Fi żmien erba' ġimgħat wara li** l-Kunsill ikun adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, li tinkludi dan li ġej:

(a) l-istadji importanti […]**,** il-miri **u l-outputs** fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-miżuri li jinsabu fil-Pjan SNR, u għal kull wieħed minnhom, il-valur tal-iżborż korrispondenti;

(b) il-kontribuzzjoni **totali** tal-Unjoni kull sena, ibbażata fuq il-perċentwali stabbiliti fl-Artikolu 14(1) [impenji]**, kif stabbilit fl-Anness I [metodu ta' allokazzjoni].**

In-notifika ta' dik id-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat għandha tikkostitwixxi impenn legali.

⌊Fejn japplika l-Artikolu 4(2), il-punt (b), tar-Regolament tal-QFP, dik id-deċiżjoni ta' finanzjament tista' tiġi emendata f'konformità mal-eżitu tal-proċedura baġitarja annwali.⌋

8. L-applikazzjonijiet għall-pagament għall-miżuri speċifiċi affettwati minn nuqqasijiet identifikati fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Kunsill jistgħu jiġu sottomessi mill-Istat Membru kkonċernat, iżda l-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-pagamenti korrispondenti sakemm in-nuqqasijiet ikunu ġew rimedjati.

## KAPITOLU 3

## […] Emendi tal-Pjan SNR

*Artikolu 24*

**Emendi tal-Pjan SNR**

1. Stat Membru jista' jissottometti lill-Kummissjoni talba motivata għal emenda tal-Pjan SNR tiegħu, flimkien mal-Pjan SNR emendat, li tistabbilixxi l-impatt mistenni ta' dik l-emenda fuq il-kisba tal-objettivi **kkonċernati** stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3. **L-emenda tista' tikkonċerna kapitolu wieħed jew aktar tal-Pjan SNR.**

   **Stat Membru jista' jippreżenta aktar talbiet għal emenda qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni stabbilita fil-paragrafu 5, dment li dawn l-emendi jikkonċernaw kapitoli differenti.**

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tal-Pjan SNR emendat ma' dan ir-Regolament, inkluż l-Artikolu 23 [Proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill], […] fi żmien […] **xahrejn** mis-sottomissjoni tal-Pjan SNR emendat.

   **Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet lill-Istati Membri u titlob informazzjoni addizzjonali.**

3. ⌊F'każijiet debitament ġustifikati, irrispettivament minn jekk l-Istat Membru jkunx ippreżenta talba motivata għal emenda tal-Pjan SNR tiegħu skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tipproponi wkoll lill-Istat Membru biex jemenda l-miżuri eżistenti jew biex jintroduċi oħrajn ġodda.⌋

4. L-Istat Membru għandu **jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba u, jekk ikun meħtieġ,** jirrevedi l-Pjan SNR […], b'kont meħud tal-osservazzjonijiet u t-talbiet magħmula mill-Kummissjoni […].

**L-iskadenzi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu sospiżi mill-jum tax-xogħol wara d-data li fiha l-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha jew talba għal dokumenti riveduti lill-Istat Membru, sakemm l-Istat Membru jwieġeb lill-Kummissjoni.**

**Fejn il-Pjan SNR emendat ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tikkomunika raġunament debitament ġustifikat lill-Istat Membru kkonċernat sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 2.**

5. Fejn il-Kummissjoni […] tkun sodisfatta li kwalunkwe osservazzjoni li tkun saret ġiet ikkunsidrata kif xieraq, u fejn l-emenda tal-Pjan SNR tirriżulta f'modifika tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni, tal-ammont ta' appoġġ fil-forma ta' self jew tal-lista ta' miżuri jew li miżura waħda jew aktar tal-Pjan **SNR** ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 23(1) [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill], il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni ġdida tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 23 mhux aktar tard minn […] **tliet** xhur wara s-sottomissjoni tal-**Pjan** SNR emendat. Il-Kunsill**, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni u** għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat […] **mill-wasla** tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni mbagħad għandha temenda d-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 23(7) [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill] skont dan.

Fejn l-emenda tal-Pjan SNR ma tirriżultax f'modifika tal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni, tal-ammont ta' appoġġ fil-forma ta' self jew tal-lista ta' miżuri, il-Kummissjoni għandha tipproċedi direttament billi temenda d-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 23(7) [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill] skont dan.

6. L-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 ma għandhiex tkun meħtieġa:

(a) għal korrezzjonijiet ta' natura purament klerikali jew editorjali jew fil-każ ta' aġġustamenti żgħar għall-Pjan SNR, li jirrappreżentaw żieda jew tnaqqis ta' inqas minn […] **15** % ta' mira stabbilita fil-Pjan SNR. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk ir-regoli darba biss għal kull mira **sad-deċiżjoni li jmiss dwar l-emenda tal-Pjan SNR** u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali aġġustamenti. Tali emendi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tal-Pjan SNR, inkluża r-reviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kostijiet;

(b) għal emendi f'konformità mal-Artikolu 31(7) **jew l-Artikolu 34**.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istima tal-ammont tal-kostijiet totali tal-Pjan SNR tagħhom tibqa' raġonevoli u plawżibbli matul l-implimentazzjoni tiegħu, f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u **jistgħu** jitolbu emenda tal-Pjan **SNR** tagħhom fejn ikun meħtieġ f'konformità mal-paragrafu 1.

8. Il-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(4) jew soġġetti għal deċiżjoni li timponi miżuri għall-protezzjoni tal-baġit skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 ma għandhomx jiġu emendati qabel ma titħassar id-deċiżjoni, sakemm l-emenda ma tkunx maħsuba biex tappoġġa miżuri li jikkontribwixxu għall-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Istat tad-Dritt jew biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq.

9. Il-miżuri speċifiċi identifikati fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(4) [Kundizzjonijiet tal-Karta] ma għandhomx jiġu emendati qabel ma titħassar id-deċiżjoni, sakemm l-emenda ma tkunx maħsuba biex tappoġġa miżuri li jikkontribwixxu għal:

(a) l-issodisfar tal-kundizzjoni orizzontali tal-Karta**.**

(b) […]

10. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa jirrieżaminaw partijiet tal-Pjan SNR li ma jkunux affettwati direttament mill-bidliet maħsuba proposti mill-Istat Membru.

*Artikolu 25*

**Rieżami ta' nofs it-terminu**

1. L-Istat Membru għandu jirrieżamina l-Pjanijiet SNR tiegħu, filwaqt li jqis l-elementi li ġejjin:

   (a) l-isfidi identifikati f'konformità mal-Artikolu 22(2), **il-punt (b) u l-Artikolu 22(2b),** il-punti (a) […] **u (b)** [Rekwiżiti tal-Pjan **SNR**];

   (b) is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istat Membru jew tar-reġjun ikkonċernat, b'enfasi speċjali fuq il-ħtiġijiet territorjali **jew settorjali**, b'kont meħud ta' kwalunkwe żvilupp finanzjarju, ekonomiku […]**,** soċjali **jew ambjentali** […] kbir;

   (c) ir-riżultati ewlenin ta' rapporti ta' […] **evalwazzjoni** interim rilevanti**, f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-[Regolament tal-Qafas ta' Prestazzjoni]**;

   (d) il-progress lejn il-kisba tal-miżuri, b'kont meħud tad-diffikultajiet kbar li nqalgħu fl-implimentazzjoni tal-Pjan SNR;

   (e) Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) u proġetti li ngħataw Siġill;

   (f) l-okkorrenza ta' kwalunkwe kriżi;

   (g) il-ħtieġa li tiġi żgurata konformità kontinwa mal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta fl-implimentazzjoni tal-Pjan **SNR**, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u s-Semestru Ewropew.

2. L-Istat Membru għandu jissottometti Pjan SNR emendat li jippreżenta l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu, inkluż […] proposta għal miżuri addizzjonali **jew riveduti** li għandhom jiġu appoġġati mill-ammont ta' flessibbiltà msemmi fl-Artikolu 14(2) sat-[…]**30 ta' Ġunju** 2031. **Skont l-eżitu tar-rieżami ta' nofs it-terminu, l-emenda tista' tikkonċerna kapitolu wieħed jew aktar tal-Pjan SNR.**

3. Il-Pjan SNR emendat għandu jinkludi dan li ġej:

(a) miżuri riveduti jew**, fejn rilevanti,** ġodda;

(b) l-istima aġġornata tal-kostijiet totali ta' **kwalunkwe miżura ġdida jew riveduta tal-Pjan SNR,** […] u l-ammont ta' flessibbiltà mitlub;

(c) stadji importanti[…]**,** miri **u outputs** riveduti jew**, fejn rilevanti,** ġodda.

4. Il-Pjan **SNR**rivedut għandu jiġi approvat f'konformità mal-Artikolu 24 [dwar l-emenda].

**4a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-interventi msemmija fl-Artikolu 10(3) jew fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (h), (j), (k) u (r), [tipi ta' intervent] u li ma jitqisux fl-ammont ta' flessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 14(2), ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rieżami ta' nofs it-terminu.**

## TITOLU IV
## FAĊILITÀ tal-UE

*Artikolu 26*

**Dispożizzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-UE**

1. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 10(2), il-punt (b), [Baġit] għandu jiġi allokat permezz tal-Faċilità.

2. Din għandha tiġi implimentata taħt ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta kif stabbilit fid-deċiżjoni ta' finanzjament adottata f'konformità mal-Artikolu 31(1). **L-għażla tal-mod ta' ġestjoni għandha tqis l-objettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni li għandha tiġi implimentata.**

3. Il-Faċilità tista' tipprovdi finanzjament fi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dan jista' jieħu l-forma ta' għotjiet mogħtija direttament lill-korpi skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-għotjiet implimentati taħt ġestjoni diretta għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat-Titolu VIII ta' dak ir-Regolament. Il-Faċilità tista' tipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinata ma' għotjiet jew ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit […].

4. [Il-finanzjament mill-Faċilità għandu jintuża għall-komponenti tagħha, li huma kif ġej:

   (a) EUR 63 223 000 000 […] għal azzjonijiet tal-Unjoni, inkluż ix-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (j) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni], azzjonijiet tal-Unjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (l) tal-Anness XV (Azzjonijiet tal-Unjoni appoġġati mill-Faċilità tal-UE, azzjonijiet għall-affarijiet interni), l-azzjonijiet ta' appoġġ għal LIFE kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (n) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni], Azzjonijiet ta' Solidarjetà kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni] appoġġati mill-Faċilità tal-UE;

   (b) EUR 8 710 000 000 għar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti (ir-"riżerva baġitarja").]

5. […] L-approprjazzjonijiet annwali […] **għall-Faċilità tal-UE għandhom jiġu awtorizzati f'konformità mal-proċedura baġitarja annwali**.

6. **Meta** l-azzjonijiet tal-Unjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni appoġġati mill-Faċilità tal-UE, it-tieqa ta' politika għall-investiment soċjali u l-ħiliet] **jiġu implimentati billi jintużaw garanziji baġitarji jew strumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinati ma' għotjiet jew forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, huma**, għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-paragrafi 7, 8, 9 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 27 [Implimentazzjoni fil-forma ta' garanziji baġitarji, strumenti finanzjarji u operazzjonijiet ta' taħlit].

   **[**L-Artikoli 21 sa 25 [Strument InvestEU tal-FEK],**]** l-Artikolu 14 [Bordijiet ta' Governanza u Konsultattivi], l-Artikolu 1 [Suġġett], l-Artikolu 31 [Aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni], l-Artikolu 26 [Servizzi ta' konsulenza] u l-Artikolu 28 [Appoġġ għan-negozju] tar-Regolament [FEK] għandhom japplikaw għall-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet tal-Unjoni.

7. **[**Għall-finijiet tal-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c) tal-Anness XV, il-pakkett finanzjarju tal-Faċilità għandu jintuża għall-proviżjonament tal-ammont rispettiv tal-garanzija baġitarja stabbilita mir-[Regolament KEF].**]**

8. F'konformità mal-Artikolu 214(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proviżjonament imsemmi fil-paragrafu 7 għandu jiġi kostitwit sa [2037] u għandu jqis il-progress fl-approvazzjoni u l-iffirmar tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jappoġġaw l-objettivi tal-Faċilità.

9. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali disponibbli għall-Faċilità. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

10. B'deroga mill-Artikolu 63 u l-Artikolu 64 [ġbir u reġistrazzjoni tad-data u t-trasparenza], fejn il-Faċilità tiġi implimentata f'ġestjoni diretta jew indiretta, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 36(6) u (10) u l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

11. Il-Faċilità tista' tipprovdi appoġġ tal-Unjoni għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom, dment li l-azzjoni tikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament [ażil u migrazzjoni], l-Artikolu 3 tar-Regolament [fruntieri u viża], […] **jew** l-Artikolu 3 tar-Regolament [sigurtà interna]. Tali azzjonijiet għandhom iservu l-interessi tal-politiki interni tal-Unjoni u jkunu konsistenti mal-attivitajiet imwettqa fl-Unjoni.

**11a. Meta jimplimentaw il-Faċilità, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni, il-konsistenza, il-komplementarjetajiet u s-sinerġiji bejn il-Faċilità u programmi u strumenti oħra tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(5).**

*Artikolu 27*

**Implimentazzjoni fil-forma ta' garanziji baġitarji, strumenti finanzjarji u operazzjonijiet ta' taħlit**

1. Il-garanzija baġitarja u l-istrumenti finanzjarji, inkluż meta kkombinati ma' għotjiet jew ma' forom oħra ta' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, taħt il-Faċilità, għandhom jiġu implimentati f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. B'deroga mill-Artikolu 211(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, fejn l-istrumenti finanzjarji jew il-garanziji baġitarji jiġu implimentati taħt ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehimiet ma' entitajiet skont l-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) ta' dak ir-Regolament.

3. ⌊Fejn id-deċiżjoni ta' finanzjament li timplimenta l-Faċilità tipprevedi finanzjament tal-Unjoni fil-forma ta' garanzija baġitarja, din għandha tuża l-garanzija baġitarja stabbilita mir-Regolament XX [ir-Regolament FEK] fl-ammont massimu tagħha.⌋

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26(9), kontribuzzjonijiet speċifiċi għall-garanzija baġitarja stabbilita mill-[FEK] jew għall-istrumenti finanzjarji jistgħu jsiru mill-Istati Membri, pajjiżi terzi u partijiet terzi oħra f'konformità mal-Artikolu 211(2) u l-Artikolu 221(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Tali kontribuzzjonijiet għall-garanzija baġitarja għandhom jirriżultaw f'ammont addizzjonali tal-garanzija baġitarja.

Fejn tali kontribuzzjonijiet isiru fil-forma ta' flus kontanti, dawn għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d) u (e) u l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-garanzija baġitarja jew tafda l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji u operazzjonijiet ta' taħlit permezz tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ftehimiet ta' garanzija konklużi skont ir-Regolament [ir-Regolament FEK] mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 f'konformità mar-regoli tar-Regolament [ir-Regolament FEK].

Minkejja l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ftehimiet ta' garanzija separati ma' entitajiet oħra għajr dawk imsemmija f'dak is-subparagrafu f'konformità mar-regoli tar-Regolament [ir-Regolament FEK].

*Artikolu 28*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi […]**

1. Il-Faċilità tista' tinfetaħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali **mal-Programm**, f'konformità mal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 u […] applikabbli għal:

(a) il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, **f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,** kif ukoll il-Mikrostati Ewropej **(Andorra, Monaco, San Marino u l-Belt tal-Vatikan), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti**;

(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u […] kandidati potenzjali, **f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas, fil-protokolli u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk** il-pajjiżi;

(c) il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat**, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi, fil-protokolli u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew f'arranġamenti simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi**;

(d) pajjiżi terzi oħra**, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim internazzjonali speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni**.

2. Il-ftehimiet […] għall-parteċipazzjoni […] **fil-programm imsemmija fil-paragrafu 1** għandhom:

(a) jiżguraw bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;

(b) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u tariffa ta' parteċipazzjoni, […] **għall-**programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;

(c) ma jagħtu lill-pajjiż terz l-ebda setgħa deċiżjonali fil-programm;

(d) jiggarantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha. […];

(e) għandhom, fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tas-sigurtà u l-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni.

**2a. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarantixxi li d-deċiżjonijiet ta' infurzar li jimponu obbligu pekunarju fuq persuni għajr l-Istati fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.**

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi għandha tiġi eskluża għal miżuri li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi **relatati mal-PAK** stabbiliti fl-Artikolu 3, […] **il-punt (d)**.

*Artikolu 29*

[…]

*Artikolu 30*

**Entitajiet eliġibbli taħt ġestjoni diretta u indiretta**

1. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni għal għotjiet, premjijiet, strumenti finanzjarji u taħlit taħt ġestjoni diretta u indiretta, l-entitajiet ġuridiċi li ġejjin jistgħu jkunu eliġibbli biex jirċievu finanzjament mill-Unjoni:

   (a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat **mal-programm**;

   (b) l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

   (c) entitajiet oħra stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati **mal-programm** fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3.

2. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi […] msemmija fl-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament jistgħu, fejn ikun rilevanti, jipparteċipaw fi u jibbenefikaw minn kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi […] parteċipanti.

3. Il-proċeduri tal-għoti li jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-assi u tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, għandhom ikunu ristretti f'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

4. Il-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jew id-dokumenti relatati mal-proċedura ta' aġġudikazzjoni jistgħu jispeċifikaw aktar il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali għal azzjonijiet speċifiċi. B'mod partikolari, fil-proċeduri ta' aġġudikazzjoni, l-eliġibbiltà ta' fornituri b'riskju għoli għandha tkun ristretta f'konformità mad-dritt tal-UE, għal raġunijiet ta' sigurtà.

*Artikolu 31*

**Azzjonijiet tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjoni ta' finanzjament kif imsemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 li tidentifika l-objettivi u l-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u tispeċifika l-**mod ta' implimentazzjoni u l-**ammonti għall-azzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament [azzjonijiet tal-Unjoni]. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament [...] **għandha tkun preferibbilment** pluriennali **jew, meta rilevanti, annwali**. L-identifikazzjoni tal-objettivi u tal-azzjonijiet għandha tkun ibbażata fuq kriterji ġusti, [...] trasparenti **u oġġettivi** u għandha tiżgura distribuzzjoni bilanċjata**, b'kont meħud tal-valur miżjud tal-Unjoni**. **L-għażla tal-mod ta' ġestjoni għandha tqis l-objettiv u l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.**

**Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(3) ta' dan ir-Regolament għall-azzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness XV, il-paragrafu 1, il-punti (e) sa (h), (l), u (n) ta' dan ir-Regolament [azzjonijiet tal-Unjoni]. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, bħal kriżijiet, il-Kummissjoni tista' tadotta d-deċiżjonijiet ta' finanzjament imsemmija f'dan il-paragrafu preċedenti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament, kif imsemmi fl-Artikolu 88(4) ta' dan ir-Regolament.**

**1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet ta' finanzjament imsemmija fl-ewwel subparagrafu permezz ta' att ta' implimentazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 88(2) ta' dan ir-Regolament għall-azzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness XV, il-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d), (j), (k) u (m).**

2. Għall-finijiet tal-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (j) tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament [Azzjonijiet tal-Unjoni, Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda] u soġġett għad-disponibbiltajiet baġitarji, id-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi emendata, kif xieraq, biex tappoġġa l-adozzjoni tal-atti delegati jew ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Dawk l-azzjonijiet tal-Unjoni għandhom jitqiesu bħala interventi bbażati fuq l-output u għandhom jiġu implimentati taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti skont dan ir-Regolament.

3. Id-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tqis is-sehem tal-ammonti li l-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri:

(a) f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Fruntieri] li għandu jikkostitwixxu dħul assenjat intern f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE, Euratom) […] **2024/2509** u

(b) f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Fruntieri] u l-Artikolu 9 tar-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Migrazzjoni] li għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) […] **2024/2509**.

L-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu disponibbli f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu **għall-finijiet ta' azzjonijiet ta' implimentazzjoni relatati mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Fruntieri] fir-rigward tal-ittra (a) u għall-finijiet ta' azzjonijiet ta' implimentazzjoni li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Fruntieri] u r-Regolament XX [ir-Regolament dwar il-Migrazzjoni] fir-rigward tal-ittra (b).**

**Fejn l-ammont imsemmi fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2024/1351 ma jkunx kompletament allokat, l-ammont li jifdal jista' jiżdied mal-ammont indikat mid-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 1. Dan l-ammont għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.**

4. Fejn l-azzjoni tal-Unjoni tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, il-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jistgħu jkunu esperti esterni.

5. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti mir-riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

6. Fejn l-azzjoni tal-Unjoni tiġi implimentata b'ġestjoni kondiviża, l-Istat Membru għandu jirċievi appoġġ mill-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' dik l-azzjoni, flimkien mal-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu skont l-Artikolu 10 [Baġit].

Il-finanzjament għall-azzjonijiet tal-Unjoni ma għandux jintuża għal miżuri oħra fil-Pjan SNR tal-Istat Membru, ħlief f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u kif approvat mill-Kummissjoni permezz tal-emenda tal-Pjan SNR tal-Istat Membru, inkluż fejn […] il-Pjan **SNR huwa emendat** f'konformità mal-Artikolu 34 [emenda tal-Pjan **SNR** f'**każ ta' kriżijiet** […]].

[…]

7. Fejn l-azzjoni tal-Unjoni tiġi implimentata f'konformità mal-paragrafu 6, b'kont meħud tat-tip ta' azzjoni tal-Unjoni u l-preferenza tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' talloka finanzjament mill-Faċilità tal-UE lil Stat Membru f'konformità mad-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 1**, abbażi ta' kriterji ġusti, trasparenti u oġġettivi**. Wara tali allokazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipproponi miżuri addizzjonali li għandhom jiżdiedu mal-Pjan SNR. Din il-proċedura ma għandhiex tintuża għall-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i) tal-Anness XV u l-azzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn Stat Membru wieħed tal-Anness XV [azzjonijiet tal-Unjoni] […]. Jekk il-Kummissjoni taċċetta parti mill-miżuri addizzjonali proposti jew il-miżuri addizzjonali proposti kollha, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru b'dan. Din in-notifika għandha tikkostitwixxi impenn legali, li jikkomplementa l-impenn legali msemmi fl-Artikolu 23(7). L-Istat Membru għandu jinkludi l-miżuri addizzjonali aċċettati kollha fil-Pjan tiegħu, għall-informazzjoni, fl-okkażjoni tal-emenda li jmiss li teħtieġ deċiżjonijiet f'konformità mal-Artikolu 24(5).

8. Fejn Pjan SNR jiġi emendat sabiex jipprovdi rispons għall-azzjonijiet tal-Unjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i) tal-Anness XV (azzjonijiet tal-Unjoni, diżastri naturali **u emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri**), il-miżuri mitluba mill-Istat Membru u relatati ma' tali emendi għandhom ikunu eliġibbli mid-data meta […] **jkunu seħħew id-diżastru naturali jew l-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri** u għandhom jiġu pprogrammati għall-objettiv "Miżuri ta' appoġġ għall-indirizzar tal-kriżi permezz tar-rikostruzzjoni, it-tiswija u t-tisħiħ tar-reżiljenza". Dak l-objettiv għandu jkun addizzjonali għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 (objettivi tal-Pjan) u għandu jintuża biss għal miżuri pprogrammati bħala rispons għal […] **diżastri naturali jew emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri**, inkluż fejn […] il-Pjan SNR **huwa emendat** f'konformità mal-Artikolu 34 [emenda tal-Pjan f'**każ ta' kriżijiet** […]].

9. ⌊Minbarra l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (i) u (j) tal-Anness XV [Azzjonijiet tal-Unjoni, Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda] li ma jintużawx sa tmiem is-sena finanzjarja li għaliha jkunu ddaħħlu għandhom jiġu riportati b'mod awtomatiku.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn riportati f'konformità mal-ewwel subparagrafu jistgħu jintużaw sal-2034. L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament riportati f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandhom jintużaw l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.⌋

10. Fl-1 ta' […] **Ottubru** ta' kull sena, mill-inqas kwart tal-ammont annwali previst fil-baġit għall-azzjonijiet tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i) tal-Anness XV, għandu jibqa' disponibbli sabiex ikopri l-ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena.

11. Minbarra l-kriterji tal-kostijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 189 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kostijiet imġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza veterinarji u fitosanitarji skont l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (g) tal-Anness XV [azzjonijiet tal-Unjoni] ta' dan ir-Regolament għandhom: (a) ikunu eliġibbli qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għotja f'konformità mal-Artikolu 196(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509; (b) ikunu eliġibbli mid-data tal-okkorrenza suspettata ta' marda tal-annimali jew tal-preżenza ta' pest tal-pjanti, dment li dik l-okkorrenza jew il-preżenza tiġi sussegwentement ikkonfermata. Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għotja għandha tkun preċeduta min-notifika lill-Kummissjoni tal-okkorrenza tal-marda tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 19 jew 20 u r-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/429, jew tal-preżenza tal-pest tal-kwarantina fl-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 9, 10 jew 11 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. B'deroga mill-Artikolu 111(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-impenn baġitarju għall-għotja mogħtija għal tali miżuri ta' emerġenza wara li l-applikazzjonijiet għall-pagament sottomessi mill-Istati Membri jkunu ġew ivvalutati.

**11a. F'konformità mal-Artikolu 196(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kostijiet operatorji tal-Istati Membri tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) skont l-Artikolu 85, il-paragrafi (2) u (3) tar-Regolament 2018/1240, li għandhom jiġu koperti mid-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-ETIAS kif stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viżi, jistgħu jitqiesu eliġibbli minn [id-data għad trid tiġi ddeterminata], anki jekk dawk il-kostijiet jiġġarrbu qabel ma tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal għotja.**

**L-impenji baġitarji għal attivitajiet mifruxa fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti parzjali annwali.**

*Artikolu 32*

**Nefqa relatata ma' miżuri ta' intervent pubbliku taħt ix-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda**

1. Għall-finijiet tax-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda stabbilita bħala azzjoni tal-Unjoni fl-ambitu tal-Faċilità, fejn somma għal kull unità ma tiġix iddeterminata fir-rigward ta' intervent pubbliku, il-miżura kkonċernata għandha tiġi ffinanzjata abbażi ta' ammonti standard uniformi, b'mod partikolari fir-rigward ta' fondi li joriġinaw mill-Istati Membri użati għax-xiri ta' prodotti, għal operazzjonijiet materjali li jirriżultaw mill-ħżin u, fejn ikun xieraq, għall-ipproċessar tal-prodotti eliġibbli għal intervent pubbliku msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura […] msemmija fl-Artikolu 229 […] **(2)** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

*Artikolu 33*

**Riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti**

1. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 26(4), il-punt (b), [riżerva baġitarja] għandu jintuża fejn ikun l-aktar meħtieġ u **jekk** debitament ġustifikat […]:

   (a) biex jiġi żgurat rispons xieraq **u f'waqtu** […] tal-Unjoni f'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti;

   [(b) biex jiġu promossi inizjattivi jew prijoritajiet ġodda mmexxija mill-Unjoni.]

**1a. L-inizjattivi jew il-prijoritajiet il-ġodda msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandhom ikunu relatati ma' dawk li jistgħu jinħolqu b'rispons għal żviluppi emerġenti li, filwaqt li ma jikkostitwixxux sfida immedjata jew kriżi, jitolbu rispons strateġiku u f'waqtu mill-Unjoni. Tali ċirkostanzi jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, bidliet teknoloġiċi trasformattivi jew żviluppi soċjoekonomiċi.**

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjonijiet ta' finanzjament kif imsemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 li jidentifikaw l-objettivi u l-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati u jispeċifikaw l-ammonti għar-riżerva baġitarja stabbilita fl-Artikolu 26(4), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament [Dispożizzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-UE].

   **Il-Kummissjoni għandu jkollha skambju ta' fehmiet mal-Kunsill mill-inqas darbtejn fis-sena dwar il-mobilizzazzjonijiet futuri tal-paragrafu 1 (a) u (b) u għandha tqis il-fehmiet espressi mill-Kunsill.**

   **Għall-finijiet tal-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu, id-deċiżjonijiet ta' finanzjament imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 88(3) ta' dan ir-Regolament.**

3. ⌊Minbarra l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li ma jintużawx sa tmiem is-sena finanzjarja li għaliha jkunu ddaħħlu għandhom jiġu riportati b'mod awtomatiku.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn riportati f'konformità mal-ewwel subparagrafu jistgħu jintużaw sa tmiem l-2033. L-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament riportati f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandhom jintużaw l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.⌋

*Artikolu 34*

**Emenda tal-Pjan SNR f'każ ta' […] kriżijiet**

1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li jemendaw il-Pjanijiet SNR f'konformità mal-Artikolu 24 [Emenda tal-pjan] biex jipprovdu appoġġ għal miżuri […] **b'reazzjoni għal kriżi, kif definit fl-Artikolu 4(19) ta' dan ir-Regolament [definizzjoni ta' kriżi]. B'mod partikolari l-Istati Membri jistgħu jitolbu li jiġu emendati l-Pjanijiet SNR** biex jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa […]**, lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura** u biex jappoġġaw investimenti fir-restawr tal-potenzjal agrikolu, **tas-sajd u tal-akkwakultura,** dment li dawn kienu rikonoxxuti bħala tali minn awtorità pubblika kompetenti tal-Istat Membru.

Stat Membru jista' jipprovdi pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa**, lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura biss jekk jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin jew aktar** […]:

(a) l-awtorità kompetenti tiegħu tkun irrikonoxxiet formalment li seħħ diżastru naturali, event klimatiku avvers jew event katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru;

(b) ikunu ġew adottati miżuri f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031 biex tinqered jew tiġi kkontrollata marda tal-pjanti jew pest; **jew**

(c) ikunu ġew adottati miżuri għall-prevenzjoni jew għall-qerda tal-mard tal-annimali elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882; jew

(d) ikunu ġew adottati miżuri rigward marda emerġenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 259 tar-Regolament (UE) 2016/429.

2. ⌊Fejn it-talba għal emenda taqbeż il-1 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont il-Pjan, l-Istat Membru jista', barra minn hekk, jitlob li jipprogramma sa 2,5 % tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-ammont ta' flessibbiltà mhux ipprogrammat tiegħu fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 12 [Impenji baġitarji] għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Fejn l-ammont mitlub u disponibbli skont il-paragrafu 2 ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet, l-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ addizzjonali mill-azzjonijiet tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 26 [Dispożizzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-UE], soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

4. Fejn l-ammont disponibbli skont il-paragrafu 3 ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet, l-Istati Membri jistgħu jirċievu appoġġ addizzjonali mir-"riżerva baġitarja" kif imsemmi fl-Artikolu 26(4), il-punt (b) [Dispożizzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-UE], soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.⌋

5. L-Istati Membri għandhom jissottomettu talba li tistabbilixxi r-raġunijiet u tiddeskrivi d-danni, il-ħtiġijiet ta' tiswija u ta' rkupru għall-emenda tal-Pjan SNR imsemmi fil-paragrafu 1 u fejn applikabbli, il-paragrafi 2 u 3, fi żmien erba' xhur mid-data meta l-kriżi tkun ġiet rikonoxxuta bħala tali minn awtorità kompetenti. L-emenda għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tal-miżuri li jindirizzaw id-danni li jirriżultaw mill-kriżi u li jrawmu t-tiswija u l-irkupru mill-kriżi, bil-kostijiet stmati tagħhom u l-istadji importanti u l-miri korrispondenti;

(b) fejn applikabbli, l-ammonti mitluba mill-ammont ta' flessibbiltà u mill-Faċilità, sal-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-miżuri relatati, b'kont meħud […] **tal-limiti applikabbli għall-kriżijiet kif stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu**.

6. B'deroga mill-Artikolu 24 [Emenda tal-pjan], il-Kummissjoni għandha […] **timmira li tapprova** kwalunkwe emenda għall-Pjan SNR fi żmien 15-il jum tax-xogħol mis-sottomissjoni tagħha minn Stat Membru.

7. Il-Kummissjoni għandha tħallas sa 80 % tal-allokazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 5, kif stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-emenda tal-pjan imsemmija fil-paragrafu 6, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament, bħala prefinanzjament eċċezzjonali. Tali pagament għandu jkun addizzjonali għall-prefinanzjament għall-Pjan SNR previst fl-Artikolu 17 [Prefinanzjament] u għandu jiġi approvat fuq bażi annwali.

8. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għall-appoġġ ipprovdut skont il-paragrafu 1, il-punt (l) tal-Anness XV (azzjonijiet tal-Unjoni appoġġati mill-Faċilità tal-UE, azzjonijiet għall-Affarijiet Interni).

9. ⌊Il-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa affettwati minn diżastri naturali.⌋

## TITOLU V

## POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI U POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD

### KAPITOLU I

*Artikolu 35*

**Tipi ta' […] interventi tal-PAK u dispożizzjonijiet ta' appoġġ finanzjarju**

1. F'konformità mal-interventi elenkati fl-Artikolu […] **5** [tipi ta' appoġġ] tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], huma stabbiliti **t-tipi ta'** interventi tal-PAK li ġejjin:

(a) appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq l-erja;

(b) appoġġ akkoppjat għall-introjtu

(c) pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton

(d) pagament għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona;

(e) appoġġ għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti mandatorji;

(f) **appoġġ għall-**azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi;

(g) […] **pagament** għall-bdiewa żgħar;

(h) appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju;

(i) appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa**,** […] id-detenturi tal-foresti **u l-impriżi li jipproċessaw jew jikkummerċjalizzaw prodotti agrikoli. Għal investimenti mhux produttivi li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi elenkati fl-Artikolu 3(1)(d)(v), benefiċjarji oħra jistgħu jiġu appoġġati wkoll;**

(j) appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, bdiewa ġodda, […] start-ups **ta' negozji** rurali, **id-diversifikazzjoni tal-introjtu tal-unitajiet domestiċi agrikoli u l-iżvilupp tan-negozju ta' azjendi agrikoli** […] żgħar;

(k) appoġġ għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;

(l) **appoġġ għal** LEADER;

(m) appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali;

(n) **appoġġ għall-iżvilupp** territorjali u l-kooperazzjoni lokali […];

(o) interventi **speċfiċi** fir-reġjuni ultraperiferiċi**, stabbiliti fir-Regolament 228/2013 [ir-Regolament dwar il-POSEI ]** […]**;**

(p) **appoġġ għal** interventi fil-gżejjer minuri tal-Eġew […]**;**

(q) **appoġġ għal**l-iskema għall-iskejjel tal-UE msemmija […] fil-Parti II**, it-Titolu I**, il-Kapitolu IIa, **it-Taqsima 2** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(r) appoġġ għal interventi f'ċerti setturi msemmija **fil-Parti II,** it-Titolu […] **I, il-Kapitolu IIa, it-Taqsima 3** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**;**

**(s) pagamenti ta' kriżi lill-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi.**

2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) u (g) ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-**Artikolu 349 TFUE u** t-Titolu […] **VI**. **L-interventi l-oħra kollha elenkati fil-paragrafu 1 japplikaw fir-reġjuni ultraperiferiċi. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (o) jistgħu jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii) [Baġit].**

3. […]

4. Soġġett għall-konformità mal-Artikolu 20(4) [kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati], il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (d) sa **(f) u (h) sa** (k), ma għandhiex tkun inqas minn ⌊30⌋ % […] **tan-nefqa pubblika eliġibbli** ta' kull intervent.

⌊Ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt […] **(i)** [investimenti għall-bdiewa], għandha tkun ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli totali ta' kull intervent. Madankollu, ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i), immirata lejn il-bdiewa żgħażagħ għandha tkun ta' 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli.⌋

5. […]

6. Il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għan-nefqa pubblika eliġibbli totali tal-interventi tal-iskema għall-iskejjel tal-UE msemmija […] fil-Parti II**, it-Titolu I**, il-Kapitolu IIa**, it-Taqsima 2** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tkun ta' ⌊30⌋ % tan-nefqa pubblika eliġibbli totali ta' kull intervent.

L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni u l-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet tal-interventi msemmija fl-ewwel subparagrafu, jagħtu finanzjament nazzjonali addizzjonali.

[…]

7. […]

8. Soġġett għall-konformità mal-Artikolu 20(4) [kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet stmati], il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għan-nefqa pubblika eliġibbli tal-interventi f'ċerti setturi msemmija […] fil-Parti II**, it-Titolu I**, il-Kapitolu IIa, **it-Taqsima 3** tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tkun ta' ⌊30⌋ % tan-nefqa pubblika eliġibbli ta' kull intervent.

⌊Ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għal dawk l-interventi għandha tkun ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli totali ta' kull intervent.⌋

B'deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafu, il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għan-nefqa pubblika eliġibbli tal-interventi fis-settur tal-apikultura implimentati minn benefiċjarji għajr l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew**, fejn rilevanti,** gruppi ta' produtturi identifikati għandha tkun mill-inqas ugwali għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni mogħtija għal dawn l-interventi.

⌊B'deroga mit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu r-rata massima ta' appoġġ sa 95 % tal-kostijiet eliġibbli totali ta' kull intervent għall-interventi marbuta mat-tiġdid ġenerazzjonali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju jew l-ambjent u l-klima, u għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jimplimentaw programmi operazzjonali għall-ewwel darba.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jikkumpensaw lill-produtturi għat-telf ta' dħul minħabba l-implimentazzjoni tal-interventi msemmija fl-Artikolu 31, il-punt (n), tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, billi jkopru sa 100 % tat-telf rilevanti għal perjodu massimu ta' tliet snin.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu r-rata massima ta' appoġġ għall-interventi li jikkonċernaw l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas għal 100 % għall-irtirar mis-suq li ma jaqbiżx il-5 % tal-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata minn organizzazzjoni tal-produtturi. Il-volum tal-produzzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala l-medja tal-volumi globali tal-prodotti li għalihom l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun rikonoxxuta u li jkunu kkummerċjalizzati mill-organizzazzjoni tal-produtturi matul it-3 snin preċedenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpens mogħti għall-irtirar mis-suq ma jaqbiżx il-prezz tas-suq tal-prodotti rtirati.⌋

9. […]

10. L-appoġġ għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1 jista' jingħata biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Titolu. Kwalunkwe ammont […] relatat mat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikolu […] **16** tar-Regolament (UE) […] **2021/2115 relattiv għas-sena tat-talba 2027 jew għal snin preċedenti kif stabbilit fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/2115** għandu jingħadd bħala parti mill-impenji baġitarji għas-sena finanzjarja […] **li fiha jsir il-pagament tal-Kummissjoni lill-Istat Membru**.

**Kwalunkwe ammont għal talbiet relatati mat-tipi ta' interventi msemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/2115, ma' miżuri skont l-intervent fis-suq imsemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u ma' skemi ta' għajnuna msemmija fil-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitoli II u III tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ma' miżuri eċċezzjonali msemmija fil-Parti V, il-Kapitolu I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u ma' miżuri implimentati skont ir-Regolamenti (UE) Nru 228/2013 u Nru 229/2013, kif ukoll mat-tlestija ta' miżuri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija implimentat sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jingħadd bħala parti mill-impenji baġitarji għas-sena finanzjarja li fiha jsir il-pagament tal-Kummissjoni lill-Istat Membru.**

B'deroga mill-Artikolu 23(7) ta' dan ir-Regolament, […] **id-deċiżjonijiet** ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 **jistgħu jiġu adottati għall-ammonti msemmija** […] fl-ewwel […] **u t-tieni subparagrafi, u l-ammonti jistgħu jiġu impenjati u mħallsa** qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(6) ta' dan ir-Regolament.

11. […]

12. Meta jiġu ddeterminati l-ammonti li għandhom jitħallsu għall-appoġġ ipprovdut għall-interventi tal-PAK kif imsemmi fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1, il-punti (a) sa [h] u [j], [k] u [r], u […] **interventi tal-PKS kif imsemmi fl-Artikolu 35b**, il-valuri tal-iżborż għandhom jiġu kkalkulati mingħajr ma jitwarrbu l-ammonti għar-riformi.

*Artikolu 35a*

**Kontinwità tal-pagamenti tal-PAK**

**1. B'deroga mill-Artikolu 21(3), it-tieni subparagrafu, in-nefqa relatata mal-impenji legali lill-benefiċjarji mibdija qabel l-1 ta' Lulju 2027 skont l-interventi li ġejjin tista' tkun eliġibbli għall-finanzjament skont il-pjanijiet SNR dment li dik in-nefqa tkun inkluża fil-Pjan SNR u dawk l-interventi jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti hawn taħt:**

**(a) L-interventi msemmija fl-Artikolu 42, il-punti (a) u (d) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115 implimentati lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2027 f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Titolu III, il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115 permezz ta' programmi operazzjonali approvati minn Stat Membru għal durata li testendi lil hinn minn dik id-data,**

**(b) L-interventi msemmija fl-Artikolu 42, il-punti (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115 implimentati lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2027 f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Titolu III, il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115,**

**(c) L-interventi msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) 2021/2115 implimentati lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2027 bl-użu tar-rati ta' kontribuzzjoni stabbiliti fil-verżjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2027.**

**1a. L-Istati Membri li jappoġġaw skont il-Pjanijiet tal-PAK tagħhom l-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) għandhom jiżguraw li, sal-[15 ta' Settembru 2027], l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew, fejn applikabbli, benefiċjarji oħra kif imsemmija fl-Artikolu 67(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jissottomettu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti talba għall-approvazzjoni tat-tranżizzjoni tal-programm operazzjonali tagħhom, li tindika jekk:**

(a) il-programm operattiv għandu jiġi mmodifikat sabiex ikun konformi mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u ma' dan ir-Regolament; jew

(b) il-programm operattiv huwa sostitwit bi programm operazzjonali ġdid li jikkonforma mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u ma' dan ir-Regolament; jew

(c) il-programm operazzjonali għandu jkompli jiġi implimentat sa tmiemu skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Titolu III, il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2021/2115.

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw it-talba u jiddeċiedu jekk japprovawhiex. Jekk ma titressaq l-ebda talba bħal din sal-[15 ta' Settembru 2027], il-programmi operattivi approvati skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 għandhom jintemmu fil-31 ta' Diċembru 2027.

2. Fejn ikun hemm riskju sinifikanti ta' dewmien għall-adozzjoni tal-Pjan SNR wara s-sottomissjoni tiegħu mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 21(1) u mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 li tistabbilixxi l-ammonti li jikkorrispondu għas-sena 2028 għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35(1)(a) sa (g) [SIAK] li huma appoġġati mir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 10(2)(a)(ii), u interventi elenkati fl-Artikolu 35(1)(q) [skema għall-iskejjel tal-UE] dment li jiġi ssodisfat l-obbligu li tiġi żgurata l-konformità tal-Pjan SNR sottomess mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-Artikolu 22. Id-deċiżjoni adottata skont dan is-subparagrafu għandha tiġi sostitwita bid-deċiżjoni skont l-Artikolu 23(7) ladarba tiġi adottata.

*Artikolu 35b*

**Tipi ta' interventi tal-PKS u tal-akkwakultura**

**1. It-tipi ta' interventi tal-PKS u tal-akkwakultura li ġejjin huma stabbiliti:**

**(a) appoġġ għal settur tas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, inkluż ir-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, it-tranżizzjoni tal-enerġija, il-waqfien permanenti u temporanju tal-attivitajiet tas-sajd, kif ukoll azzjonijiet li jtejbu s-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-saħħa;**

**(b) appoġġ għall-innovazzjoni għal attivitajiet tas-sajd aktar sostenibbli u attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli, kif ukoll għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi f'konformità mal-objettivi tal-PKS u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;**

**(c) appoġġ għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, fosthom l-istabbiliment u l-funzjonament ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni;**

**(d) mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jingħataw pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura f'konformità mal-Artikolu 34, appoġġ għas-sajjieda jew il-produtturi tal-akkwakultura għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf tagħhom jew għal kostijiet addizzjonali u l-kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament.**

**(e) appoġġ għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-Unjoni u għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data dwar is-sajd u l-akkwakultura meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-OKS;**

**(f) appoġġ għall-ġlieda kontra s-sajd IUU;**

**(g) appoġġ għall-ħtiġijiet speċifiċi addizzjonali tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira;**

**(h) appoġġ għal attivitajiet addizzjonali li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd u għall-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli;**

**(i) appoġġ għall-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew dwar l-Oċeani fosthom il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, kif ukoll l-innovazzjoni f'dawn is-setturi;**

**(j) appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura.**

**⌊2. L-Artikolu 10(2)(a)(ii) [ammont delimitat tal-PKS] għandu jiffinanzja biss l-interventi fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d).⌋ L-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22(2b)(g)(i), (iii) u (iiia) meta jallokaw l-appoġġ għall-interventi f'dan l-Artikolu.**

**3. L-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22(2b)(g)(i), (iii) u (iiia) meta jallokaw l-appoġġ għall-interventi f'dan l-Artikolu.**

*Artikolu 35c*

**Interventi marittimi u relatati mal-oċeani**

1. **It-tipi ta' interventi marittimi u bbażati fuq l-oċeani li ġejjin huma stabbiliti:**

   a) **l-appoġġ għall-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani fosthom is-sigurtà u s-sorveljanza marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli;**

   b) **l-ippjanar tal-ispazju marittimu;**

   c) **il-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.**

2. **L-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22 (2b) (g) (iiia) meta jallokaw l-appoġġ għall-interventi f'dan l-Artikolu.**

*Artikolu 35d*

**Żoni rurali**

1. **L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu ż-żoni rurali fil-Pjan SNR tagħhom filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali jew territorjali speċifiċi tagħhom.**

*Artikolu 36*

[…]

*Artikolu 37*

[…]

*Artikolu 38*

[…]

[…]

*Artikolu 39*

[…]

[…]

[…]

## KAPITOLU II

**[…]**

*Artikolu 40*

*[…]*

*Artikolu 41*

[…]

[…]

## KAPITOLU III

**[…]**

*Artikolu 42*

[…]

*Artikolu 43*

[…]

*Artikolu 44*

*[...]*

*Artikolu 45*

[…]

## TITOLU VI
## REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI

*Artikolu 46*

**Reġjuni ultraperiferiċi**

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom iħejju, bħala parti mill-Pjan tagħhom, miżuri biex jindirizzaw ir-restrizzjonijiet permanenti u strutturali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni li jirrestrinġu serjament l-iżvilupp tagħhom, kif rikonoxxut fl-Artikolu 349 TFUE. Il-miżuri jistgħu jiġu implimentati f'kapitolu ddedikat. Il-miżuri għandhom jindirizzaw **b'mod partikolari** l-objettivi li ġejjin:

(a) il-provvediment għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom, bħas-sigurtà tal-ikel, l-akkomodazzjoni, **it-trasport (speċjalment l-infrastruttura tat-trasport bit-triq, dak marittimu u dak bl-ajru u l-fjuwils sostenibbli), il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità,** […] **l-ilma u s-sanitazzjoni,** il-ġestjoni […] tal-iskart, l-enerġija, l-impjiegi u l-mobbiltà tal-ħaddiema, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, id-dekarbonizzazzjoni, iċ-ċirkolarità, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali, il-migrazzjoni, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, l-ekonomija blu, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-enerġija, […] il-konnettività diġitali **u l-kompetittività** u l-iżvilupp ekonomiku, inkluż ekonomija blu sostenibbli u diversifikata;

(b) il-garanzija tal-provvista ta' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar u bħala inputs agrikoli **jew tas-sajd** billi jimmitigaw il-kostijiet addizzjonali mġarrba minħabba l-qagħda mbiegħda estrema u/jew l-insularità tagħhom, mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali u t-tkabbir tagħha;

(c) l-iżgurar tal-futur u l-iżvilupp fit-tul tal-agrikoltura, is-sajd u l-akkwakultura, inkluż il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' għelejjel u prodotti lokali, u d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-ikel, b'enfasi partikolari fuq is-sigurtà tal-ikel u l-awtosuffiċjenza, u ż-żamma u t-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom.

2. […] **Il-miżuri mfassla biex jindirizzaw l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1** […]għandhom jinkludu wkoll interventi oħra [appoġġati mir-riżorsi stabbiliti fl-Artikolu 10 – Baġit], fosthom kumpens, relatati ma':

(a) […]

(b) […]

(aa) **l-arranġamenti u l-miżuri speċifiċi tal-provvista biex jassistu lill-prodotti agrikoli lokali kif stabbiliti fir-Regolament 228/2013 [ir-Regolament dwar il-POSEI] li għandhom jiġu ffinanzjati mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat imsemmija fl-Artikolu 10(2)(a);**

(c) il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi

(d) l-appoġġ speċifiku biex jassisti l-produzzjoni u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tas-sajd u tal-akkwakultura lokali msemmi fl-Artikolu 48

(e) l-appoġġ speċifiku għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali b'mod partikolari, biex jittejbu t-trasport dekarbonizzat, l-enerġija nadifa u l-konnettività diġitali bil-ħsieb li jiġu paċuti l-kostijiet addizzjonali marbuta mal-qagħda mbiegħda tagħhom u biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi mal-Ewropa kontinentali, filwaqt li jitrawmu s-sigurtà u r-reżiljenza tagħhom;

(f) l-appoġġ speċifiku biex jissaħħaħ l-aċċess għall-impjiegi u l-mobbiltà […], l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-inklużjoni soċjali bil-ħsieb li jiġu paċuti l-kostijiet addizzjonali marbuta mal-qagħda mbiegħda tagħhom u biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi mal-Ewropa kontinentali, filwaqt li jitrawmu s-sigurtà u r-reżiljenza tagħhom.

(g) l-appoġġ strutturali għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, il-kumpens għall-kostijiet addizzjonali għas-settur tas-sajd u għas-settur tal-akkwakultura, inkluża l-metodoloġija għall-kalkolu tiegħu u kwalunkwe investiment ieħor fl-ekonomija blu sostenibbli meħtieġ biex jinkiseb żvilupp kostali sostenibbli.

**2a. Regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat jistgħu japplikaw għal miżuri u interventi oħra f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu XX tar-Regolament (UE) 20XX/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 [ir-Regolament dwar il-POSEI] u l-Artikolu XX tar-Regolament (UE) 20XX/XXXX [ir-Regolament dwar il-PKS].**

*Artikolu 47*

**Arranġamenti speċifiċi ta' provvista**

1. […] **Għandhom** jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' provvista għall-prodotti elenkati fl-Anness I TFUE li huma essenzjali fir-reġjuni ultraperiferiċi għall-konsum mill-bniedem, għall-manifattura ta' prodotti oħra jew bħala inputs agrikoli, **skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament 228/2013 [ir-Regolament dwar il-POSEI]**.

2. […]

3. […]

[…]

*Artikolu 48*

**Appoġġ għall-prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura lokali**

1. **L-appoġġ għall-prodotti agrikoli lokali għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament 228/2013 [ir-Regolament dwar il-POSEI].** […].

**1a. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ biex jikkumpensaw lill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija tal-ħut, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi għall-kostijiet addizzjonali mġarrba.**

**1aa. Sabiex jiġi implimentat tali appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1a, kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina l-lista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kwantità ta' dawk il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.**

**1ab. Meta jistabbilixxu l-listi, l-Istati Membri għandhom iqisu l-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-appoġġ ikun kompatibbli mar-regoli tal-PKS.**

2. […]

3. […]

4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-appoġġ li għandu jingħata lil benefiċjarju f'sena kalendarja partikolari jew jużaw pagamenti digressivi.

5. Il-kumpens ma għandux jingħata għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura:

(a) li jinqabdu minn bastimenti ta' pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela u li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 (37);

(b) li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux irreġistrati f'port ta' wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi;

(c) li jiġu importati minn pajjiżi terzi.

6. Il-paragrafu 5, il-punt (b), ma għandux japplika jekk il-kapaċità eżistenti tal-industrija tal-ipproċessar fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat taqbeż il-kwantità ta' materja prima fornuta.

**6a. Biex ikun evitat kumpens żejjed, il-kumpens li jitħallas lill-benefiċjarji li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fir-reġjuni ultraperiferiċi jew li jkollhom is-sjieda ta' bastiment irreġistrat f'port ta' wieħed minn dawk ir-reġjuni u li joperaw fih, għandu jqis:**

**(a) għal kull prodott jew kategorija ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati; u**

**(b) kwalunkwe tip ieħor ta' intervent pubbliku li jaffettwa l-livell ta' kostijiet addizzjonali.**

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikoli 86 u 87, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kriterji għall-kalkolu […] **tal-appoġġ, b'kont meħud tal-**karatteristiċi speċjali tar-reġjuni kkonċernati.

## TITOLU VII
## GOVERNANZA TAL-PJAN

### KAPITOLU 1
### Awtoritajiet tal-Pjan u l-funzjonijiet tagħhom

*Artikolu 49*

**Awtoritajiet tal-Pjan SNR u tal-Pjan Interreg**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 63(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kull Stat Membru għandu jidentifika awtorità ta' ġestjoni waħda jew aktar, aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** waħda jew aktar u awtorità tal-awditjar waħda jew aktar għall-Pjan **f'konformità mal-qafas istituzzjonali u legali tiegħu u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-kapitoli kkonċernati u, jekk applikabbli, awtorità waħda jew aktar li jassumu l-funzjoni ta' koordinazzjoni għall-Pjan SNR**. L-awtoritajiet identifikati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kollha identifikati għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom […] **ikunu jistgħu jinteraġixxu direttament** mal-Kummissjoni**, inkluż l-awtoritajiet ta' ġestjoni responsabbli mill-ipprogrammar, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-kapitoli reġjonali**.

2. Fejn Stat Membru jafda l-implimentazzjoni **tal-kapitoli** tal-Pjan lill-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, tal-PAK jew tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura**, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi** fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u **lill-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali għall-Klima u** abbażi **tal-aħħar** […] riżultati […] tal-awditjar, […] **il-Kummissjoni ma kkontestatx** il-funzjonament effettiv ta' dawn l-awtoritajiet, **u** dawn l-awtoritajiet għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti ewlenin **stabbiliti fl-Anness IV**.

3. ⌊Meta Stat Membru jidentifika aktar minn awtorità ta' ġestjoni waħda, huwa għandu jistabbilixxi awtorità ta' koordinazzjoni. Awtorità ta' ġestjoni tista' tiġi fdata bit-twettiq ta' ċerti funzjonijiet tal-awtorità ta' koordinazzjoni. L-arranġamenti bejn l-awtorità ta' koordinazzjoni u l-awtorità ta' ġestjoni għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub.⌋ **Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-kosteffettività, l-Istati Membri jistgħu jibnu fuq l-istrutturi u l-istituzzjonijiet ta' governanza eżistenti.**

4. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tidentifika korp intermedjarju wieħed jew aktar biex iwettqu […] kompiti taħt ir-responsabbiltà tagħhom. L-arranġamenti bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi intermedjarji għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub. […].

5. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun awtorità pubblika, funzjonalment indipendenti mill-partijiet awditjati. Ix-xogħol tal-awditjar jista' jitwettaq minn korp pubbliku jew privat għajr l-awtorità tal-awditjar taħt ir-responsabbiltà […] tal-awtorità **tal-awditjar**. Fejn l-Istat Membru jidentifika aktar minn awtorità tal-awditjar waħda, huwa għandu […] **jkollu fis-seħħ** arranġamenti ta' koordinazzjoni **jew funzjoni ta' koordinazzjoni** għat-tħejjija […] **tal-opinjonijiet** annwali tal-awditjar […] **u s-sommarji** tal-awditi msemmija fl-Artikolu 53 [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar].

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fi ħdan l-awtoritajiet identifikati għall-Pjan jiġi rispettat.

7. L-Istati Membri għandhom jakkreditaw l-aġenziji tal-pagamenti **tal-PAK** responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll **tal-interventi** […] msemmija fl-Artikolu 35(1) u l-azzjonijiet tal-Unjoni […] **implimentati taħt ġestjoni kondiviża** msemmija fl-Anness XV, il-paragrafu 1, il-punti (h) u (j), ta' dan ir-Regolament [[…] azzjonijiet **tal-Unjoni**] […]**. L-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-PAK** jistgħu jafdaw il-funzjonijiet tagħhom, kif imsemmija fl-Artikolu 52 [funzjonijiet tal-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK**], lill-awtorità ta' ġestjoni jew lil korp ieħor. **Il-kompiti delegati mill-aġenziji tal-pagamenti tal-PAK lill-awtoritajiet ta' ġestjoni ma għandhomx jiġu fdati ulterjorment lil korpi oħra.**

8. L-awtoritajiet ta' ġestjoni u tal-awditjar jistgħu jkunu responsabbli għal kapitolu wieħed jew aktar tal-**Pjan SNR jew tal-Pjan Interreg, jew partijiet mill-kapitoli tal-**Pjan **SNR**. […] G**ħandu** […] **jkun stipulat b'mod ċar liema awtoritajiet huma responsabbli għal kull parti tal-Pjan SNR jew tal-Pjan Interreg**.

9. Meta jwettqu l-funzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet tal-pjan jistgħu jużaw sistema unika integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u ta' monitoraġġ, inkluża għodda unika għall-estrazzjoni tad-data u għall-valutazzjoni tar-riskju **pprovduta mill-Kummissjoni**, kif imsemmija fl-Artikolu 36(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, biex jaċċessaw u janalizzaw id-data rilevanti, bil-ħsieb ta' applikazzjoni ġeneralizzata mill-Istati Membri. **L-awtoritajiet tal-pjan jistgħu wkoll ikomplu joperaw is-sistemi ta' informazzjoni u monitoraġġ tagħhom stess, dment li dawn jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.**

**9a. L-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar ma għandhomx ikunu meħtieġa jivverifikaw il-konkordanza bejn il-kostijiet sottostanti stmati u l-kostijiet reali tal-operazzjonijiet.**

10. Għandhom jiġu organizzati laqgħat ta' rieżami annwali darba fis-sena bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru biex tiġi eżaminata l-prestazzjoni tal-Pjan jew tal-kapitoli tiegħu. L-awtoritajiet rilevanti**, inkluż, fejn rilevanti, l-awtoritajiet reġjonali u l-awtoritajiet li jassumu l-funzjoni ta'** […] koordinazzjoni […] għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat ta' rieżami. L-eżitu tal-laqgħa ta' rieżami għandu jiġi rreġistrat bil-miktub. L-Istat Membru għandu jsegwi l-kwistjonijiet imqajma matul il-laqgħa ta' rieżami li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-pjan jew ta' kapitolu wieħed jew aktar u għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur dwar il-miżuri meħuda.

*Artikolu 50*

**[…] Il-funzjoni ta' […] koordinazzjoni tal-Pjan SNR**

**Il-funzjoni ta'** koordinazzjoni […] **tal-Pjan SNR** għandha […] **għandha tikkonsisti mill-kompiti li ġejjin**:

**(-a) is-sottomissjoni tal-Pjan SNR jew tal-emendi tiegħu;**

(a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-**Pjan SNR b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ta' ġestjoni** […] filwaqt li tiżgura prattiki ta' governanza tajba u […] **l-promozzjoni** ta' kapaċità amministrattiva adegwata mill-awtoritajiet responsabbli għall-Pjan **SNR**;

(b) l-iżgurar tal-koerenza fl-implimentazzjoni tad-diversi kapitoli tal-Pjan **SNR**;

(c) is-sottomissjoni**, abbażi tal-informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-aġenzija tal-pagamenti tal-PAK,** applikazzjonijiet għall-pagament għall-Pjan **SNR** lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 65;;

(d) il-forniment ta' previżjonijiet tal-ammont għall-applikazzjonijiet għall-pagament li għandhom jiġu sottomessi għas-sena kalendarja kurrenti u sussegwenti sal-31 ta' Jannar u […] **l-31** ta' Lulju f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness X [dwar il-previżjoni tal-pagament]. **Dan il-kompitu jista' jiġi fdat lil awtorità ta' ġestjoni waħda jew aktar**;

(e) […]

(f) il-[…]**ġbir** u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti kollha mitluba bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament annwali msemmi fl-Artikolu 59 [pakkett annwali]**. Meta l-pakkett ta' aċċertament jinkludi aktar minn dikjarazzjoni ta' ġestjoni jew opinjoni tal-awditjar waħda, dawn għandhom ikopru l-applikazzjonijiet kollha għall-pagament ippreżentati matul il-perjodu ta' referenza, f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru**;

(g) l-iżgurar ta' flussi finanzjarji lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-**aġenziji tal-pagamenti tal-PAK**, filwaqt li tiggarantixxi li ma' kull pagament magħmul mill-Kummissjoni, dawn l-awtoritajiet jirċievu l-ammonti dovuti lilhom, f'konformità mal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitoli rispettivi tagħhom u b'kont meħud tal-korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitoli tagħhom u li sa tmiem il-perjodu huma jirċievu ammont mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tagħhom lill-Unjoni;

(h) […]

(i) **meta applikabbli,** l-appoġġ għall-ħidma ta' kumitat ta' koordinazzjoni billi tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa u tiżgura s-segwitu tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat ta' […] koordinazzjoni;

(j) il-komunikazzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni […] tal-objettivi u r-riżultati tal-Pjan SNR f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-prestazzjoni] permezz ta' portal ta' sit web uniku li jipprovdi aċċess għall-kapitoli kollha tal-Pjan SNR skont l-Artikolu 64(1).

**Il-kompiti elenkati taħt dan l-Artikolu jistgħu jiġu fdati lil awtorità waħda jew aktar, filwaqt li jiġi żgurat li kull kompitu jiġi fdat lil awtorità waħda biss. L-arranġamenti biex jiġu stabbiliti l-kompiti tal-funzjoni ta' koordinazzjoni għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub.**

*Artikolu 51*

**Funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni**

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-Pjan **SNR** jew […] **ta' kapitolu wieħed jew aktar** tal-**Pjan SNR jew Kapitolu wieħed jew aktar tal-Pjan Interreg, jew partijiet ta' kapitolu tal-Pjan SNR, inkluż għall-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri tal-partijiet ikkonċernati** […]. Hija għandu jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) tagħżel operazzjonijiet bil-ħsieb li jiġi […] **ottimizzat** il-kontribut tal-Pjan **SNR** lejn il-kisba tal-objettivi tal-Fond, definiti fil-livell tal-kapitoli u l-miżuri tiegħu billi tistabbilixxi u tapplika kriterji u proċeduri mhux diskriminatorji u trasparenti;

(b) twettaq verifiki ta' ġestjoni biex tiżgura li jintlaħqu l-istadji importanti […]**,** il-miri u **l-outputs** stabbiliti fil-Pjan u l-użu […] tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli; għall-finijiet tat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-awtorità ta' ġestjoni […] **ma għandhiex** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet **meta tivvaluta l-issodisfar tal-istadji importanti, il-miri u l-outputs**;

(c) tapplika miżuri u proċeduri effettivi u proporzjonati, b'kont meħud tar-riskji identifikati, biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess, u l-finanzjament doppju u tiżgura l-konformità tal-operazzjonijiet sottostanti mal-liġi applikabbli, f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin];

(d) tappoġġa l-ħidma tal-**kumitati** […] ta' monitoraġġ billi tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin u tiżgura s-segwitu tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-**kumitati** […] ta' monitoraġġ;

(e) jekk ikun rilevanti, tissorvelja **l-implimentazzjoni tal-kompiti delegati lill-**korpi intermedjarji, filwaqt li tiżgura prattiki ta' governanza tajba u ż-żamma ta' kapaċità amministrattiva adegwata;

(f) **jekk ikun rilevanti,** issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-korpi intermedjarji […], **tal-partijiet ikkonċernati, tas-sħab** u tal-benefiċjarji, u tippromwovi t-tagħlim […] tal-politika;

(g) tiżgura li benefiċjarju jirċievi l-ammont dovut fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' […] **operazzjoni** b'mod sħiħ u mhux aktar tard minn 80 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju; u għall-interventi msemmija fl-Artikolu […] **35(1)**, il-punti (a) sa (g), (o), (p), u (r) [tipi ta' interventi], tiżgura li **mill-inqas 95 % ta**l-pagament lill-benefiċjarji jsir mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament. **Għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (h) sa (n) u (q) sa (s), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw l-iskadenza tat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena tal-preżentazzjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju.** L-iskadenza tista' tiġi […] **sospiża** jekk l-informazzjoni sottomessa mill-benefiċjarju ma tippermettix lill-awtorità ta' ġestjoni tistabbilixxi jekk l-ammont huwiex dovut;

(h) tirreġistra u taħżen b'mod elettroniku d-data meħtieġa għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifiki u l-awditi f'konformità mal-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri]**, l-Artikolu 63 [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data]** u l-Anness IV [rekwiżiti ewlenin], u tiżgura s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti;

(i) tiżgura li kull benefiċjarju jiġi pprovdut b'dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ […] **, il-**pjan ta' finanzjament […] **u** l-**limiti ta' żmien** tal-eżekuzzjoni **tiegħu** u, fejn applikabbli, il-metodu biex jiġu applikati l-kundizzjonijiet għall-pagament;

(j) tiżgura li l-benefiċjarji jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jiżguraw il-viżibbiltà tal-appoġġ tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE, Euratom) XX [ir-Regolament dwar il-prestazzjoni]**;**

(k) **tħejji,** tiffirma **u tipprovdi lill-awtorità li tassumi l-funzjoni ta' koordinazzjoni** id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmija fil-punt […]**(c)**, il-tal-Artikolu 59(1), […] [Pakkett ta' aċċertament annwali] f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XII [dikjarazzjoni ta' ġestjoni];

(l) tissottometti informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri fil-Pjan kif meħtieġ mill-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri] u l-Anness IX [Rappurtar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]**;**

**(m) jekk ikun rilevanti, l-iżgurar tal-evalwazzjoni tal-parti(jiet) rilevanti tal-Pjan SNR;**

**(n) l-implimentazzjoni ta' qafas ta' komunikazzjoni għall-udjenzi fil-mira u l-kapitoli tal-Pjan SNR rilevanti.**

2. Il-verifiki ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b) għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u proporzjonati għar-riskji identifikati ex ante u bil-miktub.

3. Il-verifiki ta' ġestjoni għandhom jinkludu verifiki amministrattivi fir-rigward tat-talbiet għall-pagament magħmula mill-benefiċjarji u**, meta meħtieġ,** verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet. Dawk il-verifiki għandhom jitwettqu qabel is-sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament annwali f'konformità mal-Artikolu 59.

*Artikolu 52*

**Funzjonijiet tal-aġenzija tal-pagamenti tal-PAK**

1. L-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** għandu jkollha organizzazzjoni amministrattiva u sistema ta' kontroll intern li tikkonforma mal-istandards ta' kontroll intern rikonoxxuti internazzjonalment u li tipprovdi garanziji suffiċjenti li l-pagamenti jkunu legali, regolari u kontabilizzati kif xieraq.

2. Kull Stat Membru **jista' jżomm l-aġenziji tal-pagamenti tal-PAK stabbiliti u** għandu, filwaqt li jqis id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tiegħu, jirrestrinġi l-għadd ta' aġenziji tal-pagamenti **tal-PAK** akkreditati tiegħu għal aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** unika fil-livell nazzjonali […] **u/jew**, fejn applikabbli, għal aġenzija tal-pagamenti waħda għal kull reġjun. **Meta Stat Membru jkollu aktar minn aġenzija tal-pagamenti tal-PAK waħda, dak l-Istat Membru jista' jaħtar korp ta' koordinazzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti tal-PAK.**

3. Fir-rigward tal-[…]**interventi** msemmija fl-Artikolu 35**(1)** [tip ta' interventi tal-PAK], l-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** għandha twettaq il-kompiti tal-awtorità ta' ġestjoni elenkati fl-Artikolu 51(1) [awtorità ta' ġestjoni], il-punti (b), (c), (f), (g), (h), (i), (j)**, (k) u (l)** […] u (2) u (3) ta' dak l-Artikolu.

L-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK**tista' tiddelega t-twettiq tal-kompiti tagħha, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti.

**B'deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafu, fir-rigward tal-iżvilupp lokali multisettorjali mmexxi mill-komunità li jinkludi LEADER, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtorità ta' ġestjoni twettaq il-kompiti elenkati fl-Artikolu 51.**

4. L-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** għandha tipprovdi lill-**awtorità li tassumi l-funzjoni** […] ta' koordinazzjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-fini tal-Artikolu 50, il-punti (c), […] u (f) ta' **dan** ir-Regolament […].

Il-persuna inkarigata mill-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** għandha tfassal u tipprovdi lill-**awtorità li tassumi l-funzjoni** […] ta' koordinazzjoni d-dikjarazzjoni**(jiet)** ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 59(1), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament [Sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament annwali].

5. Kull Stat Membru għandu jimmonitorja kontinwament il-konformità tal-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkun inkarigat mill-ħruġ, ir-rieżami u l-irtirar tal-akkreditazzjoni tagħhom.

Fejn l-Istat Membru jkun iddetermina li aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** akkreditata ma tibqax tirrispetta wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 b'mod li jaffettwa t-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Istat Membru għandu jqiegħed l-akkreditazzjoni tal-aġenzija tal-pagamenti **tal-PAK** taħt probation mingħajr dewmien. Hija għandha tfassal pjan li jinkludi azzjonijiet u skadenzi biex tirrimedja n-nuqqasijiet misjuba fi żmien perjodu li għandu jiġi ddeterminat skont is-severità tal-problema. Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar mid-data li fiha l-akkreditazzjoni titqiegħed taħt probation. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tagħti estensjoni ta' dak il-perjodu.

*Artikolu 53*

**Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar**

1. L-awtorità tal-awditjar għandha tkun responsabbli għat-twettiq ta' awditi dwar it-twettiq tal-istadji importanti[…]**,** il-miri u **l-outputs** u awditi tas-sistemi sabiex tipprovdi aċċertament lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll […]. L-awditi għandhom jipprovdu aċċertament dwar l-użu […] tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli.

2. L-awtorità tal-awditjar għandha tfassal **u tipprovdi lill-awtorità li tassumi l-funzjoni ta' koordinazzjoni jew lill-awtorità ta' ġestjoni tal-kapitolu dwar il-Pjan Interreg**:

(a) opinjoni annwali tal-awditjar għall-finijiet tal-Artikolu 63(7) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament li għandha tistabbilixxi jekk

(i) id-data mdaħħla fl-applikazzjonijiet għall-pagament ippreżentati għall-perjodu referenzjarju kif imsemmi fl-Artikolu 59(1), il-punt (a), [pakkett ta' aċċertament] hijiex kompluta, akkurata u affidabbli;

(ii) is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonawx kif suppost **u tiżgura li l-fondi tal-Unjoni jintużaw f'konformità mal-liġi applikabbli** u tiżgura l-protezzjoni effettiva u f'waqtha tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni […];

(iii) l-użu tal-fondi huwiex konformi mal-liġi applikabbli;

(iv) jekk ix-xogħol tal-awditjar iqajjimx dubji dwar id-dikjarazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni**(jiet)** ta' ġestjoni.

(b) sommarju tal-awditi mwettqa kif imsemmi fl-Artikolu 59(1), il-punt (b), [Pakkett ta' aċċertament] inkluża analiżi tan-natura u l-firxa tad-dgħufijiet identifikati u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata;

Ix-xogħol tal-awditjar għandu jitwettaq f'konformità ma' standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

3. L-awtorità tal-awditjar għandha tħejji strateġija tal-awditjar ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li tqis id-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll prevista kif meħtieġ fl-Artikolu 22(2), il-punt (m), li tkopri l-awditi tas-sistemi, u l-awditi fir-rigward tal-istadji importanti**,** […], il-miri **u l-outputs**, u l-użu […] tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli. L-awtoritajiet ta' ġestjoni kollha li jkunu għadhom kif ġew identifikati għandhom ikunu soġġetti għal awditu tas-sistemi qabel is-sottomissjoni tal-ewwel applikazzjoni għall-pagament.

4. **Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 58, l**[…]-awtorità tal-awditjar […] **ma għandhiex** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet […] **meta tivverifika l-issodisfar tal-istadji importanti, il-miri u l-outputs**.

## KAPITOLU II

## Arranġamenti għall-monitoraġġ

*Artikolu 54*

### Kumitat ta' monitoraġġ u kumitat ta' koordinazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kumitat ta' monitoraġġ wieħed jew aktar għall-kapitoli tal-Pjan SNR, kif xieraq fil-funzjoni tal-kapitolu kkonċernat. Għandhom ikunu koperti l-kapitoli kollha tal-Pjan **SNR**. L-istess kumitat ta' monitoraġġ jista' jkopri aktar minn kapitolu wieħed.

2. Fejn l-Istat Membru jistabbilixxi aktar minn kumitat ta' monitoraġġ wieħed, huwa […] **jista'** jistabbilixxi wkoll kumitat ta' koordinazzjoni li għandu jiżgura l-ħarsa ġenerali u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan **SNR**, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet rilevanti li jimmaniġġaw kull wieħed mill-kapitoli tal-Pjan SNR, fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika lill-Istat Membru kkonċernat tad-deċiżjoni li tapprova l-Pjan SNR. […]

3. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 55 u 56 għandhom japplikaw għall-kumitat ta' koordinazzjoni**, meta rilevanti,** u għall-kumitat ta' monitoraġġ.

4. Kull kumitat ta' monitoraġġ u**, meta rilevanti,** l-kumitat ta' koordinazzjoni għandhom jadottaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess u l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trasparenza.

5. Il-kumitat ta' monitoraġġ **u, meta rilevanti, il-kumitat ta' koordinazzjoni** għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrieżamina l-implimentazzjoni tal-kapitolu jew kapitoli tal-Pjan SNR taħt ir-responsabbiltà tiegħu, inklużi l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress lejn il-kisba tal-objettivi tagħhom.

6. Ir-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ **u, meta rilevanti, tal-kumitat ta' koordinazzjoni,** u d-data u l-informazzjoni kondiviżi mal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 64.

*Artikolu 55*

**Kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ**

1. […]**Meta jiddeterminaw** il-kompożizzjoni […] tal-kumitat ta' monitoraġġ, […] **kull Stat Membru għandu jiżgura** rappreżentanza bbilanċjata tal-awtoritajiet u l-korpi intermedjarji rilevanti tal-Istati Membri u tar-rappreżentanti tas-sħab imsemmija fl-Artikolu 6 [sħubija] **permezz ta' proċessar trasparenti, skont il-qafas istituzzjonali u legali ta' kull Stat Membru**.

Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ għandha tqis il-kapitolu jew il-kapitoli tal-Pjan **SNR** li l-kumitat ta' monitoraġġ ikun responsabbli għalihom. Il-kompożizzjoni u d-daqs tal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jippermettu lill-kumitat iwettaq il-ħidma tiegħu b'mod effiċjenti u effettiv.

Kull membru tal-kumitat ta' monitoraġġ għandu jkollu vot. **Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiġi ppresedut minn rappreżentant tal-Istat Membru. Ir-regoli ta' proċedura jistgħu jippermettu lil dawk li mhumiex membri, inkluż il-BEI, biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ.**

L-Istat Membru għandu jippubblika u […] **jżomm aġġornata** l-lista tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 64.

2. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom jipparteċipaw fil-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ f'kapaċità konsultattiva.

*Artikolu 56*

**Funzjonijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ**

1. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina **għall-kapitolu jew kapitoli taħt ir-responsabbiltà tiegħu**:

(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu **jew kapitoli** tal-Pjan **SNR**;

(b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-kapitolu **jew kapitoli** u l-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet;

(c) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-Dritt u tal-Karta stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9 [Kundizzjonijiet orizzontali tal-Istat tad-dritt u tal-Karta] u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni;

(d) il-progress li sar fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, is-sinteżi tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu mogħti għas-sejbiet;

(e) l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità […];

(f) il-progress fil-bini tal-kapaċità amministrattiva għall-istituzzjonijiet pubbliċi, is-sħab u l-benefiċjarji, fejn rilevanti;

(g) il-funzjonament effettiv tas-sħubija fir-rigward tal-kapitolu jew il-kapitoli tal-Pjan **SNR** taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

2. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu japprova għall-kapitolu/i **tal-Pjan SNR** taħt ir-responsabbiltà tiegħu:

(a) kwalunkwe proposta għall-emenda tal-kapitolu jew kapitoli […], ħlief għall-emendi skont l-Artikolu 34 [azzjonijiet tal-Unjoni, Faċilità tal-UE].

(b) Il-metodoloġija **u** l-kriterji […] għall-għażla tal-operazzjonijiet, inkluż kwalunkwe bidla fihom. Il-kriterji applikati […] għandhom ikunu nondiskriminatorji, inklużivi u trasparenti, jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jqisu l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

(c) il-pjan direzzjonali tal-evalwazzjoni u kwalunkwe emenda għalih;

(d) […]

(e) […]

3. **Jekk applikabbli,** il-kumitat ta' koordinazzjoni għandu […] **jagħti opinjoni dwar** l-istess elementi fil-paragrafu preċedenti iżda fil-livell tal-**Pjan SNR bil-ħsieb li tiġi żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni tal-kapitoli differenti** […]. F'każ ta' opinjonijiet diverġenti, għandha tipprevali l-opinjoni tal-kumitat ta' monitoraġġ responsabbli għall-kapitolu.

4. F'każ ta' dewmien jew sfidi fl-implimentazzjoni ta' kapitoli differenti tal-**Pjan SNR, il-monitoraġġ u, jekk applikabbli** […], il-kumitat ta' koordinazzjoni jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet li jimmaniġġaw il-kapitoli tal-Pjan **SNR** dwar it-titjib tal-effettività ta' dawn il-kapitoli fil-kisba tal-objettivi tagħhom […].

**4a. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-interventi tal-PAK u tal-PKS, li għalihom il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jipprovdi opinjoni.**

*Artikolu 57*

[…]

[…]

## TITOLU X
## REGOLI TA' ĠESTJONI U FINANZJARJI

### KAPITOLU I
### Regoli ġenerali ta' ġestjoni

*Artikolu 58*

**Responsabbiltajiet tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli, inklużi r-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat. Huma għandhom b'mod partikolari jiżguraw il-prevenzjoni, il-kxif, il-korrezzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom:

(a) jistabbilixxu sistemi effettivi u effiċjenti ta' ġestjoni u kontroll għall-Pjanijiet tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Anness IV u jiżguraw il-funzjonament tajjeb tagħhom f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

(b) jiżguraw […] li l-appoġġ ipprovdut ikun intuża kif suppost biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri jew l-outputs stabbiliti u jieħdu l-azzjonijiet xierqa kollha biex jiżguraw li l-użu tal-fondi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet jikkonforma mal-liġi applikabbli**. L-Istati Membri ma għandhomx jivverifikaw il-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet u l-miżuri meta jivvalutaw l-issodisfar tal-istadji importanti, il-miri u l-outputs**;

(c) jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess, inkluż**, meta disponibbli u applikabbli, bl-**użu ta' għodod għall-estrazzjoni tad-data;

(d) japplikaw miżuri korrettivi **proporzjonati** fejn il-liġi applikabbli ma tiġix rispettata;

(e) jiżguraw l-evitar ta' finanzjament doppju mill-baġit tal-Unjoni, u jieħdu miżura immedjata biex jikkoreġu kwalunkwe sitwazzjoni ta' finanzjament doppju**, b'mod partikolari, billi jikkooperaw mal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7(5) jew permezz tal-irkupru ta'** […] fondi […];

(f) jiżguraw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 130 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

(g) jiżguraw ir-rapportar tal-każijiet kollha ta' suspetti ta' frodi, korruzzjoni u irregolaritajiet, inklużi kunflitt ta' interess, finanzjament doppju u ksur ieħor tal-liġi applikabbli fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS, Irregularity Management System) tal-Kummissjoni; il-Kummissjoni għandha tiġbor fil-qosor u tippubblika dik l-informazzjoni kull sena u għandha tikkomunikaha lill-Parlament Ewropew;

**Ma għandhomx jiġu rrapportati irregolaritajiet meta l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni kkonċernat mill-każ ikun inqas minn EUR 10 000 u lanqas ma għandhom jiġu rrapportati irregolaritajiet meta jkunu nstabu u ġew ikkoreġuti mill-Istati Membri qabel l-inklużjoni tagħhom f'applikazzjoni għall-pagament ippreżentata lill-Kummissjoni;**

(h) jiżguraw li l-Kummissjoni, l-OLAF, il-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE:

(i) jistgħu jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 inkluż billi jirrikjedu espressament […] lill-**benefiċjarji** tal-fondi tal-Unjoni jipprovdu jew jiżguraw id-drittijiet u l-aċċess meħtieġa u **jiżguraw li r-riċevituri, ir-riċevituri finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi jipprovdu tali drittijiet u aċċess**;

(ii) jirċievi aċċess għad-data msemmija fl-Artikolu 63 [dwar il-ġbir u l-pubblikazzjoni tad-data] fl-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tiegħu.

(i) ikollhom sistemi u proċeduri fis-seħħ biex jiżguraw li d-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa għar-rendikont tal-entrati relatat ma' miżura appoġġata mill-Fond jinżammu fil-livell xieraq għal perjodu ta' […] **ħames** snin mill-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jsir l-aħħar pagament mill-Kummissjoni lill-Istat Membru; fejn tkun inbdiet proċedura ta' rimedju, ikun ġie ppreżentat appell jew fejn ikunu bdew proċedimenti tal-qorti, id-dokumenti ta' sostenn għandhom jinżammu sakemm jintemmu dawk il-proċeduri jew kwalunkwe proċedura ta' rkupru sussegwenti;

(j) jagħmlu arranġamenti biex jiżguraw l-eżami effettiv tal-ilmenti li jikkonċernaw l-użu tal-Fond, f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali u legali tagħhom, u fuq talba tal-Kummissjoni, jeżaminaw l-ilmenti sottomessi lill-Kummissjoni li jaqgħu fl-ambitu tal-Pjan SNR **jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg** u jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dawn l-eżamijiet;

(k) jiżguraw li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji tal-finanzjament u l-awtoritajiet tal-Pjan […], kif ukoll mal-Kummissjoni, jitwettqu permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku ta' data li jinkludu, fost l-oħrajn, l-użu ta' formoli u kalkoli awtomatiċi u interattivi, jiżguraw iż-żamma tar-rekords u l-ħżin tad-data fis-sistema biex ikunu jistgħu jsiru kemm il-verifiki amministrattivi tat-talbiet għall-pagament ippreżentati mill-benefiċjarji u l-awditi kif ukoll is-sinkronizzazzjoni u t-trażmissjoni awtomatika tad-data bejn is-sistemi tal-benefiċjarji u dawk tal-Istati Membri;

(l) jiżguraw li l-iskambji uffiċjali kollha ta' informazzjoni mal-Kummissjoni jitwettqu permezz ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' data msemmija fl-Anness XVI [SFC2028: sistema ta' skambju elettroniku ta' data bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni]. […]

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni sal-[…] **l-iskadenza stipulati fl-Artikolu 59(1)** dwar il-progress fil-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-Pjanijiet, filwaqt li jikkwantifikaw it-twettiq ta' kull mira u stadju importanti, u l-progress miksub għall-interventi bbażati fuq l-output appoġġati mill-Pjanijiet. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness IX [Rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]. Jekk ma tkun disponibbli l-ebda kwantifikazzjoni dwar il-progress tal-istadji importanti u l-miri fis-sistemi ta' rapportar tal-progress, l-Istat Membru għandu jipprovdi stima tal-progress miksub, f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness IX [Rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri]. L-informazzjoni magħmula disponibbli għandha tkopri l-progress sa tmiem is-sena **preċedenti** […] u għandha tiġi ppreżentata bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament annwali msemmi fl-Artikolu […] **59(1)**, il-punt (a).

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu […] **87** [atti delegati] li jissupplimentaw il-paragrafu 2, il-punt (g) ta' dan l-Artikolu, b'regoli dwar il-kriterji għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' suspett ta' frodi, korruzzjoni u irregolarità li għandhom jiġu rrapportati u dwar id-data li għandha tiġi pprovduta f'dak il-kuntest.

*Artikolu 59*

**Sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament annwali**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar ta' kull sena […]**, billi jibdew mill-2029,** id-dokumenti li ġejjin ("il-pakkett ta' aċċertament annwali")**, li għandhom ikopru l-perjodu ta' referenza tal-assigurazzjoni preċedenti**:

   (a) ir-rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri fil-**Pjan SNR jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg** […] stipulat fl-Artikolu […] **58(3)** [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], f'konformità mal-**Parti 2 tal-**mudell stabbilit fl-Anness IX [Rapportar dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri], **li jkopri l-progress kumulattiv sa tmiem is-sena kalendarja preċedenti u** […] **l-elenkar tal-**applikazzjonijiet għall-pagament sottomessi **f'perjodu ta' referenza partikolari, billi jibdew minn dawk sottomessi fl-2028 għall-ewwel perjodu ta' referenza f'konformità mal-Parti 1 tal-mudell stabbilit fl-Anness IX**;

(b) is-sommarju tal-awditi msemmija fl-Artikolu 53(2)(b) [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar];

(c) id-**dikjarazzjonijiet** […] ta' ġestjoni, f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XII, li jindikaw li:

(i) l-informazzjoni sottomessa mal-applikazzjoni(jiet) għall-pagament hija kompluta, akkurata u affidabbli;

(ii) il-fondi ntużaw […] **f'konformità mal-liġi applikabbli**;

(iii) is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jiffunzjonaw kif suppost u jagħtu aċċertament […] **raġonevoli** li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mal-[…]**liġi** applikabbli […], inkluż dwar il-prevenzjoni, il-kxif, ir-rapportar u l-korrezzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni, il-finanzjament doppju, il-frodi u irregolaritajiet oħra, u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

(iv) l-informazzjoni **rrapportata f'konformità mal-Parti 2 tal-Anness IX li tkopri l-progress kumulattiv sa tmiem is-sena kalendarja preċedenti** […] tipprovdi stampa vera u ġusta tal-progress fl-implimentazzjoni;

(d) l-[…]**opinjonijiet** annwali tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 53(2) [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar] f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness […] **XIII**;

**Skont l-Artikolu 63(7) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-iskadenza tal-15 ta' Frar tista' tiġi estiża b'mod eċċezzjonali mill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu fuq komunikazzjoni bil-miktub mill-Istat Membru kkonċernat.**

2. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta fil-pakkett ta' aċċertament annwali sabiex tiddeċiedi jekk tkunx meħtieġa xi waħda mill-miżuri speċifikati fl-Artikoli 66, 67 u 68 [interruzzjonijiet] [sospensjoni tal-pagamenti] [korrezzjonijiet finanzjarji].

3. **Biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, m**[…]eta jissottometti l-pakkett ta' aċċertament annwali finali **sal-15 ta' Frar 2037** għall-aħħar sena finanzjarja, l-Istat Membru għandu jikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni**, eskluż l-assistenza teknika,** ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat Membru lill-benefiċjarji **għall-operazzjonijiet [skont it-tifsira tal-Artikolu 63(1)(e)(vi)] fil-livell** […] tal-Pjan, b'kont meħud tal-kontribuzzjoni nazzjonali.

*Artikolu 60*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tikseb aċċertament raġonevoli li l-Istati Membri jkunu stabbilew sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li dawn is-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv u effiċjenti matul l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha tfassal, għall-finijiet tax-xogħol tal-awditjar tagħha stess, strateġija tal-awditjar u pjan ta' awditjar li għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju u l-prinċipju tal-proporzjonalità. **Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kull sena dwar l-istrateġija ta' awditjar tagħha.**

3. Il-Kummissjoni u l-awtorità tal-awditjar għandhom jikkoordinaw ix-xogħol tal-awditjar tagħhom.

4. Għall-fini tal-awditi, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom għandhom, f'konformità mal-Artikolu 58(2), il-punt (h) [responsabbiltajiet tal-Istati Membri], ikollhom aċċess għar-rekords, id-dokumenti u l-metadata kollha meħtieġa, irrispettivament mill-mezz li fih jinħażnu, relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan, inklużi l-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond jew mas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u għandhom jirċievu kopji fil-format speċifiku mitlub. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jistgħu jitolbu informazzjoni supplimentari u jwettqu verifiki fuq il-post.

5. Il-Kummissjoni għandha twettaq awditi matul l-implimentazzjoni tal-Fond u sa tliet snin wara d-data tal-pagament finali **li jkun sar mill-Kummissjoni lill-Istat Membru**.

6. **Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu vverifikati d-dokumenti ta' sostenn kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(i) jew biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni,** il-Kummissjoni […] **ma għandhiex** tivverifika l-kostijiet sottostanti tal-operazzjonijiet […] **meta tawditja l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri**.

*Artikolu 61*

**Approċċ ta' awditu uniku**

1. Meta jwettqu l-awditi, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom iqisu kif xieraq il-prinċipji ta' awditu uniku u tal-proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' riskju għall-baġit tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom l-ewwel jużaw l-informazzjoni u r-rekords kollha […] **disponibbli**, inkluż ir-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni […] u **l-informazzjoni disponibbli fis-sistemi ta' skambju elettroniku ta' data msemmija fl-Artikolu 58(2), il-punti (k) u (l). Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar** jistgħu jitolbu u jiksbu dokumenti u evidenza għall-awditjar addizzjonali mill-awtoritajiet tal-pjan u mill-benefiċjarji kkonċernati meta, abbażi tal-ġudizzju professjonali tagħhom, dan ikun meħtieġ biex jappoġġa konklużjonijiet tal-awditjar robusti.

3. […] **Meta** l-Kummissjoni tikkonkludi li l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar tkun affidabbli, u l-Istat Membru kkonċernat jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, l-awditi tal-Kummissjoni stess għandhom ikunu limitati għall-awditjar tal-ħidma tal-awtorità tal-awditjar. **Il-Kummissjoni għandha tqis il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE.**

4. Il-Kummissjoni u l-awtorità tal-awditjar […] **ma għandhomx** jawditjaw stadji importanti, miri **u outputs** fi kwalunkwe sena fejn dawn ikunu diġà ġew soġġetti għal awditu mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri**, dment li r-riżultati ta' dak l-awditu mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għal tali stadji importanti, miri u outputs ikunu jistgħu jintużaw mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni għall-fini tat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza ġdida**.

5. Minkejja l-paragrafu […] **4**, kwalunkwe stadju importanti, mira **u output** jistgħu jkunu soġġetti għal aktar minn awditu wieħed, jekk l-awtorità tal-awditjar tikkonkludi, abbażi tal-ġudizzju professjonali tagħha, li **b'mod ieħor** ma jkunx possibbli li titfassal opinjoni tal-awditjar valida. **Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istat Membru kkonċernat biżżejjed żmien minn qabel verifika.**

6. Il-paragrafu […] **3** ma għandux japplika fejn:

(a) ikun hemm riskju jew suspett speċifiku ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess jew nuqqas ta' konformità serju ieħor[…];

(b) ikun hemm bżonn li jerġa' jitwettaq ix-xogħol tal-awtorità tal-awditjar biex jinkiseb aċċertament dwar il-funzjonament effettiv tagħha wara l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju mwettaq mill-Kummissjoni;

(c) ikun hemm evidenza li l-funzjonament tal-awtorità tal-awditjar ma jikkonformax mar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Artikolu 53 [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar] u fl-Anness IV [Rekwiżiti ta' Awditu &[…]Kontroll].

**Għall-finijiet tal-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tinforma fil-ħin lill-Istati Membri bir-raġunijiet għaliex ma applikatx il-prinċipju msemmi fl-Artikolu 61(3).**

7. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari u, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, mill-inqas darba fis-sena biex jeżaminaw l-istrateġija tal-awditjar, ir-rapport annwali ta' kontroll u l-[…]**opinjonijiet** tal-awditjar, biex jikkoordinaw il-pjanijiet u l-metodi tal-awditjar tagħhom, u biex jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mat-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

*Artikolu 62*

**Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli u l-politika komuni tas-sajd**

1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] u **mas-sistema ta' kontroll skont l-**Artikolu […] **3**, il-paragrafu […] **4**, tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament PKS].

   Fejn l-erja […] iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 70 [SIAK**]** **għall-appoġġ taħt l-interventi previsti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK**], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli […] skont dan l-Artikolu **u l-penali fl-Artikolu xx tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK]**.

   Fejn benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u b'kont meħud tar-riskji assoċjati **u l-kost tal-kontroll**, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. […]

[…]

[…]

[…].

*Artikolu 63*

**Ġbir u reġistrazzjoni tad-data**

1. Għall-finijiet tal-awditjar u l-kontrolli, it-trasparenza u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu b'mod elettroniku l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g), **mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni,** filwaqt li jiżguraw is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti u jippermettu […]**s-sottomissjoni** awtomatizzata ta' data mas-sistema elettronika identifikata mill-Kummissjoni:

(a) dwar il-benefiċjarju:

(i) jekk il-benefiċjarju huwiex korp tad-dritt pubbliku jew privat, jew entità b'personalità ġuridika jew mingħajrha, jew persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi;

(ii) l-isem ġuridiku sħiħ tal-entità, l-indirizz, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħha fejn disponibbli jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell tal-pajjiż;

(iii) jekk ikun persuna fiżika, l-isem u l-kunjom, id-data tat-twelid, il-lokalità u n-numru ta' identifikazzjoni […] **tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħha fejn disponibbli jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell tal-pajjiż**;

(iv) informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji kollha tal-benefiċjarju, jekk ikun hemm, kif definit fl-Artikolu […] **3(6)** tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**10**, jiġifieri l-isem/ismijiet u l-kunjom(ijiet), id-data/i tat-twelid u n-numru/i […] **ta' identifikazzjoni** tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa fejn disponibbli jew identifikatur uniku ieħor **stabbilit** fil-livell tal-pajjiż;

---

**10** Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj).

(v) l-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni impenjat […] **kif jinsab** fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ;

(vi) indikazzjoni tal-miżura assoċjata skont il-Pjan bin-numru tas-sekwenza tal-miżura u l-identifikatur tal-operazzjoni;

(vii) fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji, informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju huwiex il-korp li jimplimenta fond ta' parteċipazzjoni jew, fejn ma jkunx hemm struttura ta' fond ta' parteċipazzjoni, il-korp li jimplimenta fond speċifiku, jew, fejn l-awtorità ta' ġestjoni timplimenta strument finanzjarju direttament, informazzjoni dwar l-awtorità ta' ġestjoni.

(viii) Fir-rigward tal-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1),

- Il-ġeneru**, jekk applikabbli**, jekk il-benefiċjarju huwiex bidwi, detentur ta' foresti, bidwi żagħżugħ, negozju li għadu kif jiġi stabbilit; għal interventi settorjali, it-tip ta' organizzazzjoni tal-produtturi;

- il-ġeolokalizzazzjoni tal-azjenda**, jekk applikabbli**, jekk tinsabx f'żona b'restrizzjonijiet naturali jew speċifiċi kif imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 202/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK][Pagament għal restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra taż-żona], f'żona vulnerabbli għan-nitrati**11**, f'żona ta' Natura 2000 kif imsemmija fl-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament [Appoġġ għal żvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti mandatorji];

---

[11] Kif deżinjata skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj).

- it-tip ta' biedja[12]**, jekk applikabbli**, jekk l-azjenda tinħadimx b'mod organiku[13], l-għadd totali ta' ettari ta' raba' li jinħadem, **ettari** ta' erja ta' art bil-ħaxix permanenti, **ettari** b'għelejjel permanenti, **ettari** li fuqhom ma titwettaq l-ebda attività agrikola iżda li **għadhom** […] **ettari** eliġibbli, ettari soġġetti għall-intendenza **tal-azjendi agrikoli**, li minnhom prattiki protetti;

(b) dwar ir-riċevitur u r-riċevitur finali:

(i) jekk ir-riċevitur jew ir-riċevitur finali huwiex persuna fiżika jew ġuridika u fil-każ ta' persuna ġuridika, jekk huwiex korp tad-dritt pubbliku jew privat;

(ii) fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem ġuridiku sħiħ tar-riċevitur jew tar-riċevitur finali u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħha fejn ikun disponibbli jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell tal-pajjiż, u fil-każ ta' persuna fiżika, l-isem u l-kunjom tar-riċevitur, id-data tat-twelid**, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew** […] in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħha fejn ikun disponibbli jew identifikatur uniku ieħor **stabbilit fil-livell tal-pajjiż**;

(iii) għal strumenti finanzjarji li jikkonċernaw interventi li jappoġġaw il-Politika Agrikola Komuni implimentati taħt ġestjoni kondiviża, il-ġeneru **jekk applikabbli**, jekk ir-riċevitur finali huwiex bidwi, detentur ta' foresta, bidwi żagħżugħ, negozju li għadu kif jiġi stabbilit […];

[12] Kif definit fit-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi msemmija fl-Artikolu 5b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi network għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1217/oj).

[13] Kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/848/oj).

(iv) il-lokalità tar-riċevitur jew tar-riċevitur finali, jiġifieri l-indirizz tar-riċevitur meta r-riċevitur jew ir-riċevitur finali jkun persuna ġuridika; ir-reġjun fil-livell NUTS 2 meta r-riċevitur jew ir-riċevitur finali jkun persuna fiżika u jkun domiċiljat fl-Unjoni jew il-pajjiż meta r-riċevitur jew ir-riċevitur finali jkun persuna fiżika u ma jkunx domiċiljat fl-Unjoni;

(v) informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji kollha tar-riċevitur jew tar-riċevitur finali, jekk ikun hemm, kif definiti fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849, jiġifieri l-isem/ismijiet u l-kunjom(ijiet), id-data/i tat-twelid u n-numru/i […] **ta' identifikazzjoni** tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa fejn ikunu disponibbli jew identifikatur uniku ieħor **stabbilit** fil-livell tal-pajjiż;

(vi) l-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni […] **kif jinsab fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ**, l-indikazzjoni tal-miżura assoċjata skont il-Pjan u l-identifikatur tal-operazzjoni.

(c) dwar il-kuntrattur**, li ngħata kuntratt wara proċedura ta' akkwist pubbliku ogħla mil-limiti identifikati fid-dritt tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku**:

(i) l-isem u […] **n-numru ta' identifikazzjoni** tal-VAT jew in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa **meta disponibbli jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell tal-pajjiż**;

(ii) informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji kollha tal-kuntrattur, jekk ikun hemm, kif definiti fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849, jiġifieri l-isem/ismijiet u l-kunjom(ijiet), id-data/i tat-twelid u n-numru/i […] **ta' identifikazzjoni** tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa fejn ikunu disponibbli jew identifikatur uniku ieħor **stabbilit** fil-livell tal-pajjiż;

(iii) informazzjoni dwar il-kuntratti kollha, jiġifieri l-isem, id-data, ir-referenza, l-ammont tal-kuntratt u kwalunkwe identifikatur jew numru ta' identifikazzjoni rilevanti;

(iv) indikazzjoni tal-miżura assoċjata skont il-Pjan bin-numru tas-sekwenza tal-miżura u l-identifikatur tal-operazzjoni.

(d) […]

(e) dwar l-operazzjoni:

(i) l-isem u l-identifikatur uniku u l-ġeolokalizzazzjoni tal-operazzjoni jew, għall-operazzjonijiet mobbli, l-operazzjonijiet implimentati fil-cloud jew l-operazzjonijiet li jkopru diversi postijiet, il-post tal-benefiċjarju**. Għall-operazzjonijiet marbuta ma' bastiment tas-sajd, in-numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni kif imsemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218**;

(ii) deskrizzjoni qasira u l-objettivi tal-operazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p);

(iii) l-identifikatur uniku tas-sejħa/sejħiet għal proposti u offerti li taħthom intgħażlet l-operazzjoni […];

(iv) […]

(v) l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni kif stabbilit fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ;

(vi) l-ammont imħallas lill-benefiċjarju għall-operazzjoni;

(vii) ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-[…]**miżura** assoċjata […] u, fejn applikabbli, finanzjament nazzjonali addizzjonali;

(viii) id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem **mistennija** tal-operazzjoni kif indikati fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ**, li, jekk ikunu differenti, għandhom jiġu aġġornati għad-data tal-bidu u d-data tat-tmiem mat-tlestija tal-operazzjoni**;

(ix) […]

(x) il-munita tal-operazzjoni kif stabbilit fid-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjoni għall-appoġġ;

(xi) l-identifikatur uniku tal-Pjan li taħtu tiġi appoġġata l-operazzjoni;

(xii) informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni hijiex bil-parteċipazzjoni ta' pajjiż terz jew isseħħx f'pajjiż terz; jekk iva, l-identifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz;

(xiii) in-numru tas-sekwenza tal-miżura, tal-istadju importanti u tal-mira, tal-qasam ta' intervent u tal-indikaturi tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] li l-operazzjoni tikkontribwixxi għalihom […];

(xiv) għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1)**, jekk applikabbli**: l-erja eliġibbli, […] jekk din il-prattika agrikola tkunx għadha kif ġiet implimentata, is-settur agrikolu, il-grupp ta' bdiewa jew l-erja fil-mira, it-tip ta' erja appoġġata, l-erja jew l-għadd ta' annimali jew il-kapital assigurat, il-kategorija tal-investimenti, […];

(xv) informazzjoni dwar jekk l-istrument finanzjarju huwiex ikkombinat ma' appoġġ tal-programm fil-forma ta' għotjiet skont it-tifsira tal-Artikolu 71;

(xvi) informazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tal-istrument finanzjarju hijiex implimentata matul il-perjodi ta' programmazzjoni konsekuttivi kkonċernati hawn taħt: il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 u […] l-perjodu ta' programmazzjoni **2028**-2034;

(xvii) fejn l-istrument finanzjarju jkun organizzat permezz ta' fond ta' parteċipazzjoni, informazzjoni dwar il-korp li jimplimenta fond speċifiku taħt il-fond ta' parteċipazzjoni

(xviii) fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji, l-ammont ta' riżorsi privati u pubbliċi mobilizzati flimkien mal-Fondi, skont il-prodott: self; garanziji; ekwità […] **jew** kważi ekwità; għotjiet fi ħdan operazzjoni ta' strument finanzjarju.

(f) dwar l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità, fir-rigward ta' kull Grupp ta' Azzjoni Lokali (GAL):

(i) l-għadd ta' membri skont il-kategorija, l-għadd ta' membri fit-teħid tad-deċiżjonijiet skont il-kategorija u l-ġeneru, l-inklużjoni taż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

(ii) L-għadd ta' […] **operazzjonijiet** implimentati skont it-tip ta' benefiċjarju u skont l-erja, l-għadd ta' […] **operazzjonijiet** b'innovazzjoni; l-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni impenjat u mħallas għal […] **operazzjonijiet** għall-bini tal-kapaċità u azzjonijiet preparatorji, u għall-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija u l-animazzjoni tagħha;

(iii) L-appoġġ tal-GAL ipprovdut għall-iżvilupp reġjonali, l-impjiegi u l-politika soċjali, jew għall-iżvilupp tal-komunitajiet **tas-sajd** qrib il-kosta u tal-akkwakultura;

(g) dwar kull grupp operazzjonali tal-EIP-AGRI:

(i) it-titolu tal-proġett; il-koordinatur u s-sieħeb/sħab tal-proġett: tip ta' sieħeb, l-isem, l-indirizz, l-email u t-telefown; id-data tal-bidu u tat-tmiem, l-objettivi u n-natura tal-proġett; l-oqsma tematiċi ewlenin indirizzati; l-ambitu territorjali, il-pożizzjoni ġeografika; l-"astratt(i) tal-prattika" bis-sejbiet ewlenin tal-proġett; il-kontribut tal-proġett għall-objettivi speċifiċi tal-PAK; ir-rapport finali.

(ii) jekk applikabbli, is-sors(i) ta' finanzjament addizzjonali għall-kontribuzzjoni u l-kofinanzjament tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 […] **kif ukoll l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni darba** fis-sena permezz ta' arranġamenti ta' skambju awtomatiku tad-data.

3. Fir-rigward tad-data msemmija fil-paragrafu 1 relatata mal-interventi tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni kull sena sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru tas-sena N l-informazzjoni dwar il-pagamenti bbażati fuq l-erja u fuq l-annimali li jkunu saru **fir-rigward tas-**sena tat-talba N-1, l-interventi settorjali implimentati fis-sena kalendarja N-1, u kwalunkwe intervent ieħor **imsemmi fl-Artikolu 35(1)** kif xieraq.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistemi tagħhom għall-ġbir tad-data b'mod lest għad-diġitalizzazzjoni u interoperabbli abbażi tal-prinċipju li d-data tinġabar darba biss u terġa' tintuża. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji, ir-riċevituri, ir-riċevituri finali, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi, sa fejn ikun possibbli, ma jkunux ikkonfrontati b'duplikazzjoni tat-talbiet għad-data, ikollhom aċċess għad-data rilevanti kollha relatata magħhom u jkunu jistgħu jużaw mill-ġdid faċilment din id-data biex jimlew u jissottomettu l-applikazzjonijiet. Kull meta jkun possibbli, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jużaw ir-reġistri u l-bażijiet tad-data eżistenti.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu […] **87** [Eżerċizzju tad-delega] biex temenda l-kategoriji tad-data stabbiliti fil-paragrafu **1.**

*Artikolu 64*

**Trasparenza**

1. L-Istat Membru għandu, fi żmien 6 xhur mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 23 [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill], jiżgura li jkun operattiv sit web **jew portal ta' sit web** fejn tkun disponibbli informazzjoni dwar l-appoġġ skont dan ir-Regolament, li tkopri l-objettivi, l-attivitajiet, l-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli u l-kisbiet tal-Pjan.

2. L-Istat Membru għandu jiżgura l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 63(1) [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data] fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, soġġett għall-protezzjoni tad-data personali u l-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. L-informazzjoni għandha tiġi aġġornata mill-inqas **darba fis-sena** […].

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw sal-31 ta' Mejju tas-sena N+1, il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 63(3) [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data], bl-eċċezzjoni tad-data msemmija fil-punti (a)([…] **viii**) u (e) (xiv) tal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

L-Istat Membru għandu jiżgura wkoll il-pubblikazzjoni fuq dak is-sit web tal-elementi msemmija fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] fir-rigward tas-sejħiet għall-proposti u l-offerti taħt il-Fond, kif ukoll skeda ta' żmien tas-sejħiet għall-proposti ppjanati taħt il-Fond, b'dawk l-elementi, li tiġi aġġornata mill-inqas darbtejn fis-sena.

L-informazzjoni għandha tkun **f'mill-inqas waħda** […] mil-lingwi uffiċjali tal-**istituzzjonijiet tal-Unjoni**, u għandha tibqa' disponibbli fuq is-sit web għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni inizjali tagħha. Id-data ppubblikata fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun f'format lest għad-diġitalizzazzjoni, miftuħ, interoperabbli u li jinqara minn magna, li jippermetti li d-data tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid.

3. L-Istat Membru għandu, qabel ma ssir il-pubblikazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2, jinforma lill-benefiċjarji u jitlobhom jinfurmaw lir-riċevituri, lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lis-sottokuntratturi li d-data ser issir pubblika.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fuq is-sit web ċentralizzat imsemmi fl-Artikolu 12 [Gateway Unika] tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tippubblika s-sehem tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-ammonti msemmija fl-Artikolu 63 [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data]. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita billi l-ammonti msemmija fl-Artikolu 63 [Ġbir u reġistrazzjoni tad-data] jiġu mmultiplikati mar-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-[…]**miżura** assoċjata tal-Pjan. L-ammonti f'munita għajr l-euro għandhom jiġu kkonvertiti għall-euro billi tintuża r-rata tal-kambju tal-kontabbiltà ta' kull xahar imsemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

5. L-informazzjoni ma għandhiex tiġi ppubblikata meta d-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali teskludi tali pubblikazzjoni għal raġunijiet ta' sigurtà, ordni pubbliku, investigazzjonijiet kriminali, jew meta l-informazzjoni taqa' taħt il-punti a) sa d) tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. **Tali informazzjoni tista' tinkludi l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2b)(m).**

L-informazzjoni dwar l-isem u l-kunjom tal-bdiewa **u tas-sajjieda, kif ukoll tal-produtturi tal-akkwakultura li jkunu persuni fiżiċi,** ma għandhiex tiġi ppubblikata jekk l-ammont li jirċievu f'sena waħda jkun ta' EUR […] **3000** jew inqas.

## KAPITOLU II

## Regoli dwar il-pagamenti

*Artikolu 65*

**Sottomissjoni u valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-pagament**

1. Il-pagamenti mill-Kummissjoni għandhom isiru f'konformità mal-approprjazzjonijiet baġitarji u soġġetti għall-finanzjament disponibbli.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni applikazzjoni għall-pagament f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XI [mudell għall-applikazzjoni għall-pagament]. L-ammonti inklużi f'applikazzjoni għall-pagament għandhom jikkorrispondu għall-[…]**valuri tal-iżborż** tal-istadji importanti u l-miri **li jkunu ġew ssodisfati** jew **l-ammonti mitluba mill-outputs** korrispondenti għal interventi **bbażati fuq l-output**[…], f'konformità mad-deċiżjoni li tapprova l-**Pjan SNR u l-kapitoli tal-Pjan Interreg** […] u abbażi tal-evidenza miġbura u vverifikata mill-Istat Membru.

3. Fil-valutazzjoni tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri, l-Istat Membru għandu […] **jivvaluta** kull stadju importanti u mira fl-intier tagħhom, b'kont meħud tal-formulazzjoni, l-għan sottostanti, u l-kuntest tagħhom, skont l-Anness VIII [**Kriterji għall-valutazzjoni** tal-istadji importanti u l-miri taħt il-Fond].

4. L-applikazzjonijiet għall-pagament għandhom jiġu sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness XI sa **għaxar** […] darbiet **kull** sena kalendarja […].

**B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw applikazzjonijiet għall-pagament relatati mal-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (g), (o) u (p) mhux qabel l-1 ta' Diċembru tas-sena tat-talba ta' tali interventi.**

**Is-subparagrafu preċedenti huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jissottomettu dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni fl-2029 li jindikaw li l-informazzjoni rrapportata f'konformità mal-Parti 2 tal-Anness IX tipprovdi stampa vera u ġusta tal-progress fl-implimentazzjoni fl-2028.**

5. L-applikazzjonijiet għall-pagament ma għandhomx ikunu ammissibbli jekk l-aħħar pakkett ta' aċċertament dovut ikun għadu ma ġiex sottomess skont l-Artikolu 59 [pakkett ta' aċċertament annwali] u sakemm jiġi sottomess.

6. Soġġett għall-finanzjament disponibbli, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-pagament fi żmien 60 jum mid-data li fiha tirċievi applikazzjoni għall-pagament. […]

7. L-ammont totali kumulattiv tal-prefinanzjament u tal-pagamenti magħmula ma għandux jaqbeż il-95 % tal-kontribuzzjoni mill-Fondi għall-**Pjan SNR u għall-kapitolu tal-Pjan Interreg rispettivament** […]. Meta jintlaħaq dan il-limitu massimu, l-awtorità […]. **li tassumi l-funzjoni ta' koordinazzjoni jew l-awtorità ta' ġestjoni għall-kapitolu tal-Pjan Interreg** għandha tkompli tittrażmetti lill-Kummissjoni l-applikazzjonijiet għall-pagament. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66, 67 u 68, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ finali mhux aktar tard minn 10 xhur wara li tirċievi […] **il-pakkett ta' aċċertament annwali**.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 86 biex temenda l-Annessi VIII u […] **XI** [dwar l-applikazzjoni għall-pagament u t-twettiq tal-istadji importanti u l-miri]. **Dawk l-emendi għandhom ikunu limitati strettament għall-indirizzar tal-problemi esperjenzati mill-Istati Membri fil-proċess ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

*Artikolu 66*

**Limiti ta' żmien u interruzzjoni tal-iskadenza għall-pagament**

1. Fejn jiġi stabbilit limitu ta' żmien biex il-Kummissjoni tieħu kwalunkwe azzjoni fir-rigward tal-Istati Membri, dak il-limitu ta' żmien għandu jibda meta l-informazzjoni kollha f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament tkun ġiet ippreżentata mill-Istat Membru.

2. Dak il-limitu ta' żmien għandu jiġi sospiż mid-data ta' wara dik li fiha l-Kummissjoni tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha jew talba għal dokumenti riveduti lill-Istat Membru u sakemm l-Istat Membru jwieġeb għal dawk l-osservazzjonijiet jew jipprovdi dawk id-dokumenti.

3. Filwaqt li tqis l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha **u bir-rispett dovut għal**l-prinċipju tal-proporzjonalità, il-Kummissjoni tista' tinterrompi l-iskadenza **għall-pagament għall-miżuri kkonċernati, ħlief għall-prefinanzjament,** għal perjodu massimu ta' sitt xhur jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta […] **l-Kummissjoni jkollha suspett raġonevoli li**:

(a) […] l-informazzjoni tissuġġerixxi nuqqas ta' konformità serju ta' Stat Membru […] li ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi għalih**, jew**;

(b) […] **l-informazzjoni tissuġġerixxi li** stadju importanti jew mira jew output inklużi f'applikazzjoni għall-pagament ma jkunux **inkisbu jew** twettqu**, u l-Kummissjoni tkun biħsiebha twettaq verifiki,** jew […];

(c) **l-informazzjoni tissuġġerixxi li** stadju importanti jew mira, li għalihom ikun ġie żborżat pagament, setgħu ġew riversjati skont l-Artikolu 69 [**durabbiltà u** riversjar].

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat bir-raġunijiet għall-interruzzjoni bil-miktub u, fejn rilevanti, għandha titolbu jirrimedja s-sitwazzjoni.

*Artikolu 67*

**Sospensjoni ta' pagamenti**

1. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti kollha jew parti minnhom **għall-miżuri kkonċernati taħt il-Pjanijiet SNR u l-kapitoli tal-Pjan Interreg, ħlief għall-prefinanzjament**, jew, fir-rigward ta' appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, […] **bir-rispett dovut għal**l-prinċipju tal-proporzjonalità, fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-miżuri korrettivi biex jirrimedja s-sitwazzjoni li wasslet għal interruzzjoni skont l-Artikolu 66(3) [interruzzjoni], il-punt (a);

(b) ikun hemm nuqqas ta' konformità serju […] li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;

(c) stadju importanti jew mira jew output wieħed jew aktar inklużi f'applikazzjoni għall-pagament ma jkunux twettqu **jew inkisbu,** jew stadju importanti jew mira, li għaliha jkun ġie żborżat pagament, ikun ġie riversjat skont l-Artikolu 69 [**Durabbiltà u** riversjar];

(d) ikun hemm opinjoni motivata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE dwar kwistjoni li tpoġġi f'riskju l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri **kkonċernati;**

**(da) il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li Stat Membru ma jikkonformax mal-programm ta' aġġustament u l-Memorandum ta' Ftehim imsemmija fl-Artikoli 3 u 3a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002.**

(e) […]

2. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bil-konklużjonijiet tagħha u tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta, fi żmien xahrejn, l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. L-iskadenza tista' tiġi estiża jekk ikun hemm qbil reċiproku. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha pprovduti mill-Istat Membru qabel ma tieħu deċiżjoni dwar is-sospensjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tneħħi s-sospensjoni meta l-Istat Membru jkun ħa miżuri korrettivi li jirrimedjaw l-elementi msemmija fil-paragrafu 1. Tali miżuri jistgħu jinkludu l-emenda tal-**Pjan SNR u tal-kapitoli tal-Pjan Interreg** […] li jdaħħlu kundizzjonijiet addizzjonali għall-pagament.

3a. **Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex jissospendi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom għall-miżuri kkonċernati taħt il-Pjanijiet SNR, ħlief għall-prefinanzjament, jew, fir-rigward ta' appoġġ fil-forma ta' self, jieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, bir-rispett dovut għall-prinċipju tal-proporzjonalità meta l-Kunsill ikun iddeċieda li Stat Membru:**

**(a) ma jkunx ħa azzjoni effettiva biex jikkoreġi d-deficit eċċessiv tiegħu, sakemm il-Kunsill ma jkunx adotta rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-każ ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi;**

**(b) ma jkunx ħa azzjoni korrettiva biex jikkoreġi l-iżbilanċi eċċessivi tiegħu, sakemm il-Kunsill ma jkunx adotta emendi għar-rakkomandazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;**

**(c) ikun iddeċieda li Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' politika li jinsabu fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku msemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal raġunijiet li jaqgħu taħt il-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat.**

**Għandha tingħata prijorità lis-sospensjoni tal-impenji. Is-sospensjoni tal-impenji għandha tapplika għall-impenji mill-Fond għall-Istati Membri kkonċernati mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' sospensjoni.**

**Il-pagamenti għandhom ikunu sospiżi biss meta tintalab azzjoni immedjata. Is-sospensjoni tal-pagamenti għall-miżuri kkonċernati skont il-Pjanijiet SNR għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għall-pagament ippreżentati wara d-data tad-deċiżjoni ta' sospensjoni.**

**Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar dik il-proposta permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu japplika biss fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-pagament ippreżentat wara d-data tal-adozzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni.**

**3b. Għall-fini tad-deċiżjoni skont il-paragrafu 3a, l-ambitu u l-livell tas-sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti li jridu jiġu imposti għandhom ikunu proporzjonati, jirrispettaw l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-Istati Membri u jqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari l-livell ta' qgħad, il-livell ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-Istat Membru kkonċernat meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni u l-impatt tas-sospensjoni fuq l-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. L-impatt tas-sospensjonijiet fuq programmi ta' importanza kritika biex jiġu indirizzati kundizzjonijiet ekonomiċi jew soċjali avversi għandu jkun fattur speċifiku li jrid jitqies.**

**3c. Għall-fini tad-deċiżjoni skont il-paragrafu 3a, is-sospensjoni tal-impenji għandha tkun soġġetta għal massimu ta' 25 % tal-impenji relatati mas-sena kalendarja li jmiss għall-Fondi jew 0,25 % tal-PDG nominali, skont liema jkun l-inqas.**

**4. Il-paragrafu 1, il-punti (d) sa (da), u l-paragrafu 3a ma għandhomx japplikaw għall-kapitoli tal-Pjan Interreg.**

*Artikolu 68*

**Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni**

1. **Bir-rispett dovut għall-prinċipju tal-proporzjonalità,** il-Kummissjoni għandha tapplika korrezzjonijiet finanzjarji biex tnaqqas […] il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni **skont il-Pjan** u, fejn applikabbli, tirkupra mill-Istati Membri kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni **ħlief għall-assistenza teknika**, jew, fir-rigward tal-appoġġ fil-forma ta' self, tieħu kwalunkwe miżura disponibbli skont il-ftehim ta' self, meta hija tiddetermina li tkun teżisti waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ħa l-miżuri meħtieġa msemmija fl-Artikolu 67[…]**(3)** [Sospensjoni tal-pagamenti] u fejn il-pagamenti jkunu ġew sospiżi għal mill-inqas sitt xhur**. L-iskeda ta' żmien tista' tiġi estiża għal disa' xhur fuq it-talba tal-Istat Membru kkonċernat**;

(b) ikun hemm frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li ma jkunux ġew identifikati u rrapportati u kkoreġuti mill-Istat Membru;

(c) ikun hemm nuqqas ta' konformità serju […] li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;

(d) ikunu tħallsu ammonti għal stadju importanti jew mira mhux imwettqa jew għal output mhux milħuq, li ma jkunx ġie identifikat u rrapportat mill-Istat Membru u ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi sa tmiem il-Pjan; meta Stat Membru jirrapporta tali sejbiet lill-Kummissjoni, tapplika l-proċedura ta' sospensjoni stabbilita fl-Artikolu 67(1), il-punt (c), (Sospensjoni tal-pagamenti);

(e) stadju importanti jew mira, li għalihom ikun ġie żborżat pagament, ikun instab li ġie riversjat**, f'konformità mal-Artikolu 69, fi żmien ħames snin** wara […] **d-data tal-**pagament **tal-Kummissjoni** […] **li tikkorrispondi mal-ksib tal-istadju importanti jew mira** u ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi sa tmiem il-Pjan.

2. Meta tiddeċiedi dwar l-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà, il-frekwenza u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet elenkati fil-paragrafu 1. Dan għandu jikkorrispondi kemm jista' jkun mat-telf jew ir-riskju finanzjarju reali għall-baġit tal-Unjoni. Fejn il-livell reali ta' pagamenti mhux dovuti, u l-ammont ta' dannu finanzjarju mġarrab mill-Unjoni, ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni bi sforz raġonevoli, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-ammont billi tapplika korrezzjonijiet estrapolati jew b'rata fissa f'konformità mal-Anness XIV [Determinazzjoni tal-livell ta' korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa].

Fil-każ ta' stadju importanti jew mira mhux imwettqa**, jew output li ma ntlaħaqx**, li ma jkunux ġew identifikati u rrapportati mill-Istat Membru, kif imsemmi fil-paragrafu […]**1**, il-punt (d), il-valur tal-korrezzjoni applikata mill-Kummissjoni għandu jiġi ddeterminat b'mod proporzjonat għall-parti li ma tkunx twettqet **jew li ma tkunx intlaħqet**. **Għall-istadji importanti jew il-miri intermedjarji, il-korrezzjoni ma għandhiex taqbeż il-valur tal-iżborż tal-istadju importanti jew il-mira kkonċernata.**

Fejn stadju importanti jew mira finali ta' miżura partikolari ma tkunx twettqet, il-valur tal-korrezzjoni applikata mill-Kummissjoni għandu jiġi ddeterminat b'mod proporzjonat mal-implimentazzjoni tal-miżura, b'kont meħud tal-pagamenti preċedenti li jkunu saru**, u ma għandhomx jaqbżu s-somma tal-valuri kollha tal-iżborż ta' dik il-miżura**.

3. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru bil-konklużjonijiet tagħha u tagħti lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta, fi żmien xahrejn, l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni. **Meta l-Istat Membru jkollu l-ħsieb li jerġa' juża l-ammonti kkonċernati f'konformità mal-paragrafu 4, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miktub sa dik l-iskadenza.** L-iskadenza tista' tiġi estiża jekk ikun hemm qbil reċiproku. **Meta l-Istat Membru ma jaċċettax il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, huwa jista' jitlob smigħ meta jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha torganizza s-seduta ta' smigħ fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tat-talba, sabiex tiżgura li l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha jkunu disponibbli għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.** Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha pprovduti mill-Istat Membru qabel ma tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.

**3a. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar korrezzjoni finanzjarja b'kont meħud tal-elementi msemmija fil-paragrafu 2, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Meta l-Istat Membru jkun talab seduta ta' smigħ f'konformità mal-paragrafu 3, l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat fi żmien għaxar xhur mid-data tas-seduta ta' smigħ.**

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ u tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni fil-każijiet kollha li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew il-kisba ta' stadji importanti […]**,** miri **u outputs** li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru jew nuqqas ta' konformità serju mar-rekwiżiti ewlenin imsemmija fl-Anness IV [rekwiżiti ewlenin] […] li ma jkunx ġie kkoreġut mill-Istat Membru bil-preżentazzjoni tal-pakkett ta' aċċertament **finali. Stat Membru jista' jerġa' juża l-ammonti kkonċernati meta dak l-Istat Membru jaqbel mal-korrezzjoni finanzjarja għall-każijiet msemmija fl-Artikolu 68(1)(a), (c), (d) u (e) qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija** fi[…]**t-tielet paragrafu**. **L-ammonti ma għandhomx jerġgħu jintużaw għall-istess operazzjonijiet jew għall-istess tip ta' operazzjonijiet ikkonċernati minn dik il-korrezzjoni finanzjarja maħsuba.**

5. Fejn, wara l-emenda ta' pjan, miżura li għaliha jkunu ġew żborżati ammonti għal stadji importanti jew miri kompluti, titneħħa, l-ammonti żborżati qabel għandhom jiġu rkuprati mingħajr ma titnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni u jiġu riprogrammati għal miżuri oħra.

*Artikolu 69*

**Durabbiltà u Riversjar**

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mill-istadji importanti u l-miri rilevanti **stabbiliti fil-Pjan** jibqa' żgurat **fid-dawl tal-objettivi stabbiliti fil-livell tal-istadju importanti jew il-mira rilevanti. Dan għandu jiġi vvalutat skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness VIII [Kriterji għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri taħt il-Fond]** għal […] **erba'** snin […] **mi**d-data tal-pagament tal-Kummissjoni li tikkorrispondi mal-kisba tal-istadju importanti jew tal-mira**, ħlief f'każijiet ta' force majeure**.

2. Fejn il-Kummissjoni tqis li **stadju importanti jew mira li qabel kienet meqjusa bħala ssodisfata ma tistax tibqa' titqies bħala tali fid-dawl ta**r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1[…], jew fejn l-Istat Membru jinforma dwar ir-riversjar fil-pakkett ta' aċċertament, il-Kummissjoni għandha ssegwi l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 66, 67, 68 [interruzzjoni, sospensjoni tal-pagamenti, korrezzjoni].

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal investimenti taħt l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punti **(ba) u** (c), li ma jkunux investimenti fl-infrastruttura sakemm ma jkunux soġġetti għal obbligu ta' żamma tal-investiment skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jew fejn tali obbligu ta' żamma jkun stabbilit fil-Pjan.

4. L-operazzjonijiet li jappoġġaw ir-rilokazzjoni **kif definit fil-punt (61a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 651/2014** ma għandhomx ikunu eliġibbli.

*Artikolu 70*

**Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jħaddem sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (is-"sistema integrata"). Din għandha tapplika għall-interventi elenkati fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (g).

2. Sa fejn ikun meħtieġ, is-sistema integrata għandha tintuża wkoll għall-ġestjoni tal-[intendenza tal-azjendi agrikoli] msemmija fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [PAK], u fil-każijiet xierqa kollha għall-miżuri msemmija fit-Titolu VI [dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi].

3. Is-sistema integrata għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) sistema ta' monitoraġġ agrikolu (AMS, agriculture monitoring system). L-AMS hija proċedura ta' osservazzjoni, traċċar u valutazzjoni regolari u sistematiċi tal-attivitajiet u l-prattiki agrikoli b'mezzi teknoloġiċi, inkluż id-data tas-satelliti Sentinel ta' Copernicus;

(b) sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali u bbażata fuq l-annimali (GSA, geo-spatial application). Il-GSA hija għodda ta' applikazzjoni diġitali għall-benefiċjarju biex jiddikjara l-attivitajiet u l-prattiki agrikoli tal-azjenda;

(c) sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS, land parcel identification system);

(d) sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali;

(e) sistema għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-interventi elenkati fil-paragrafi 1 u 2;

(f) sistema ta' kontroll u penali. […]

[…]

[…]

## TITOLU XI
## TIP SPEĊIFIKU TA' APPOĠĠ

*Artikolu 71*

**Strumenti finanzjarji**

1. Fil-Pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jinkludu l-appoġġ għal strumenti finanzjarji eżistenti jew maħluqa ġodda**, li jikkontribwixxu għall-kisba ta' objettivi speċifiċi,** implimentati direttament mill-awtorità ta' ġestjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha.

**1a. L-istrumenti finanzjarji għandhom jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali b'mod partikolari għal investimenti kemm f'assi tanġibbli kif ukoll intanġibbli kif ukoll f'kapital operatorju.**

2. L-użu ta' strumenti finanzjarji u l-kombinazzjoni possibbli tagħhom ma' appoġġ ta' għotjiet għandhom ikunu ġġustifikati fir-rigward tal-ħtiġijiet korrispondenti tas-suq u l-kapaċità tagħhom li jneħħu r-riskju […] **jew** jingranaw **il-finanzjament, inkluż** il-kapital privat. Il-kostijiet stmati ta' strument finanzjarju għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 11.

3. L-Istati Membri għandhom jagħżlu korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji. Fejn strument finanzjarju jiġi implimentat minn fond ta' parteċipazzjoni, il-korp li jimplimenta l-fond ta' parteċipazzjoni għandu jagħżel korpi li jimplimentaw fondi speċifiċi permezz ta' proċeduri trasparenti.

4. It-tariffi ta' ġestjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prestazzjoni **inkluż kwalunkwe tariffa ta' stabbiliment ta' darba għall-istabbiliment tal-fond ta' parteċipazzjoni fejn rilevanti. F'każ ta' għotja diretta, kwalunkwe tariffa ta' stabbiliment bħal din għandha tingħadd flimkien mat-tariffi ta' ġestjoni kontra l-limiti massimi stabbiliti fis-subparagrafi ta' hawn taħt.**

Fejn il-korpi li jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni jintgħażlu permezz ta' għoti dirett ta' kuntratt, l-ammont tat-tariffi ta' ġestjoni għandu jkun soġġett għal limitu massimu ta' mhux aktar minn 7 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Pjan għal prodotti ta' ekwità jew kważi ekwità u sa 5 % għal kwalunkwe prodott finanzjarju ieħor.

Fejn il-korpi li jimplimentaw fond speċifiku jintgħażlu permezz ta' għoti dirett ta' kuntratt, l-ammont tat-tariffi ta' ġestjoni għandu jkun soġġett għal limitu massimu ta' mhux aktar minn 15 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Pjan għal prodotti ta' ekwità jew kważi-ekwità u sa 7 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Pjan għal kwalunkwe prodott finanzjarju ieħor. **F'każ li strument finanzjarju jipprovdi mikrofinanzjament, il-limitu massimu tal-aħħar jista' jiżdied sa 1 punt perċentwali fir-rigward tal-ammont stmat tal-kontribuzzjoni mill-Pjan użat għall-forniment tal-mikrofinanzjament.**

**Fejn il-korpi li jimplimentaw fond ta' parteċipazzjoni jew fondi speċifiċi, jew it-tnejn li huma, jintgħażlu permezz ta' offerta kompetittiva f'konformità mal-liġi applikabbli, l-ammont tat-tariffi tal-ġestjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' finanzjament u għandhom jirriflettu r-riżultat tal-offerta kompetittiva. L-Istat Membru jista' jaġġorna l-kalkolu tal-ispejjeż tal-investiment biex jirrifletti l-ammont finali tat-tariffi tal-ġestjoni.**

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu direttament kuntratt għall-implimentazzjoni ta' strument finanzjarju lill-benefiċjarji li ġejjin:

(a) il-grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

(b) istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li fihom Stat Membru jkun azzjonist

(c) bank jew istituzzjoni pubblika, stabbilita bħala entità ġuridika li twettaq attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat, bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat nonkontrollanti u nonblokkanti meħtieġa mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċiżiva fuq il-bank jew l-istituzzjoni rilevanti, u bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jagħtu l-ebda influwenza fuq id-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni ta' kuljum tal-istrument finanzjarju appoġġat mill-[…]**Fond**;

(ii) topera taħt mandat ta' ordni pubbliku mogħti mill-awtorità rilevanti ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali jew reġjonali, li jinkludi t-twettiq, bħala l-attivitajiet kollha tagħha jew parti minnhom, attivitajiet ta' żvilupp ekonomiku li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-[…]**Fond**;

(iii) twettaq, bħala l-attivitajiet kollha tagħha jew parti minnhom, attivitajiet ta' żvilupp ekonomiku li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-[…]**Fond** f'reġjuni, oqsma ta' politika jew setturi li għalihom l-aċċess għall-finanzjament minn sorsi tas-suq ġeneralment ma jkunx disponibbli jew suffiċjenti;

(iv) topera mingħajr ma tiffoka primarjament fuq il-massimizzazzjoni tal-profitti, iżda tiżgura sostenibbiltà finanzjarja fit-tul għall-attivitajiet tagħha;

(v) tiżgura li l-għoti dirett ta' kuntratt imsemmi fil-paragrafu 4 ma jipprovdi l-ebda benefiċċju dirett jew indirett għal attivitajiet kummerċjali permezz ta' miżuri xierqa f'konformità mal-liġi applikabbli;

(vi) tkun soġġetta għas-superviżjoni ta' awtorità indipendenti f'konformità mal-liġi applikabbli,

(d) japplikaw korpi oħra li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**14**.

6. L-istrumenti finanzjarji jistgħu jiġu kkombinati mal-appoġġ fil-forma ta' għotjiet f'operazzjoni ta' strument finanzjarju uniku fi ftehim ta' finanzjament uniku, fejn iż-żewġ forom distinti ta' appoġġ għandhom jiġu pprovduti mill-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju. F'każ bħal dan, ir-regoli applikabbli għall-istrumenti finanzjarji għandhom japplikaw għal dik l-operazzjoni ta' strument finanzjarju uniku. L-appoġġ fil-forma ta' għotjiet għandu jkun marbut direttament u meħtieġ għall-istrument finanzjarju u ma għandux jaqbeż il-valur tal-investimenti appoġġati mill-prodott finanzjarju. Għandhom jinżammu rekords separati għal kull tip ta' appoġġ.

7. L-istadji importanti u l-miri finali fil-miżuri implimentati bħala strumenti finanzjarji għandhom jirrikjedu li l-appoġġ ikun ġie pprovdut lir-riċevituri finali.

8. Għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE, l-ammont totali ta' appoġġ għall-kapital operatorju pprovdut lil riċevitur finali ma għandux jaqbeż l-ekwivalenti ta' għotja gross ta' EUR 300 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin[…]. […]

9. L-għotjiet ma għandhomx jintużaw biex jiġi rimborżat l-appoġġ riċevut minn strumenti finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji ma għandhomx jintużaw biex jiġu prefinanzjati l-għotjiet.

---

[14] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

10. L-appoġġ mill-[…]**Fond** imħallas lill-istrumenti finanzjarji għandu jitqiegħed f'kontijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji domiċiljati fi ħdan l-Istati Membri**, inkluż Banek Ċentrali Nazzjonali,** u għandu jiġi ġestit f'konformità mal-ġestjoni attiva tat-teżor u l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. L-imgħax u gwadanji oħra attribwibbli għall-appoġġ mill-Fond imħallas lill-istrumenti finanzjarji għandhom jintużaw għall-istess objettiv **jew objettivi**, bħall-appoġġ inizjali mill-[…]**Fond**, inkluż għall-pagamenti tat-tariffi ta' ġestjoni mġarrba mill-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju jew fi ħdan l-istess strument finanzjarju; jew, wara l-istralċ tal-istrument finanzjarju, fi strumenti finanzjarji oħra jew forom oħra ta' appoġġ għal aktar investimenti fir-riċevituri finali, sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà. Kwalunkwe mgħax u gwadanji oħra li ma jintużawx f'konformità mas-sentenza preċedenti għandhom jitnaqqsu mill-appoġġ globali.

11. Il-kostijiet stmati ta' strument finanzjarju għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-volum immirat tal-prodotti finanzjarji proposti u t-tariffi ta' ġestjoni korrispondenti. Il-kategoriji li ġejjin jistgħu jiġu inklużi wkoll bħala parti mill-kostijiet stmati tal-istrumenti finanzjarji:

(a) il-pagamenti lir-riċevituri finali, fil-każ ta' self, investimenti ta' ekwità u kważi ekwità;

(b) ir-riżorsi mwarrba għal kuntratti ta' garanzija, kemm jekk pendenti kif ukoll jekk diġà waslu għall-maturità, sabiex jiġu onorati sejħiet possibbli ta' garanzija għat-telf, ikkalkulati abbażi ta' proporzjon multiplikatur stabbilit għas-self jew l-investimenti ta' ekwità ġodda sottostanti rispettivi żborżati fir-riċevituri finali;

(c) il-pagamenti lil, jew għall-benefiċċju ta', riċevituri finali fejn l-istrumenti finanzjarji jkunu kkombinati f'operazzjoni ta' strument finanzjarju wieħed f'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

(d) it-tariffi ta' ġestjoni mġarrba mill-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju.

(e) It-tariffi ta' arranġament, jew kwalunkwe parti minnhom, imposti fuq ir-riċevituri finali, ma għandhomx jiġu inklużi fil-kostijiet stmati.

12. Ir-riżorsi mħallsa lura, qabel […] **is-sottomissjoni** […] **tal-pakkett ta' aċċertament finali** lill-istrumenti finanzjarji minn investimenti fir-riċevituri finali jew mir-rilaxx ta' riżorsi mwarrba għal kuntratti ta' garanzija, inklużi l-ħlasijiet lura ta' kapital u kwalunkwe tip ta' introjtu ġġenerat li jkun attribwibbli għall-appoġġ mill-Fond, għandhom jerġgħu jintużaw […] **għall-finijiet li ġejjin**, b'kont meħud tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba**:**

(a) **investimenti ulterjuri fi kwalunkwe riċevitur finali permezz tal-istess strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji oħra f'konformità mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3;**

(b) **biex ikun kopert it-telf fl-ammont nominali tal-kontribuzzjoni tal-Fond għall-istrument finanzjarju li jirriżulta mill-imgħax negattiv, jekk tali telf iseħħ minkejja l-ġestjoni attiva tat-teżor, jew;**

(c) **għal kwalunkwe tariffa ta' ġestjoni assoċjata ma' tali investimenti ulterjuri, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.**

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li matul perjodu ta' tmien snin wara […] **is-sottomissjoni tal-pakkett ta' aċċertament finali** r-riżorsi rritornati jerġgħu jintużaw f'konformità mal-objettivi tal-Pjan, jew fl-istess strumenti finanzjarji jew fi strumenti finanzjarji oħra jew f'forom oħra ta' appoġġ.

**13. L-appoġġ mill-Fond ikkanċellat bħala riżultat ta' ksur tal-liġi applikabbli jista' jerġa' jintuża fl-istess strument finanzjarju sakemm ma jikkonċernax irregolarità sistemika. Fejn issir korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistemika, il-kontribuzzjoni kkanċellata ma għandhiex terġa' tintuża għal kwalunkwe operazzjoni affettwata mill-irregolarità sistemika.**

*Artikolu 72*

**Verifiki ta' ġestjoni u awditi tal-istrumenti finanzjarji**

1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha twettaq verifiki ta' ġestjoni […]**, inkluż verifiki fuq il-post,** f'konformità mal-Artikolu 51 [funzjonijiet tal-awtorità ta' ġestjoni] fil-livell biss tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tibbaża fuq verifiki mwettqa minn korpi esterni u tista' ma twettaqx verifiki ta' ġestjoni fuq il-post, dment li jkollha biżżejjed evidenza tal-kompetenza ta' dawn il-korpi esterni. Fil-kuntest tal-fondi ta' garanzija, l-awtorità ta' ġestjoni tista' twettaq verifiki ta' ġestjoni fuq il-post fil-livell tal-korpi li jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali jekk l-evidenza tal-funzjonament tal-ġestjoni u l-kontrolli ma tkunx disponibbli fil-livell tal-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju jew tal-awtorità ta' ġestjoni.

2. L-awtorità tal-awditjar għandha twettaq awditi f'konformità mal-Artikolu 53 [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar], kif xieraq, fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju. Ir-riżultati tal-awditjar tal-awdituri esterni tal-korpi li jimplimentaw l-istrument finanzjarju jistgħu jiġu kkunsidrati mill-awtorità tal-awditjar għall-finijiet tal-aċċertament ġenerali u fuq din il-bażi, l-awtorità tal-awditjar tista' tiddeċiedi li tillimita x-xogħol tal-awditjar tagħha stess. Fil-kuntest tal-fondi ta' garanzija, il-korpi responsabbli għall-awditjar jistgħu jwettqu awditi tal-korpi li jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali jekk l-evidenza tal-appoġġ ma tkunx disponibbli fil-livell tal-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju jew tal-awtorità ta' ġestjoni.

3. L-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar jistgħu jibbażaw fuq ir-riżultati tal-Valutazzjoni tal-Pilastri mwettqa f'konformità mal-Artikolu 157 tar-Regolament (UE, Euratom) **2024/2509**.

4. L-awtorità ta' ġestjoni ma għandhiex twettaq verifiki ta' ġestjoni fuq il-post fil-livell tal-grupp tal-BEI, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra li fihom Stat Membru jkun azzjonist.

5. Il-grupp tal-BEI[…] **u** istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra li fihom Stat Membru jkun azzjonist għandhom jipprovdu rapporti ta' kontroll li jappoġġaw it-talbiet għall-pagament lill-awtorità ta' ġestjoni.

6. Il-**grupp tal-**BEI […]**u** istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra li fihom Stat Membru jkun azzjonist għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-awtorità tal-awditjar rapport annwali tal-awditjar imfassal mill-awdituri esterni tagħhom sal-aħħar ta' kull sena kalendarja. Ir-rapport għandu jikkostitwixxi l-bażi għall-ħidma tal-awtorità tal-awditjar.

7. L-awditi tas-sistemi ma għandhomx jitwettqu fil-livell tal-operazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji individwali.

8. Ir-rendikont tal-entrati għandu jkun disponibbli fil-livell tal-korpi li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji jew fil-livell tal-korpi li jipprovdu appoġġ lir-riċevituri finali fil-kuntest tal-fondi ta' garanzija.

*Artikolu 73*

**Verifiki ta' ġestjoni u awditi għall-entitajiet ivvalutati ex ante bħala benefiċjarji**

1. Dan l-Artikolu japplika meta benefiċjarju jkun entità msemmija fl-Artikolu 62(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) **2024/2509**, li s-sistemi, ir-regoli u l-proċeduri tagħha jkunu ġew ivvalutati b'mod pożittiv ex ante mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 157(4) u (7) ta' dak ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar jistgħu jibbażaw fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni ex ante tal-pilastri mwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 157 tar-Regolament (UE, Euratom) **2024/2509**, b'kont meħud tal-miżuri superviżorji msemmija fit-tielet paragrafu ta' dak l-Artikolu.

3. Għall-finijiet tal-pakkett ta' aċċertament annwali msemmi fl-Artikolu […] **59**, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tirrikjedi li l-entitajiet ivvalutati ex ante jipprovdu dokumenti dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, li jistgħu jkunu ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 158(1) tar-Regolament (UE, Euratom) **2024/2509**, inkluż dikjarazzjoni ta' ġestjoni li tikkonferma li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-appoġġ tal-Unjoni ġew issodisfati.

4. L-awtorità ta' ġestjoni tista' tibbaża fuq verifiki mwettqa minn korpi esterni fil-livell ta' entità vvalutata ex ante u, soġġett għall-paragrafi […] **5 u 6**, tista' tiddeċiedi li ma twettaqx verifiki ta' ġestjoni fuq il-post fil-livell ta' dik l-entità, dment li jkollha biżżejjed evidenza tal-kompetenza ta' dawk il-korpi esterni.

5. L-awtorità ta' ġestjoni għandha twettaq verifiki ta' ġestjoni fuq il-post fil-livell ta' entità vvalutata ex ante fejn:

(a) dik l-awtorità ta' ġestjoni tidentifika riskju speċifiku ta' irregolarità, inkluż suspett ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess fir-rigward ta' operazzjoni mibdija jew implimentata minn entità vvalutata ex ante;

(b) dik l-awtorità ta' ġestjoni tidentifika riskju speċifiku li l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut ma jkunx intuża kif suppost jew li l-użu tal-finanzjament fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ma jikkonformax mal-liġi applikabbli.

6. L-awditi u l-kontrolli mwettqa fil-livell ta' entità vvalutata ex ante jistgħu jitqiesu mill-awtorità tal-awditjar għall-finijiet tal-aċċertament ġenerali u, fuq din il-bażi, l-awtorità tal-awditjar tista' tiddeċiedi li tillimita x-xogħol tal-awditjar tagħha stess.

7. Fejn l-awtorità tal-awditjar tidentifika riskju speċifiku ta' irregolarità, inkluż suspett ta' frodi, korruzzjoni jew kunflitti ta' interess fir-rigward ta' operazzjoni mibdija jew implimentata minn entità vvalutata ex ante, hija tista' twettaq awditi.

*Artikolu 74*

**Żvilupp territorjali u kooperazzjoni lokali […]**

1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu, u jipprovdu appoġġ għall-kooperazzjoni […] **permezz tal-forom ta' kooperazzjoni u l-għodod territorjali** li ġejjin:

(a) l-iżvilupp territorjali […] integrat, **inkluż l-iżvilupp rurali u l-iżvilupp** […] urban **sostenibbli**

(b) l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, inkluż **fis-settur tas-sajd, l-akkwakultura u** LEADER, u inizjattivi oħra mmexxija miċ-ċittadini;

(c) l-istrateġiji tal-irħula intelliġenti,

(d) il-proġetti tal-gruppi operazzjonali tal-EIP-AGRI msemmija fl-Artikolu 19(2) [EIP] tar-Regolament XX [PAK];

(e) l-iskemi ta' kwalità rikonoxxuti mill-Unjoni jew mill-Istati Membri[…];

(f) jappoġġaw gruppi tal-produtturi, organizzazzjonijiet tal-produtturi**, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi,** jew organizzazzjonijiet interprofessjonali;

(g) jippromwovu u jappoġġaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali, inkluża s-suċċessjoni **tal-attivitajiet** tal-azjendi agrikoli, **is-sajd u l-akkwakultura**;

(h) jappoġġaw forom oħra ta' kooperazzjoni **u għodod territorjali** li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi.

2. Dik il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinvolvi mill-inqas żewġ […] **entitajiet** u għandha tikkontribwixxi għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 [objettivi speċifiċi].

3. […]

*Artikolu 75*

**Żvilupp territorjali […] integrat**

1. L-appoġġ għall-iżvilupp territorjali **integrat** għandu jkun ibbażat fuq strateġiji ta' żvilupp territorjali integrat **eżistenti jew ġodda**, inkluż permezz ta' **strateġiji ta'** żvilupp lokali mmexxi mill-komunità **jew permezz ta' strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli**, iffukat fuq żoni urbani, żoni rurali, gżejjer, żoni kostali, jew kwalunkwe żona territorjali **b'kont meħud, fejn rilevanti, taż-żoni funzjonali u approċċ ibbażat fuq il-post** kif ukoll strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti jew ta' tranżizzjoni territorjali ġusta, jew strateġiji **settorjali** […]. L-istadji importanti u l-miri korrispondenti għandhom jiġu stabbiliti fil-Pjan.

2. L-istrateġiji ta' żvilupp territorjali integrat u ta' żvilupp urban għandhom:

   (a) jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 [Objettivi tal-Pjan];

   (b) jistabbilixxu ż-żona ġeografika u l-popolazzjoni koperti mill-istrateġija;

   (c) jipprovdu analiżi tal-ħtiġijiet ta' żvilupp u deskrizzjoni ta' approċċ integrat biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' żvilupp identifikati;

   (d) jistabbilixxu objettivi […]b'miri li jistgħu jitkejlu;

   (e) […] **jiddeskrivu** l-involviment tas-sħab fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-istrateġija.

3. L-istrateġiji implimentati skont dan l-Artikolu għandhom jintgħażlu mill-awtorità […] ta' ġestjoni bil-ħsieb li jipprovdu appoġġ […]. Dawn għandhom **jitħejjew, fejn rilevanti, u** jiġu implimentati**, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti,** taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet jew il-korpi territorjali jew […] lokali rilevanti, li għandhom jagħżlu jew ikunu involuti fl-għażla tal-operazzjonijiet **bl-eċċezzjoni tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità fejn japplika l-Artikolu 76(3)**.

**3a. Jista' jingħata appoġġ għat-tħejjija u għat-tfassil tal-istrateġiji territorjali.**

*Artikolu 76*

**Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità**

1. L-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità**, inkluż LEADER,** għandu:

(a) jiffoka fuq żoni subreġjonali, **inkluż fuq** żoni rurali u kostali;

(b) jitfassal u jiġi implimentat minn gruppi ta' azzjoni lokali magħmula minn rappreżentanti ta' partijiet ikkonċernati lokali pubbliċi u privati, li fihom l-ebda grupp ta' interess uniku ma jikkontrolla t-teħid tad-deċiżjonijiet;

(c) jitwettaq permezz ta' strateġiji f'konformità mal-Artikolu 75 [Żvilupp territorjali u urban integrat], li jappoġġaw karatteristiċi innovattivi fil-kuntest lokali, networking u kooperazzjoni ma' atturi territorjali oħra.

2. L-appoġġ mill-Fond għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità għandu jkopri:

(a) il-bini tal-kapaċitajiet u l-azzjonijiet preparatorji li jappoġġaw it-tfassil tal-istrateġija;

(b) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet magħżula taħt l-istrateġija, inklużi l-attivitajiet ta' kooperazzjoni;

(c) il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija u l-animazzjoni tagħha, inkluż l-iffaċilitar tal-iskambji bejn il-partijiet ikkonċernati u l-komunikazzjoni tal-istrateġija u l-Unjoni.

3. Fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, il-kompiti li ġejjin għandhom jitwettqu esklużivament mill-gruppi ta' azzjoni lokali:

(a) it-tħejjija tal-istrateġija ta' żvilupp lokali;

(b) il-bini tal-kapaċità tal-atturi lokali biex jiżviluppaw u jimplimentaw operazzjonijiet;

(c) it-tfassil ta' proċedura u kriterji tal-għażla mhux diskriminatorji u trasparenti, li jevita l-kunflitti ta' interess u jiżgura li l-ebda grupp ta' interess uniku ma jikkontrolla d-deċiżjonijiet tal-għażla.

**(ca) it-tħejjija u l-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal proposti;**

(d) l-għażla tal-operazzjonijiet;

(e) il-monitoraġġ tal-progress lejn il-kisba tal-objettivi u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija;

(f) il-komunikazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali u r-rwol tal-Unjoni fl-appoġġ tagħha.

4. Il-grupp ta' azzjoni lokali jista' jkun benefiċjarju u jista' jimplimenta operazzjonijiet f'konformità mal-istrateġija, dment li l-grupp ta' azzjoni lokali jiżgura li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet.

**4a. Il-gruppi ta' azzjoni lokali LEADER jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ skont dan l-Artikolu għal attivitajiet mhux koperti mill-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX (ir-Regolament dwar il-PAK) skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**

*Artikolu 77*

**Appoġġ taħt LEADER**

1. L-appoġġ ipprovdut permezz ta' LEADER imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-[…]għażliet ta' kostijiet issimplifikati […] **jista' jintuża** għall-kostijiet tal-operazzjoni tal-gruppi ta' azzjoni lokali LEADER;

(b) l-appoġġ għal […] **operazzjonijiet** imwettqa f'konformità mal-istrateġiji ta' żvilupp lokali LEADER li ma jaqbiżx EUR 20 000 għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' somom f'daqqa u jista' jiġi differenzjat f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji;

(c) l-appoġġ għall-bidu ta' negozji rurali għal attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali jista' jiġi pprovdut fil-forma ta' somom f'daqqa sa massimu ta' EUR 100 000 u jista' jiġi differenzjat f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji;

(d) l-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati għandu jiġi mħeġġeġ għall-proġetti implimentati taħt l-istrateġiji ta' żvilupp lokali LEADER.

2. L-appoġġ ipprovdut skont dan l-Artikolu jista' jkopri l-kostijiet tat-tħejjija tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali jew il-kostijiet tal-operazzjonijiet implimentati jew kombinazzjoni tat-tnejn. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kostijiet tal-operazzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti għat-tipi rilevanti ta' interventi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 78*

**Użu ta' forma simplifikata ta' appoġġ lejn il-benefiċjarji**

1. **L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ lill-benefiċjarji fil-forma ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet, jew kostijiet unitarji, somom f'daqqa, rata fissa, jew taħlita ta' dawn il-forom, ħlief fejn tali forma ma tkunx xierqa minħabba n-natura tal-operazzjoni.**

[…]

2. […]

*Artikolu 79*

**Kundizzjonijiet għal miżuri li jinkludu operazzjonijiet b'implimentazzjoni f'fażijiet**

1. L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw miżuri fejn l-operazzjoni(jiet) sottostanti jikkonsistu fit-tieni fażi ta' operazzjoni diġà magħżula għall-appoġġ u mibdija skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/1060, **ir-Regolament (UE) 2021/1139, ir-Regolament (UE) 2021/1147, ir-Regolament (UE) 2021/1149 jew skont ir-Regolament (UE) 2021/1148** dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) L-operazzjoni […] jkollha żewġ fażijiet identifikabbli mill-aspett finanzjarju b'rendikonti tal-entrati separati;

   (b) il-kost totali tal-operazzjoni msemmija fil-punt (a) jaqbeż l-EUR […] **1 000 000**;

   (c) l-ikkostjar għall-miżura jqis esklużivament il-kostijiet li għalihom in-nefqa ma tkunx ġiet inkluża f'applikazzjoni għall-pagament fir-rigward tal-ewwel fażi;

   (d) it-tieni fażi tal-operazzjoni tikkonforma mal-liġi applikabbli u […] **mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan** ir-Regolament **u, fejn applikabbli, ir-Regolamenti elenkati fl-Artikolu 1(2)**;

   (e) l-Istat Membru jistabbilixxi stadji importanti […], miri **jew outputs** għat-tieni u l-aħħar fażi tal-operazzjoni.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-miżura li għaliha tkun inkluża t-tieni fażi tal-operazzjoni.

## TITOLU XII

## IL-FOND SOĊJALI GĦALL-KLIMA U L-FOND GĦALL-MODERNIZZAZZJONI

*Artikolu 80*

**Kapitolu tal-Pjan Soċjali għall-Klima**

1. **[**Il-Pjan **SNR** ippreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 21 (tħejjija u preżentazzjoni tal-Pjan **SNR**) għandu jinkludi l-miżuri u l-investimenti li jinsabu fil-Pjan Soċjali għall-Klima ppreżentat mill-Istat Membru skont ir-Regolament (UE) 2023/955 f'kapitolu separat tal-Pjan Soċjali għall-Klima.**]**

2. Il-miżuri u l-investimenti eliġibbli inklużi fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima għandhom ikomplu jkunu eliġibbli skont il-Pjan **SNR**, soġġett għall-Artikolu 7 [prinċipji orizzontali].

3. Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-kapitolu tal-Pjan Soċjali għall-Klima.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, Stat Membru jista' jagħżel li jkompli jimplimenta l-kapitolu tiegħu dwar il-Pjan Soċjali għall-Klima skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/955. […]**Soġġett għall-Artikoli 8, 9 u 80 ta'** dan ir-Regolament**, dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju** għar-Regolament (UE) 2023/955 […]**.**

**4a. Irrispettivament minn jekk Stat Membru jagħżilx li jkompli jimplimenta l-kapitolu tiegħu tal-Pjan Soċjali għall-Klima skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/955, jista' jiddeċiedi li japplika r-regoli dwar il-ġbir u r-reġistrazzjoni tad-data stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament jew il-qafas ta' prestazzjoni stabbilit fl-Anness I tar-[Regolament dwar il-Prestazzjoni] jew il-qafas ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fl-Artikolu 5 tar-[Regolament dwar il-Prestazzjoni].**

5. Il-kontribuzzjoni nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament 2023/955 għandha tkompli tapplika għall-kapitolu tal-Pjan Soċjali għall-Klima.

6. L-Istati Membri jistgħu, meta jkunu qed iħejju jew jemendaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom, jipprogrammaw ir-riżorsi disponibbli kollha tagħhom jew parti minnhom taħt il-Fond Soċjali għall-Klima għal miżuri oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (c)(vi), inkluż permezz ta' miżuri stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/955, fi ħdan il-kapitolu tal-Pjan Soċjali għall-Klima tagħhom.

*Artikolu 81*

**Trasferiment ta' riżorsi**

[L-Istati Membri jistgħu jitolbu fil-Pjan inizjali tagħhom biex jittrasferixxu ammonti mill-allokazzjonijiet tagħhom għall-2026 u l-2027 taħt il-Fond Soċjali għall-Klima. Tali ammonti għandhom jiġu pprogrammati fil-kapitoli tal-Pjan Soċjali għall-Klima tagħhom. Dawn l-ammonti għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (c)([…]**vi**), inkluż permezz ta' miżuri stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2023/955.]

*Artikolu 82*

**Sinerġiji mal-Fond għall-Modernizzazzjoni**

1. L-investimenti appoġġati fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jitfasslu u jiġu implimentati bil-għan li jiġu żgurati l-konsistenza u s-sinerġiji mal-miżuri tal-Pjan SNR.

2. Fit-tħejjija tal-Pjanijiet SNR tagħhom, l-Istati Membri li jibbenefikaw mill-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jiddeskrivu l-investimenti li jkunu qed jippjanaw li jissottomettu lill-kumitat tal-investiment stabbilit fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 10d tad-Direttiva […] **2003/87/KE** matul it-3 snin li jmiss u jipprovdu spjegazzjoni tas-sinerġiji mal-miżuri tal-Pjan SNR.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu spjegazzjoni ta' kif l-investimenti li jkunu qed jippjanaw li jiffinanzjaw taħt il-fond għall-Modernizzazzjoni ġew imfassla, b'kont meħud tal-politika, is-sinerġiji mistennija bejn l-investimenti eżistenti u futuri tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u r-riformi u l-investimenti tal-Pjan SNR.

*Artikolu 83*

**Emendi għar-Regolament (UE) 2023/955**

Ir-Regolament (UE) 2023/955 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Riżorsi tal-Fond

1. Ammont massimu ta' EUR […] **65 000 000 000** għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2032 fi prezzijiet kurrenti għandu jsir disponibbli, f'konformità mal-Artikoli 10a(8b), 30d(3) u 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima. Dak l-ammont għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern għall-finijiet tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30d(4), is-sitt subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

L-ammonti annwali, fil-limitu tal-ammont massimu stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ma għandhomx jaqbżu l-ammonti msemmija fl-Artikolu 30d(4), ir-raba' subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

⌊L-ammonti għas-snin mill-2028 sal-2032 għandhom ikunu disponibbli għall-implimentazzjoni tal-investimenti u l-miżuri tal-Pjan Soċjali għall-Klima taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali f'konformità mal-Artikolu 27a ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 20 tar-Regolament XXX [ir-Regolament PSNR] għall-perjodu mill-2028 sal-[2032].⌋

Fejn is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita f'konformità mal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE tiġi posposta sal-2028 skont l-Artikolu 30k ta' dik id-Direttiva, l-ammont massimu li għandu jkun disponibbli għandu jkun ta' EUR 54 600 000 000 u l-ammonti annwali allokati ma għandhomx jaqbżu l-ammonti rispettivi msemmija fl-Artikolu 30d(4), il-ħames subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. B'deroga mill-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jkopru l-ammont […]**massimu** rilevanti, imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru disponibbli awtomatikament fil-bidu ta' kull sena finanzjarja, mill-1 ta' Jannar 2026, sal-ammonti annwali applikabbli rilevanti msemmija fit-tieni u r-raba' subparagrafi tal-paragrafu 1.

3. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż li jappartjenu għal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Fond u għall-kisba tal-objettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni inklużivi, u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, mal-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, mal-għodod korporattivi tal-IT, u mal-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Fond. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet ta' attivitajiet ta' sostenn oħrajn, bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post u l-kostijiet ta' konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet eliġibbli. '

(2) jiddaħħal l-Artikolu 27a li ġej

"Artikolu 27a

Pjanijiet Soċjali għall-Klima u Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali

1. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali li għandhom jiġu ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament XXX [ir-Regolament PSNR] l-investimenti u l-miżuri tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima mħejjija u adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament f'kapitolu separat, kif stabbilit fl-Artikolu 80 tar-Regolament xx [ir-Regolament PSNR].

2. Ir-regoli tar-Regolament XXX [ir-Regolament PSNR] għandhom japplikaw għall-kapitolu tal-Pjan Soċjali għall-Klima.

3. B'deroga mill-paragrafu […]**2**, Stat Membru jista' jagħżel li jkompli jimplimenta l-kapitolu tal-Pjan Soċjali għall-Klima tiegħu skont ir-regoli ta' dan ir-Regolament. […]**Soġġett għall-Artikoli 8, 9 u 80 ta'** dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu […] **jkun mingħajr preġudizzju għa**r-Regolament […] **(UE) 2023/955**.

**3a. Irrispettivament minn jekk Stat Membru jagħżilx li jkompli jimplimenta l-kapitolu tiegħu dwar il-Pjan Soċjali għall-Klima skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2023/955, jista' jiddeċiedi li japplika l-qafas ta' prestazzjoni stabbilit fl-Anness I tar-[Regolament dwar il-Prestazzjoni] jew il-qafas ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fl-Artikolu 5 tar-[Regolament dwar il-Prestazzjoni].**

4. Mingħajr preġudizzju għat-talbiet għall-pagament pendenti ppreżentati mill-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 23 [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill] li tapprova l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-Kummissjoni għandha temenda jew ittemm il-ftehim stabbilit fl-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament, f'każ li tali ftehim ikun ġie konkluż mal-Istati Membri."

# TITOLU XIII

# DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI U FINALI

## KAPITOLU 1

## Regoli tal-kompetizzjoni għas-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-akkwakultura

*Artikolu 84*

[…]

*Artikolu 85*

[…]

1. […]

2. […]

3. […]

4. […]

5. […]

6. […][15]

[15] […]

## KAPITOLU 3

## Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509

*Artikolu 89*

**Emendi għar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509**

L-Artikolu 63 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 5, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) informazzjoni, li tipprovdi stampa vera u ġusta tal-progress fl-implimentazzjoni matul il-perjodu ta' referenza kif definit f'regoli speċifiċi għas-settur, jew il-kontijiet tagħhom dwar in-nefqa magħmula matul il-perjodu ta' referenza kif definit f'regoli speċifiċi għas-settur, fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom u li ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni għar-rimborż;"

(2) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-kontijiet imsemmija fil-paragrafu 5, il-punt (a), għandhom jinkludu l-prefinanzjament u s-somom li fir-rigward tagħhom ikunu għaddejjin jew tlestew proċeduri ta' rkupru. L-informazzjoni jew il-kontijiet imsemmija fil-paragrafu 5, il-punt (a), għandhom ikunu akkumpanjati minn […] **dikjarazzjonijiet** ta' ġestjoni li […] **jikkonfermaw** li, fl-opinjoni ta' dawk inkarigati mill-ġestjoni tal-fondi:

(a) l-informazzjoni li tinsab fihom, inkluż l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-punt (a) ġiet ippreżentata kif suppost, hija kompluta u akkurata;

(b) in-nefqa tkun intużat għall-iskop li kienet maħsuba għalih, jew l-ammonti li għalihom kien intalab pagament mill-Kummissjoni kienu konformi mal-kundizzjonijiet għall-pagament, kif definit f'regoli speċifiċi għas-settur;

(c) is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti."

(3) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kontijiet imsemmija fil-paragrafu 5, il-punt (a) jew l-informazzjoni li abbażi tagħha jkun intalab pagament mill-Kummissjoni, u s-sommarju msemmi fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu għandhom ikunu akkumpanjati minn opinjoni ta' korp tal-awditjar indipendenti, imfassla f'konformità ma' standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Dik l-opinjoni għandha tistabbilixxi jekk is-sistemi ta' kontroll stabbiliti jiffunzjonawx kif suppost u jiżgurawx il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti u tiddikjara jekk ix-xogħol tal-awditjar iqajjimx dubji dwar id-dikjarazzjonijiet li saru fid-[…]**dikjarazzjonijiet** ta' ġestjoni msemmija fil-paragrafu 6. Hija għandha tistabbilixxi wkoll jekk il-kontijiet jew l-informazzjoni li abbażi tagħhom ikun intalab pagament mill-Kummissjoni jagħtux stampa vera u ġusta u jekk l-użu tal-fondi jikkonformax mal-liġi applikabbli jew in-nefqa li għaliha jkun intalab rimborż mill-Kummissjoni hijiex legali u regolari."

**(3a) jiżdied paragrafu 7a ġdid kif ġej:**

**"7a. Għall-finijiet tar-Regolament [ir-Regolament dwar il-PSNR], l-iżgurar tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti skont il-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu għandu jinftiehem li jfisser li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jivverifikaw b'mod effettiv l-issodisfar tal-istadji importanti, tal-miri u tal-outputs u jiżguraw l-użu tal-fondi tal-Unjoni f'konformità mal-liġi applikabbli."**

**ANNESSI**

**tal-**

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u
l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda
r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509**

## [ ANNESS I

## Metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal kull Stat Membru skont l-Artikolu 10(2), il-punt (a)

Dan l-Anness jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a).

Il-metodoloġija tqis il-varjabbli li ġejjin fir-rigward ta' kull Stat Membru:

- il-popolazzjoni (2024);
- il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE, at risk of poverty or social exclusion) li tgħix f'żoni rurali (2024);
- l-introjtu nazzjonali gross (ING) per capita tal-Istat Membru, imkejjel fi standard tal-kapaċità tal-akkwist (2023);
- il-prodott domestiku gross (PDG) reġjonali per capita, imkejjel skont l-istandard tal-kapaċità tal-akkwist fil-livell NUTS-3 (medja 2021-2022-2023);

- il-pagamenti diretti għal kull ettaru potenzjalment eliġibbli (2027, ettari bbażati fuq iż-Żona Potenzjalment Eliġibbli 2022);
- it-total tal-applikanti għall-ażil, id-deċiżjonijiet pożittivi, il-protezzjoni u r-ritorni (Eurostat, medja 2022-2023-2024);
- id-data ġeografika dwar il-fruntieri tal-pajjiżi (il-bażi tad-data tal-GIS tal-Eurostat) u l-għadd ta' applikazzjonijiet għal viża għal soġġorni qosra.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal kull Stat Membru hija l-ammont konsolidat għall-implimentazzjoni tal-pjan stabbilit kif ġej:

FCi =

Ai × l-ammont disponibbli għall-PNR tal-Istati Membri minbarra l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolamenti [Migrazzjoni], l-Artikolu 4 tar-Regolament [Fruntieri], l-Artikolu 4 tar-Regolament [Sigurtà Interna] u r-Regolament (UE) 2023/955+

Bi × l-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolamenti [Migrazzjoni], l-Artikolu 4 tar-Regolament [Fruntieri], l-Artikolu 4 tar-Regolament [Sigurtà Interna]+

Ci × l-ammont disponibbli għall-Fond Soċjali għall-Klima f'konformità mal-Artikolu 10(3) ta' dan ir-Regolament

Din il-konsolidazzjoni tal-ammonti ssir f'konformità ma':

- l-Artikolu 4 tar-Regolament xxx/xxx li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034;

- l-Artikolu 4 tar-Regolament xxx/xxx li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034;
- l-Artikolu 4 tar-Regolament xxx/xxx li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034;
- l-Artikolu 10 u l-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/955 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, l-Anness II.

fejn,

**Ai Koeffiċjent ġenerali**

$$A_i = medja\left(\frac{Pop_i}{Pop_{UE}}, \frac{AROPE\ ra_i}{AROPE\ ra_{UE}}\right)$$

$$\times \left[\frac{ING_{pc\ PPS\ UE}}{ING_{pc\ PPS\ i}} \times (1 + Diskrepanza\ fil - prosperità\ reġjonali + Diskrepanza\ fil - prosperità\ agri)\right]^2$$

ma'

$$Distakk\ ta'\ prosperità\ reġjonali_i = \frac{\sum_r mass\left(0{,}75\ \% - \frac{PDG_{pc\ PPS\ r}}{PDG_{pc\ PPS\ UE}}\right) \times Pop_r}{Pop_i}$$

u

$$Agri\ prosperity\ gap_i = \frac{Mass\left(0{,}90\ \% \frac{PD}{ha}_{UE} - \frac{PD}{ha}_i\right) \times ha_i}{PD_i}$$

fejn għal kull Stat Membru i u reġjun r tal-livell NUTS 3

*Pop* hija l-popolazzjoni fl-1 ta' Jannar 2024 (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: demo_gind, tps00001);

*AROPE ra* hija l-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fiż-żoni rurali fl-2024 (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_peps13n/default/table?lang=enilc_peps13n, 2024);

*ING pc PPS* huwa l-introjtu nazzjonali gross (ING) per capita imkejjel fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: nama_10_pp, 2023);

*PDG pc PPS r* huwa l-prodott domestiku gross (PDG) reġjonali per capita imkejjel fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: nama_10r_3gdp, average 2021-23);

*PDi* huwa l-ammont ta' pagamenti diretti stmat fis-sena baġitarja 2027 (minbarra l-POSEI/SAI);

*ha* hija l-ettari ddikjarati bħala eliġibbli għall-appoġġ taħt ("żona eliġibbli potenzjali"; is-sena tat-talba 2022).

L-*ai* tal-Istati Membri kollha hija normalizzata biex jiġi żgurat li s-somma tal-*ai* kollha tkun ugwali għal 100 %.

Sabiex tiġi evitata konċentrazzjoni eċċessiva ta' riżorsi, japplikaw limitu massimu u xibka ta' sikurezza għall-koeffiċjent tal-allokazzjoni ġenerali Ai:

Għall-Istati Membri kollha, is-sehem tal-allokazzjoni $ai$ ma jistax ikun anqas minn 80 % u ma jistax ikun ogħla minn 105 % tas-sehem tal-allokazzjoni tiegħu fit-total tal-2021-2027 tal-fondi rilevanti kollha allokati minn qabel skont ġestjoni kondiviża, kif ikkalkulat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-allokazzjoni inizjali tal-2020 tal-fondi allokati minn qabel, qabel it-trasferimenti**16**. L-*ai* tal-Istati Membri kollha hija aġġustata proporzjonalment biex jiġi żgurat li s-somma tal-*ai* kollha tkun ugwali għal 100 %.

**<u>Bi Koeffiċjent tal-affarijiet interni</u>**

$$\boldsymbol{B_i} = \mathbf{45\%}\,\boldsymbol{Fruntieri} + \mathbf{35\%}\boldsymbol{Migrazzjoni} + \mathbf{20\%}\,\boldsymbol{Sigurt}\text{à} =$$

$$\mathbf{45}\,\%\,[\mathbf{90}\,\% \times \left(\boldsymbol{ba\hbar ar} + \boldsymbol{estern}\begin{bmatrix}\mathbf{1.00}\ \boldsymbol{o\hbar rajn}\\ \mathbf{1.25}\ \boldsymbol{fruntiera\ diretta\ RU\ u\ BY}\end{bmatrix}\right) + \mathbf{10}\,\%\,\boldsymbol{VI\dot{Z}A}]$$

$$+\,\mathbf{35}\,\%\,[\boldsymbol{medja}\,(\boldsymbol{a\dot{z}il}, \boldsymbol{protezzjoni}, \boldsymbol{temporanja}, \boldsymbol{ritorni}))]$$

$$+\mathbf{20}\,\%\,[\,(\boldsymbol{sehem\ pop}\,(*\,\mathbf{0.4}) + \boldsymbol{ING\ invertit\ pc\ pps}\,(*\,\mathbf{0.45}) + \boldsymbol{sehem\ superfi\dot{c}je}\,(*\,\mathbf{0.15})]$$

fejn għal kull Stat Membru i

- *baħar huma l-fruntieri tal-baħar, u esterni huma l-fruntieri esterni fuq l-art* li huma fruntieri ġeografiċi definiti mit-tul ġeodesiku bbażat fuq ellisojde ETRS89 (Eurostat/GISCO, 2024 20M EPSG: 3035);

- *ażil* huwa s-sehem tal-Istat Membru fl-għadd ta' applikanti għall-ażil (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: migr_asyappctza, average 2022-2024);

[16] It-total tal-allokazzjonijiet tal-2020 taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.

- *protezzjoni* hija s-sehem tal-Istat Membru fl-għadd ta' deċiżjonijiet pożittivi fl-ewwel istanza dwar l-applikazzjonijiet (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: migr_asydcfsta, average 2022-2024);

- *temporanja* hija s-sehem tal-Istat Membru fl-għadd ta' benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: migr_asytpsm, average 2022-2024);

- *ritorni* huwa s-sehem tal-Istat Membru f'nazzjonali ta' pajjiżi terzi ritornati wara ordni biex jitilqu (il-kodiċi tal-bażi tad-data online tal-Eurostat: migr_eirtn, average 2022-2024);

- *superfiċje* hija ż-żona ġeografika definita b'tul ġeodesiku bbażat fuq ellisojde ETRS89 (Eurostat/GISCO, 2024 20M EPSG: 3035);

- *viża* hija s-sehem tal-Istat Membru fl-għadd totali ta' applikazzjonijiet għal viżi uniformi għal soġġorni qosra (DĠ HOME).

L-ishma tal-allokazzjoni għandhom jitqarrbu għall-eqreb 0,01. Id-data limitu għad-data storika użata għall-applikazzjoni tal-metodoloġija f'dan l-Anness hija l-15 ta' Ġunju 2025.

L-allokazzjoni finanzjarja ta' Stat Membru taħt il-Fond tqis id-dispożizzjonijiet speċjali stabbiliti fil-Protokoll Nru 19 u l-Protokoll Nru 22 anness mat-TUE u mat-TFUE fir-rigward tad-Danimarka u l-Irlanda. L-allokazzjoni għal-Litwanja tinkludi riżorsi għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali stabbilita fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) (FRUNTIERI).

Kwalunkwe ammont li jappartjeni għall-Artikolu 12 għandu jkun kopert fil-limiti tal-allokazzjoni finanzjarja għal kull Stat Membru fuq bażi pro rata. ]

## [ ANNESS II

## Metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont minimu għar-reġjuni inqas żviluppati

Dan l-Anness jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammonti minimi li l-Istati Membri għandhom jallokaw lir-reġjuni inqas żviluppati tagħhom skont l-Artikolu 10(2), il-punt (a)(i), u l-Artikolu 22(2), il-punt (h)(ii)

Allokazzjoni għar-reġjuni inqas żviluppati, r (LDRr) fi Stat Membru i =

$$\boldsymbol{LDR_i = Env} \times \frac{\sum_r \boldsymbol{Pop\ in\ LDR_r}}{\boldsymbol{Pop_i}} \times \begin{bmatrix} \mathbf{1}\ \ \boldsymbol{jekk\ SM_i\ GNI\ pc} > \mathbf{100\%}\ \boldsymbol{EU\ GNI\ pc} \\ \mathbf{1}\ \boldsymbol{jekk}\ \mathbf{75\ \%}\ \boldsymbol{EU\ GNI\ pc} \leq \boldsymbol{SM_i\ GNI\ pc} \leq \mathbf{100\ \%}\ \boldsymbol{EU\ GNI\ pc} \\ \mathbf{1.16}\ \ \boldsymbol{jekk\ SM_i\ GNI\ pc} > \mathbf{75\ \%}\ \boldsymbol{EU\ GNI\ pc} \end{bmatrix}$$

fejn għal kull Stat Membru i u reġjun r tal-livell NUTS 2

- *Env* hija definita bħala l-allokazzjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali definiti fl-Artikolu 10(2)(a) nieqes l-allokazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 10(2)(a)(ii)

- *Popi* hija l-popolazzjoni medja fl-Istat Membru i għal bejn l-2021 u l-2023 (il-kodiċi tad-data online tal-Eurostat: demo, demo_r_d2jan)

- *Pop f'LDRr* hija l-popolazzjoni medja fir-reġjun r għal bejn l-2021 u l-2023 (il-kodiċi tad-data online tal-Eurostat: demo, demo_r_d2jan)

- *ING pc PPS* huwa l-introjtu nazzjonali gross (ING) per capita medju għal bejn l-2021 u l-2023 imkejjel fl-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (il-kodiċi tad-data online tal-Eurostat: nama_10_pp)

Għall-Istati Membri kollha, l-ammont allokat għar-reġjuni inqas żviluppati la għandu jkun inqas minn 90 % u lanqas ogħla minn 112,5 % tal-ammont korrispondenti allokat lir-reġjuni inqas żviluppati taħt il-fondi preallokati tal-2021-2027 taħt ġestjoni kondiviża, kif ikkalkulat mill-Kummissjoni.

Ir-riżorsi li għandhom jiġu allokati lir-reġjuni inqas żviluppati f'konformità mal-Artikolu 10(2)(a)(i) ma għandhomx jinqatgħu mill-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 10(2)(a)(ii).

| **Stat Membru** | **L-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja (f'EUR 1 000, prezzijiet kurrenti)** |
|---|---|
| **Belġju** | 138,056 |
| **Bulgarija** | 8,133,449 |
| **Ċekja** | 7,345,717 |
| **Danimarka** | - |
| **Ġermanja** | - |
| **Estonja** | - |
| **Irlanda** | - |
| **Greċja** | 15,414,017 |
| **Spanja** | 16,289,843 |
| **Franza** | 3,674,893 |

| | |
|---|---|
| **Kroazja** | 8,255,565 |
| **Italja** | 27,079,088 |
| **Ċipru** | - |
| **Latvja** | 3,697,261 |
| **Litwanja** | 4,705,597 |
| **Lussemburgu** | - |
| **Ungerija** | 20,712,690 |
| **Malta** | - |
| **Netherlands** | - |
| **Awstrija** | - |
| **Polonja** | 47,241,595 |
| **Portugall** | 16,146,504 |
| **Rumanija** | 27,037,343 |
| **Slovenja** | 1,668,300 |
| **Slovakkja** | 10,258,235 |
| **Finlandja** | - |
| **Żvezja** | - |

]

**[ ANNESS III**

**Metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal kull Stat Membru skont il-Pjan Interreg**

F'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (c), għandhom jiġu allokati EUR 10 264 000 000 lill-Pjan Interreg imsemmi fit-Titolu XX tar-Regolament XX [Żvilupp reġjonali, Pjan Interreg];

L-allokazzjoni tar-riżorsi skont l-Istat Membru fil-Pjan Interreg, li tkopri l-kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u tar-reġjuni ultraperiferiċi hija ddeterminata bħala s-somma ponderata tal-ishma ddeterminata abbażi tal-kriterji li ġejjin, ponderati kif indikat:

(a) il-popolazzjoni totali tar-reġjuni tal-fruntiera kollha tal-livell NUTS 3 u ta' reġjuni oħra tal-livell NUTS 3 li minnhom mill-inqas nofs il-popolazzjoni reġjonali tgħix sa 25 kilometru mill-fruntiera (ponderazzjoni ta' 45,8 %);

(b) il-popolazzjoni li tgħix sa 25 kilometru mill-fruntieri (ponderazzjoni ta' 30,5 %);

(c) il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri (ponderazzjoni ta' 20 %);

(d) il-popolazzjoni totali tar-reġjuni ultraperiferiċi (ponderazzjoni ta' 3,7 %).

Is-sehem tal-kooperazzjoni transfruntiera jikkorrispondi għas-somma tal-ponderazzjoni ta' kriterji (a) u (b). Is-sehem tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (c). Is-sehem tal-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (d).

L-ammont għall-Pjan Interreg lill-Istati Membri, nieqes ir-riżorsi għall-kooperazzjoni interreġjonali, għandu jitqassam kif ġej:

| Stat Membru | Interreg - Sehem tal-ammont allokat |
|---|---|
| Belġju | 4.70 % |
| Bulgarija | 1.40 % |
| Ċekja | 3.70 % |
| Danimarka | 3.30 % |
| Ġermanja | 12.20 % |
| Estonja | 0.70 % |
| Irlanda | 1.90 % |
| Greċja | 1.50 % |
| Spanja | 8.50 % |
| Franza | 13.60 % |
| Kroazja | 2.10 % |
| Italja | 10.70 % |
| Ċipru | 0.50 % |
| Latvja | 0.70 % |
| Litwanja | 1.00 % |
| Lussemburgu | 0.40 % |

| | |
|---|---|
| **Ungerija** | 3.10 % |
| **Malta** | 0.30 % |
| **Netherlands** | 4.20 % |
| **Awstrija** | 2.70 % |
| **Polonja** | 6.40 % |
| **Portugall** | 1.60 % |
| **Rumanija** | 4.30 % |
| **Slovenja** | 0.90 % |
| **Slovakkja** | 2.80 % |
| **Finlandja** | 2.00 % |
| **Żvezja** | 4.70 % |

*Is-sehem tal-Istati Membri qabel it-tnaqqis pro rata tan-nefqa ta' appoġġ ]

## ANNESS IV

**Tabella 1. Rekwiżiti ewlenin għas-sistemi ta' ġestjoni, kontroll u awditjar tal-Istat Membru**

| | |
|---|---|
| 1 | Separazzjoni xierqa tal-funzjonijiet u indipendenza funzjonali bejn l-awtoritajiet u arranġamenti bil-miktub għas-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-kompiti delegati lil korpi oħra. Allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti lil dan il-korp jew lil dawn il-korpi għall-fini tal-Pjan. |
| 2 | Implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati u effettivi kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u ta' miżuri biex jiġu evitati, identifikati u kkoreġuti l-irregolaritajiet inkluż il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju, inkluża valutazzjoni tar-riskju. |
| 3 | Arranġamenti fis-seħħ biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli, inklużi r-regoli tal-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi tal-Unjoni u dwar l-għajnuna mill-Istat. |
| 4 | Proċeduri xierqa biex jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet għall-pagament, id-durabbiltà tal-issodisfar tal-istadji importanti u tal-miri, l-affidabbiltà tad-data ddikjarata u l-evitar ta' finanzjament doppju fl-applikazzjonijiet għall-pagament ippreżentati lill-Kummissjoni ġew issodisfati. |
| 5 | Proċeduri xierqa biex tiġi pprovduta opinjoni tal-awditjar affidabbli dwar l-affidabbiltà tad-data mdaħħla fl-applikazzjonijiet għall-pagament. |

| | |
|---|---|
| 6 | Awditi xierqa fuq is-sistemi biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-data li tirfed il-pagamenti mill-baġit tal-Unjoni. |
| 7 | Sistema effettiva biex jiġi żgurat li jinżammu d-dokumenti kollha meħtieġa għal rekord tal-awditjar komplut. |
| 8 | Sistema elettronika affidabbli għar-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-data għall-monitoraġġ, ir-rapportar tal-progress, l-evalwazzjoni, il-verifiki u l-awditi tal-ġestjoni finanzjarja, inklużi proċessi xierqa biex jiġu żgurati s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-data u l-awtentikazzjoni tal-utenti. |
| 9 | Sistema ta' kontabilità effettiva li tipprovdi informazzjoni preċiża, kompluta u affidabbli fil-ħin, inkluż l-aggregazzjoni tad-data li għandha tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni. |
| 10 | Proċeduri xierqa biex jiġu żgurati flussi finanzjarji lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u lill-aġenziji tal-pagamenti, li jiggarantixxu li, ma' kull pagament magħmul mill-Kummissjoni, dawn l-awtoritajiet jirċievu l-ammonti dovuti lilhom, f'konformità mal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitoli rispettivi tagħhom. Dawn il-proċeduri għandhom ukoll iqisu l-korrezzjonijiet finanzjarji potenzjali li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kapitoli tagħhom, u jiżguraw li, sa tmiem il-perjodu, jirċievu ammont li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni tagħhom. |

| | |
|---|---|
| 11 | Kriterji u proċeduri xierqa trasparenti u nondiskriminatorji għall-għażla ta' operazzjonijiet biex tiġi massimizzata l-kontribuzzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-Pjan u b'rispett għall-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza u nondiskriminazzjoni, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.<br><br>Informazzjoni xierqa lill-benefiċjarji dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għall-appoġġ għall-operazzjonijiet magħżula li jiżguraw aċċess għal opportunitajiet ta' finanzjament għal firxa varjata ta' entitajiet, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. |
| 12 | **Għall-finijiet tal-Pjan,** […] strateġija ta' kontra l-frodi, ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju. |
| 13 | Proċeduri xierqa għar-rapportar ta' [...] każijiet ta' suspett ta' frodi, korruzzjoni u irregolaritajiet fosthom kunflitt ta' interess, finanzjament doppju u ksur ieħor tal-liġi applikabbli u għas-segwitu tagħhom fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS, Irregularity Management System) tal-Kummissjoni. |
| 14 | Proċeduri xierqa għall-irkupru ta' fondi tal-Unjoni mħallsa indebitament. |
| 15 | Arranġamenti xierqa biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligu li jitkomplew il-pagamenti **dovuti** lill-benefiċjarji, lir-riċevituri, lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lill-parteċipanti fil-każ ta' interruzzjoni tal-iskadenzi tal-pagamenti jew sospensjoni tal-finanzjament tal-Unjoni, korrezzjonijiet finanzjarji jew miżuri oħra biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. |

**Tabella 2 - Klassifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fir-rigward tal-funzjonament effettiv tagħhom**

| | |
|---|---|
| **Kategorija 1** | **Taħdem sew. Le jew hemm bżonn biss ta' xi titjib minuri.** |
| **Kategorija 2** | **Taħdem. Hemm bżonn ta' xi titjib.** |
| **Kategorija 3** | **Taħdem, parzjalment. Hemm bżonn ta' titjib sostanzjali.** |
| **Kategorija 4** | **Essenzjalment ma taħdimx** |

## ANNESS V

## Mudell għall-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali

| | |
|---|---|
| CCI | |
| Titolu bl-Ingliż | [250] (1) |
| Titolu bil-lingwa/i nazzjonali | [250] |
| Verżjoni | |
| L-ewwel sena | [4] |
| L-aħħar sena | [4] |
| Numru tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | |
| Data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | |
| Numru tad-deċiżjoni ta' emenda tal-Istat Membru | |
| Data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' emenda tal-Istat Membru | |
| (1) In-numri fil-parentesi kwadri jirreferu għall-għadd ta' karattri mingħajr spazji. | |

## TITOLU I: ĦARSA ĠENERALI U PROĊESS GĦALL-ISTABBILIMENT TAL-PJAN TA' SĦUBIJA NAZZJONALI U REĠJONALI

### 1. PARTI 1: L-isfidi u l-għanijiet indirizzati mill-Pjan SNR

**1.1. L-appoġġ tal-Pjan SNR għall-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 u l-kontribut għall-[…]objettivi speċifiċi […] stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(a) sa (e), u għall-objettivi speċifiċi rilevanti stabbiliti skont kull subparagrafu tal-Artikolu 3(1)(a) sa (e) u għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 […] tar-Regolamenti AMI, IS u BMV kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(ba), b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru u r-reġjuni kkonċernati**

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punt (a)

| **Objettiv speċifiku u objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolamenti AMI, IS u BMV** | **Spjegazzjoni ta' kif il-Pjan SNR jikkontribwixxi biex jintlaħqu […] l-objettiv speċifiku u l-objettivi ġenerali relatati*** |
|---|---|
| 1.a | [5 000] |
| 1.b | [5 000] |
| **1.ba** | |

| | |
|---|---|
| **Objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament AMI** | **[5 000]** |
| **Objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament IS** | **[5 000]** |
| **Objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament BMV** | **[5 000]** |
| **1.c** | **[5 000]** |
| **1.d** | **[5 000]** |
| **1.e** | **[5 000]** |

***Miżura waħda tista' tikkontribwixxi għal aktar minn objettiv speċifiku wieħed. Il-kontribuzzjoni ser tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi.***

**1.2. Deskrizzjoni tal-<u>ħtiġijiet u l-</u>isfidi speċifiċi tal-Istat Membru b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ir-rakkomandazzjonijiet nazzjonali tal-PAK u l-isfidi identifikati fid-dokumenti u l-istrateġiji msemmija fl-Artikolu 22(2), il-punt (b) <u>u b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 22(2a).</u>**

Referenza: L-Artikolu 22(2), il-punti (b) **<u>u 2a.</u>**

| **Sfidi/ħtiġijiet, fosthom il-gruppi fil-mira li huma affettwati** | **Livell nazzjonali <u>u/jew</u> reġjonali**<br><br>[…]<br><br>**<u>Immarka l-kaxxa</u>** | **Rakkomandazzjonijiet [...]rilevanti […] <u>identifikati fid-dokumenti fil-qafas ta' referenza tal-politika kif definit fl-Artikolu 22(2)(b)</u>**<br><br>[bir-referenza għas-CSR/dokument uffiċjali jew strateġija korrispondenti] | **Miżura/i**<br><br>[Lista tal-ID tal-miżura u t-titoli] | **Livell ta' finanzjament previst <u>(kontribuzzjoni totali tal-Unjoni) jekk applikabbli*</u>** | **<u>Spjegazzjoni jekk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti huma indirizzati fi pjanijiet nazzjonali jew dokumenti oħra adottati fil-livell tal-UE</u>** |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| [2000] | […] **immarka l-kaxxa** | [300] | | | |
| [2000] | […] **immarka l-kaxxa** | [300] | | | |

***<u>* L-isfidi jistgħu jiġu indirizzati b'riformi li jistgħu ma jinvolvux kontribuzzjoni tal-Unjoni</u>***

**1.3. Deskrizzjoni ta' kif il-Pjan SNR huwa konsistenti mal-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali ta' terminu medju skont ir-Regolament (UE) 2024/1263, il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr skont ir-Regolament (UE) 2024/1991, il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 u l-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tad-deċennju diġitali skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481**

Referenza: l-Artikolu 22(2**b**), il-punt […] **(a)**

| **Pjanijiet nazzjonali u pjanijiet direzzjonali** | **Iddeskrivi kif il-miżuri inklużi fil-Pjan huma konsistenti mal-għanijiet stabbiliti f'dawn id-dokumenti** |
|---|---|
| Pjan strutturali fiskali nazzjonali ta' terminu medju **skont ir-Regolament (UE) 2024/1263** | [1 000] |
| Pjan nazzjonali ta' restawr skont ir-Regolament (UE) 2024/1991 | [1 000] |
| Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 | [1 000] |
| Pjan direzzjonali strateġiku nazzjonali għad-deċennju diġitali skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 | [1 000] |
| […] | […] |

**1.4. Deskrizzjoni ta' kif il-Pjan <u>SNR</u> jikkontribwixxi <u>għat-tkomplija tas-Suq Uniku</u> [...] bi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni, proġetti li jinsabu fin-network ewlieni u fin-network ewlieni estiż u proġetti oħra ta' interess Ewropew komuni inkluż il-kontribut permezz ta' proġetti transfruntieri, tranżnazzjonali jew multinazzjonali u appoġġ għal operazzjonijiet li jkunu ngħataw Siġill <u>u bl-implimentazzjoni ta' miżuri li jirfdu l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti</u>**

Referenza: L-Artikolu 22(2**b**), il-paragrafu (**b**[…])

| **Elementi** | **Miżura** | **<u>Deskrizzjoni</u> […]** |
|---|---|---|
| L-appoġġ għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs);<br>[…] | [Lista tan-numri tal-ID tal-miżura [...]] | [1000] |
| Il-proġetti definiti fir-Regolament (UE) 2024/1679 li jinsabu fuq in-network ewlieni **u n-network** ewlieni estiż | | [1000] |

| | | |
|---|---|---|
| L-appoġġ tal-Pjan għal proġetti ta' interess komuni kif definit fir-Regolament (UE) 2022/869 | | [1000] |
| L-appoġġ tal-Pjan għal proġetti transfruntiera, tranżnazzjonali jew multinazzjonali oħra, inklużi dawk li jiżguraw koerenza ma' proġetti appoġġati mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kif stabbilit fir-Regolament 202X/XXXX [Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa] u l-anness li jakkumpanjah | | [1000] |
| L-appoġġ tal-Pjan għal operazzjonijiet li ngħataw Siġill | | [1000] |
| **L-appoġġ tal-Pjan għal miżuri li jirfdu l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti** | | **[1000]** |

**1.5. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan <u>SNR</u> għat-territorji elenkati fl-Anness VII, b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tagħhom [2000] ***

Referenza: L-Artikolu 22(2**b**), il-punt**i (f) u** (h)(i) […]

| **Karatteristiċi reġjonali msemmija fl-Anness VII (il-punti a)-j)** | **Kapitolu/i ta' kontribuzzjoni** | **Kostijiet totali stmati (EUR)** | **Kontribuzzjoni tal-Unjoni (EUR)** | **[…]** | **Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn xieraq) <u>[ID tal-miżura u titolu]</u>** |
|---|---|---|---|---|---|
| a) **<u>Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi</u>** tar-reġjuni inqas żviluppati | Kapitolu xx | […] | […] | […] | |
| | Kapitolu xx | […] | […] | […] | |
| | **Subtotal** | **[…]** | **[…]** | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| b) **<u>Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi</u>** tar-reġjuni fi tranżizzjoni | Kapitolu xx | […] | […] | […] | |
| | Kapitolu xx | […] | […] | […] | |
| | **Subtotal** | **[…]** | **[…]** | | |
| c) **<u>Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi</u>** tar-reġjuni aktar żviluppati | Kapitolu xx | […] | […] | […] | |
| | Kapitolu xx | […] | […] | […] | |
| | **Subtotal** | **[…]** | **[…]** | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| d) **<u>Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi</u>** tal-gżejjer **u ż-żoni kostali** [...] | Kapitolu xx | | | | |
| | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | **<u>X%</u>** | |
| d<u>a</u>) **<u>Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi</u>** tar-reġjuni ultraperiferiċi | Kapitolu xx | | | | |
| | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| e) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant (reġjuni NUTS 2 li għandhom fruntieri mar-Russja, il-Belarussja), b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-iżvilupp ekonomiku. | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | | |
| f) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni tat-Tramuntana li huma skarsament popolati, li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti, speċjalment fir-rigward tal-konnettività u l-aċċessibbiltà. | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| g) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żoni rurali, [...]; | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| h) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi taż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, speċjalment dawk li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn il-miri tal-Unjoni għall-enerġija u l-klima għall-2030 **u l-2040**, kif ukoll lejn ekonomija newtrali għall-klima sal-2050; | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | | |
| i) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi fiż-żoni urbani (żvilupp urban sostenibbli); | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| j) Il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi identifikati fl-użu ppjanat tal-investiment territorjali integrat, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jew għodod territorjali oħra [...] | Kapitolu xx | | | | |
| | **Subtotal** | | | | |
| **k) [...] Il-ħtiġijiet <u>u l-isfidi</u> speċifiċi <u>identifikati</u> [...] <u>fi</u> strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u strateġiji ta' tranżizzjoni ġusta** | **Kapitolu xx** | | | | |
| | **<u>Subtotal</u>** | | | | |

*** Din it-tabella ser tkun ibbażata fuq informazzjoni diġà mimlija mill-Istat Membru fil-livell tal-miżura fit-tabella 2.7 u fit-tabella 5, ħlief dik għall-kolonna "Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn xieraq)".** […]

**1.5bis Appoġġ għar-reġjuni ultraperiferiċi**

**Referenza: L-Artikolu 46 Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri biex jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi**

| **ID tal-miżura** | **Titolu tal-miżura** | **Deskrizzjoni li tinkludi l-azzjonijiet ewlenin previsti, il-gruppi fil-mira appoġġati** |
|---|---|---|
| | | **[1000]** |

**1.6. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura f'konformità mal-Artikolu 15 [tiġdid ġenerazzjonali] tar-Regolament 202X/XXXX [ir-Regolament PAK] [2000]**

Referenza: L-Artikolu 22(2**b**), il-punt ([…]**g**)(i)

Inkluż:

(a) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni demografika kurrenti fis-settur agrikolu

(b) L-identifikazzjoni tal-ostakli għad-dħul għall-bdiewa żgħażagħ u l-inizjattivi u l-miżuri nazzjonali proposti biex jingħelbu

(c) Deskrizzjoni tal-Pakkett tal-Bidu għall-bdiewa żgħażagħ (l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) [Regolament PAK]) […]

**(d) Sinerġiji bejn miżuri li jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali stabbiliti fil-Pjan SNR**

| **Tip ta' miżuri** | **Kapitolu/i ta' Kontribuzzjoni** | **Kostijiet totali stmati (EUR)** | **Kontribuzzjoni mill-UE (EUR)** | **Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn meħtieġ) [Titolu tal-miżura]** |
|---|---|---|---|---|
| a. **Appoġġ għall-**istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ | Kapitolu xx | […] | […] | |
| | Kapitolu xx | […] | […] | |
| | **Subtotal** | **[…]** | **[…]** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| b. Appoġġ għall-introjtu digressiv ibbażat fuq iż-żona għall-bdiewa żgħażagħ | Kapitolu xx | | | |
| | **Subtotal** | | | |
| c. Appoġġ għal azjend**i** agrikol**i** żgħar [...] **immirat lejn bdiewa żgħażagħ** | Kapitolu xx | | | |
| | **Subtotal** | | | |
| d. Appoġġ għall-investiment b'intensità ogħla ta' għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ | Kapitolu xx | | | |
| | **Subtotal** | | | |
| […]**e.** Possibbiltajiet ta' finanzjament ta' **investimenti implimentati minn bdiewa żgħażagħ** permezz ta' strumenti finanzjarji | Kapitolu xx | | | |
| | **Subtotal** | | | |
| [...]**f.** Appoġġ għal start-ups ta' negozji rurali | […] | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| […] **g.** Interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw l-aċċess għall-innovazzjoni […] | […] | | | |
| […]**h.** Interventi ta' kooperazzjoni li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni interġenerazzjonali inkluż is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli | […] | | | |
| […]**i. Appoġġ għal**[…] servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli | […] | | | |
| […]**j.** Aċċess għal servizzi ta' konsulenza u programmi ta' taħriġ imfassla għall-ħtiġijiet tal-bdiewa żgħażagħ | […] | | | |
| **k.** [...]**T**ipi oħra ta' miżuri li jiżguraw sinerġiji ma' partijiet oħra tal-Pjan SNR | | | | |
| **TOTAL** | | **XX** | **XX** | |

**1.6bis Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura**

**Referenza: L-Artikolu 22(2b), il-punt (g)(i)**

| Tip ta' miżuri | Titolu tal-miżura | Kapitolu/i ta' Kontribuzzjoni | Kostijiet totali stmati (EUR) | Kontribuzzjoni mill-UE (EUR) | Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn meħtieġ) [Titolu tal-miżura] |
|---|---|---|---|---|---|
| Miżura li tappoġġa t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura | Miżura xx | Kapitolu xx | | | |
| | Miżura xx | Kapitolu xx | | | |
| | Miżura xx | Kapitolu xx | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Tipi oħra ta' miżuri li jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali u jiżguraw sinerġiji ma' partijiet oħra tal-Pjan SNR** | | **Kapitolu xx** | | | |
| | | **Kapitolu xx** | | | |
| | | **Kapitolu xx** | | | |

**1.7. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-appoġġ tal-Pjan SNR għall-miżuri soċjali elenkati fl-Anness VI [Kontribuzzjoni għal konċentrazzjoni fuq ċerti miżuri soċjali […]], filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-isfidi nazzjonali u reġjonali speċifiċi identifikati, fost l-oħrajn, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew [2000]**

Referenza: L-Artikolu 22(2**b**), il-punt (**[…]g**)(ii)

| Il-kategorija tal-miżuri msemmija fl-Anness VI (il-punti a) sa d) | Kapitolu/i ta' Kontribuzzjoni | Kostijiet totali stmati (EUR) | Kontribuzzjoni mill-UE (EUR) | Lista ta' riformi ta' appoġġ (fejn xieraq)<br><br>[titolu tal-miżura] |
|---|---|---|---|---|
| a) Inklużjoni soċjali | Kapitolu xx | […] | […] | |
| | Kapitolu xx | […] | […] | |
| | **Subtotal** | **[…]** | **[…]** | |
| b) Għajnuna alimentari u/jew materjali bażika | Kapitolu xx | | | |
| | Kapitolu xx | | | |
| | **Subtotal** | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| c) Appoġġ biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal | Kapitolu xx | | | |
| | Kapitolu xx | | | |
| | **Subtotal** | | | |
| d) Il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, fosthom permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ | Kapitolu xx | | | |
| | Kapitolu xx | | | |
| | **Subtotal** | | | |
| **TOTAL** | | **[…]** | **[…]** | |

|---|---|---|---|
| 0xx | | xx/xx/20xx | EUR xx |
| 20xx | | xx/xx/20xx | EUR xx |
| 20xx | | […] | […] |

| | |
|---|---|
| **Prefinanzjament riċevut sa issa** | EUR xx |

**Parti 2. Progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri fis-sena kalendarja preċedenti(iridu jiġu ppreżentati bħala Anness mad-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni)**

**N.B. L-informazzjoni koperta mill-Parti 1 (stadji importanti, miri u outputs milħuqa ppreżentati ma' applikazzjonijiet għall-pagament) mhux ser ikollha bżonn tiġi rrapportata mill-Istati Membri - ser tiġi ġġenerata b'mod awtomatiku mill-SFC**

| ID tal-miżura | Investimenti | Numru ta' referenza tal-istadju importanti/mira | Progress miksub | Valur tal-iżborż *issodisfat awtomatikament mill-SFC* | Valur stmat tal-progress miksub [...] (ammont f'EUR ikkalkulat fuq il-bażi tal-valuri tal-iżborż) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Progress lejn **l-istadju importanti jew** il-mira miksub fiż-żmien tar-rapportar ibbażat fuq l-aħħar stat ta' implimentazzjoni **(%)**<br><br>JEW **(menu li jinżel)** | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | ▫ L-ebda progress<br>(0 % stima)<br>▫ Ftit progress<br>(33 % stima)<br>▫ Progress sostanzjali<br>(66 % stima)<br>▫ Twettiq (100 %) | | |
| | **Riformi [...]** | **Numru ta' referenza tal-istadju importanti** | **Progress miksub** | **Valur tal-iżborż *issodisfat awtomatikament mill-SFC*** | **Valur stmat tal-progress miksub [...] (ammont f'EUR ikkalkulat fuq il-bażi tal-valuri tal-iżborż)** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | **(menu li jinżel)**<br><br>▫ L-ebda progress (0 % […] **daħal** fis-seħħ […]) | | |
| | | | ▫ Twettiq (100 % daħlu fis-seħħ [...]) | | |
| **ID tal-miżura** | **[...] Interventi bbażati fuq l-output**<br><br>(pagamenti bbażati fuq l-outputs) | **[…]**<br><br>**Output (numru ta' referenza)** | **Progress miksub** | | **Valur tal-progress miksub (f'EUR)** |
| | | | Output miksub fiż-żmien tar-rapportar ibbażat fuq l-aħħar stat ta' implimentazzjoni, | | |

**Parti 3.** **Rapportar dwar l-indikaturi tar-riżultati u s-subkategoriji tal-indikaturi tal-output**

**Referenza: Artikolu 14(2), 14(3), 14(5), 14(6) tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni**

| **ID tal-miżura** | **Qasam ta' intervent** | **Interventi bbażati fuq stadju importanti, mira jew output (in-numru ta' referenza)** | **Subkategoriji tal-output inkluż subindikaturi mhux rilevanti għall-pagamenti** | | **Indikaturi tar-riżultati** | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | **Isem** | **Progress** | **Isem** | **Linja bażi** | **Valur stmat** | **Sena tal-kisba** | **Progress** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miżura 1** | **Qasam ta' intervent 1** | **ID** | **Subkategorija 1:**<br><br>**Subkategorija 2:**<br><br>**(…)** | | **- Emissjonijiet tal-gassijiet serra evitati (fejn rilevanti):**<br><br>**Ammont ta' investiment mobilizzat (fejn rilevanti):**<br><br>**Indikatur ieħor, subkategorija 1:**<br><br>**Indikatur ieħor, subkategorija 2:**<br><br>**(…)** | | | | |
| | **Qasam ta' intervent 2** | **ID** | | | | | | | |

**ANNESS X**

**Mudell għall-previżjonijiet tal-ammont għall-applikazzjoni għall-pagament**

Referenza: L-Artikolu 50[…], il-punt(d) [[…] **il-funzjoni** ta' koordinazzjoni […]**] u l-Artikolu 10(2), il-punt (b) [Żvilupp Reġjonali, Pjan Interreg]**

| **Kontribuzzjoni mistennija mill-Unjoni** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *[Is-sena kalendarja kurrenti]* | | | *[Sena kalendarja sussegwenti]* | | |
| […] | […] | […] | […] | […] | […] |
| […]<br>*Jannar-Ġunju* | **[…]**<br>***Lulju-Diċembru*** | […] | […]<br>**Jannar-Ġunju** | […]<br>**Lulju-Diċembru** | […] |

| **Stadju importanti jew mira jew output (numru ta' referenza)** […] | Ammont mistenni | **Stadju importanti jew mira jew output (numru ta' referenza)** […] | Ammont mistenni | […] | […] | […] **Stadju importanti jew mira jew output (numru ta' referenza)** | Ammont mistenni | […] **Stadju importanti jew mira jew output (numru ta' referenza)** | Ammont mistenni | […] | […] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| x | EUR x | | | | | | | | | | |
| … | … | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| **Subtotal** | **EUR x** | **TOTAL** | **EUR x** | **[…]** | **[…]** | **[…]** | **EUR x** | **[…]** | **EUR x** | **[…]** | **[…]** |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Assistenza teknika* | *[kalkolu awtomatiku f'SFC]* | *Assistenza teknika* | *[kalkolu awtomatiku f'SFC]* | *[…]* | *[…]* | *[…]* | *[kalkolu awtomatiku f'SFC]* | *[…]* | *[kalkolu awtomatiku f'SFC]* | *[…]* | *[…]* |
| **TOTAL** | **EUR x** | **TOTAL** | **EUR x** | **[…]** | **[…]** | **[…]** | **EUR x** | **[…]** | **EUR x** | **[…]** | **[…]** |
| **Li minnhom għotjiet** | **EUR x** | **Li minnhom għotjiet** | **EUR x** | | | **Li minnhom għotjiet** | **EUR x** | **Li minnhom għotjiet** | **EUR x** | | |
| **Li minnhom self (jekk applikabbli)** | **EUR x** | **Li minnhom self (jekk applikabbli)** | **EUR x** | | | **Li minnhom self (jekk applikabbli)** | **EUR x** | **Li minnhom self (jekk applikabbli)** | **EUR x** | | |

**ANNESS XI**

**Mudell għall-applikazzjonijiet għall-pagament**

Referenza: L-Artikolu 65(2) [preżentazzjoni u valutazzjoni tat-talba għall-pagament] **u l-Artikolu 10(2) il-punt (a) [Żvilupp Reġjonali, Pjan Interreg]**

| **Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali** | |
|---|---|
| Stat Membru: | |
| Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-Pjan: | |
| Data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni: | |
| Numru tal-applikazzjoni għall-pagament: | |
| Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-pagament: | |
| Għadd ta' stadji importanti u miri li għalihom jintalab pagament | |
| *Li minnhom ġew iffinanzjati permezz ta' għotjiet* | |
| *Li minnhom ġew iffinanzjati permezz ta' self (jekk applikabbli)* | |
| Ammont totali [...] **li jikkorrispondi għall-valuri tal-iżborż ta'** stadji importanti u miri milħuqa | |
| Ammont totali mitlub għal interventi **bbażati fuq l-output** [...]: | |

| | |
|---|---|
| Ammont mitlub għal assistenza [...] **teknika**: | |
| L-ammont totali mitlub | |
| *Li minnhom ġew iffinanzjati permezz ta' għotjiet* | |
| *Li minnhom ġew iffinanzjati permezz ta' self (jekk applikabbli)* | |

**LISTA TA' STADJI IMPORTANTI U MIRI LI GĦALIHOM JINTALAB PAGAMENT**

| **Numru ta' referenza tal-istadju importanti jew tal-mira [...]** | **[...]Objettiv speċifiku [...] /objettiv stabbilit fir-Regolamenti AMI, IS u BMV** | **Kapitolu ID** | **Miżura ID** | **Iffinanzjati taħt Għotjiet jew Self** | **Isem l-istadju importanti /mira** | **Indikaturi kwalitattivi (stadji importanti)** | **Indikaturi kwantitattivi (miri) kif stabbiliti fir-Regolament XXX (Regolament dwar il-prestazzjoni)** | | | | **[…]** | | **Ammont mitlub** | Istituzzjoniji et responsabbli għall-verifika tal-issodisfar tal-istadju importanti/mira rilevanti u għaż-żamma tad-dokumenti għar-rekord tal-awditjar |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | ***Unità ta' kejl*** | ***Linja bażi*** | ***[...] Mira*** | ***Mira milħuqa*** | **[…]** | **[…]** | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total mitlub għal għotjiet** | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total mitlub għal self** | | | | | | | | | | | | | | |

**Għal interventi bbażati fuq l-output**

| **Numru ta' referenza tal-output [...]** | **Objettiv speċifiku/objettiv stabbilit fir-Regolamenti AMI, IS u BMV** | **Kapitolu ID** | **Miżura ID** | | **Indikatur tal-output kif stabbilit fir-Regolament XXX (Regolament dwar il-prestazzjoni)** | | | **Ammont mitlub** | Istituzzjonijiet responsabbli għall-verifika tal-informazzjoni pprovduta u għaż-żamma tad-dokumenti għar-rekord tal-awditjar |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | ***Sena ta' pretensjoni*** | ***[…]*** ***Isem l-output*** | ***Unità ta' kejl*** | ***Output irrapportat*** | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | **Total mitlub għal interventi bbażati fuq l-output għal għotjiet** | | | | | | |
| | | | **Total mitlub għal interventi bbażati fuq l-output għal self** | | | | | | |

**Il-pagament ser isir fil-kont bankarju li ġej:**

| | |
|---|---|
| **Korp identifikat** | |
| **Bank** | |
| **BIC** | |
| **IBAN tal-kont tal-bank** | |
| **Detentur tal-kont (fejn mhux l-istess bħall-korp identifikat)** | |

**Ammonti rkuprati mill-Istati Membri inklużi fl-applikazzjonijiet għall-pagament (l-Artikolu 68(4))**

| Numru ta' referenza tal-istadju importanti jew tal-mira jew tal-output | Ammont soġġett għall-irkupru | Ammont irkuprat | Imgħax (jekk applikabbli) |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Ammont totali rkuprat | | | |

<u>**ANNESS XII**</u>

<u>**Mudell għad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni**</u>

Referenza: L-Artikolu 59(1), il-punt (c) [pakkett annwali ta' aċċertament]; **L-Artikolu 10(2)(c)(d) tar-Regolament dwar il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni**

Jien/Aħna, is-sottoskritt(i), [Isem/Ismijiet, Kunjom(ijiet)], fil-kapaċità tiegħi/tagħna bħala [Funzjoni] ta' [Awtorità Responsabbli ta' Stat Membru], b'kont meħud tal-obbligi tiegħi/tagħna skont ir-Regolament XX [Fond]

B'dan niddikjara(w) li, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**[Kapitolu] [miżura] [tal-]**Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ta' [pajjiż] **jew il-kapitolu Interreg** approvat mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ta' [data] dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali għal [Stat Membru] ([referenza]), abbażi tal-ġudizzju tiegħi/tagħna stess u tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi/tagħna, b'mod partikolari r-riżultati mis-sistemi nazzjonali ta' kontroll u awditjar deskritti fil-Pjan:

1. Il-fondi ntużaw[...] f'konformità mal-liġi applikabbli bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi [...] **indirizzati** fil-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali **jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg**.

2. Id-data mdaħħla fl-applikazzjonijiet għall-pagament ippreżentati lill-Kummissjoni **għall-perjodu ta' referenza** kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 59 [Pakkett ta' aċċertament] [...] hija kompluta, preċiża u affidabbli, [...] u li l-perkors tar-rekord tal-awditjar għall-miżuri kkonċernati huwa fis-seħħ.

3. Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jiffunzjonaw tajjeb, [...] u jagħtu l-aċċertament meħtieġ li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mal-[…]**liġi applikabbli,**[…] fosthom dwar **il-prevenzjoni**, il-kxif, ir-rapportar u **l-korrezzjoni** ta' [...] kunflitti ta' interess, korruzzjoni, finanzjament doppju [...]u frodi **u irregolaritajiet oħra** u, [...] skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba [...].

**4. l-informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan <u>irrapportati f'konformità mal-Parti 2 tal-Anness IX</u> [Anness hawnhekk] tipprovdi stampa reali u ġusta tal-progress fl-implimentazzjoni**

Nikkonferma li **kwalunkwe**[…] **ksur tal-liġi applikabbli** identifikat[...] matul l-awditi u r-rapporti ta' kontroll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**<u>[Kapitolu] [miżura] tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali jew fil-kapitolu Interreg</u>** ġew ikkoreġuti kif xieraq **u li ma kien hemm l-ebda** [...] treġġigħ lura tal-istadji importanti jew tal-miri assoċjati mal-miżura kkonċernata. **(**F'każ ta' treġġigħ lura, speċifika n-natura u l-ambitu tat-treġġigħ lura**)**. Fejn meħtieġ, kien hemm segwitu adegwat **għall-ksur tal-liġi applikabbli [...]** u d-defiċjenzi fis-sistema ta' kontroll irrapportati f'dawk ir-rapporti.

**[***Għandha tintuża biss għad-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni ppreżentata/i skont il-pakkett ta' aċċertament finali***: Nikkonferma li l-pagamenti totali mill-Kummissjoni, eskluża l-assistenza teknika, ma jaqbżux l-ammont totali mħallas mill-Istat<u>(i)</u> Membru<u>/i</u> lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-Pjan.]**

<u>***Għandha tintuża biss jekk ma jkun sar l-ebda progress:*** **Nikkonferma li l-progress miksub fl-istadju importanti, il-miri u l-outputs li għalihom ma ġiet irrapportata l-ebda informazzjoni fir-rapport ta' progress fl-implimentazzjoni ppreżentat f'konformità mal-parti 2 tal-Anness IX tar-Regolament xxx [ir-Regolament dwar il-PSNR] huwa ta' 0 %.]**</u>

Nikkonferma li ma naf bl-ebda kwistjoni ta' reputazzjoni mhux żvelata relatata mal-implimentazzjoni [...] tal-**<u>[Kapitolu] [miżura] tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ta' [pajjiż] jew fil-kapitolu Interreg</u>**, li tista' tagħmel ħsara lill-interessi tal-Unjoni Ewropea.

[Madankollu, għandha tittieħed nota tar-riżervi li ġejjin:........] (ħassar din is-sentenza jekk mhux applikabbli)

[B'referenza għar-riżerva magħmula fid-Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni preċedenti - [Referenza] -

[segwitu li sar].] (ħassar din is-sentenza jekk mhux applikabbli)

Post, data

(firma)

[Isem u Funzjoni tal-firmatarju]

# ANNESS XIII

## Mudell għall-opinjoni tal-awditjar annwali

Referenza: L-Artikolu 53(2), il-punt (a) [funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar]

### 1. DAĦLA

Jiena/aħna, hawn taħt iffirmat(i), li nirrappreżenta(w) lil [isem l-awtorità/jiet tal-awditjar], indipendenti fis-sens tal-Artikolu 49, il-paragrafu 5 [Awtoritajiet tal-pjanijiet] tar-Regolament XX [ir-Regolament NRP], awditjajt/awditjajna:

i. il-kompletezza, l-akkuratezza u l-affidabbiltà tad-data mdaħħla fl-applikazzjonijiet għall-pagament ippreżentati lill-Kummissjoni **għall-perjodu ta' referenza** […] kif imsemmi fl-Artikolu 59, il-paragrafu 1, il-punt (a) [Pakkett ta' aċċertament] **fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-[Kapitolu/i] [miżura/i] tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ta' [pajjiż] jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg**;

ii. l-użu tal-fondi f'konformità mal-liġi applikabbli; u

iii. il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

u vverifikajt:

i. id-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni [imħejjija u ffirmati mill-awtoritajiet ta' ġestjoni] **għall-[Kapitolu/i] [miżura/i] [tal-]Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ta' [pajjiż] jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg** f'konformità mal-paragrafu (**c**[...]) tal-Artikolu 59(1) [pakkett ta' aċċertament annwali],

sabiex tinħareġ opinjoni tal-awditjar f'konformità mal-Artikolu 53(2), il-punt (a) [Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar].

**2. RESPONSABBILTAJIET TAL-AWTORITÀ/AWTORITAJIET TAL-AWDITJAR**

L-awditi fir-rigward [...] **tal-[Kapitolu/i] [miżura/i] tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ta' [pajjiż] jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg** twettqu f'konformità mal-istrateġija tal-awditjar u kkonformaw mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

Ir-responsabilità tiegħi hija wkoll li ninkludi fl-opinjoni dikjarazzjoni dwar jekk ix-xogħol tal-awditjar iqajjimx dubju dwar l-affermazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni**(jiet)** ta' ġestjoni.

Il-proċeduri tal-awditjar imwettqa huma dawk li jiena/aħna nemmen/nemmnu li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi u jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament XX [ir-Regolament NRP] b'mod partikolari fl-Artikolu 53 tiegħu [il-funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar] u l-Anness IV [rekwiżiti ewlenin A&C]. Jiena/aħna nemmen/nemmnu li l-evidenza għall-awditjar miġbura hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi l-bażi għall-opinjoni tiegħi/tagħna, [f'każ li jkun hemm xi limitazzjoni fuq l-ambitu:] ħlief dawk li huma msemmija fil-punt 3 "Limitazzjoni fuq l-ambitu".

Is-sommarju tas-sejbiet ewlenin misluta mill-awditi fir-rigward **tal-[Kapitolu/i] [miżura/i] tal-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ta' [pajjiż] jew il-kapitolu tal-Pjan Interreg** huwa ppreżentat flimkien ma' din l-opinjoni tal-awditjar, f'konformità mal-Artikolu 59(1), il-punt (**b**[...]) [pakkett ta' aċċertament annwali] tar-Regolament XX [ir-Regolament NRPF].

**3. LIMITAZZJONI FUQ L-AMBITU**

Jew

Ma kien hemm l-ebda limitazzjoni fuq l-ambitu tal-awditjar.

jew

L-ambitu tal-awditjar kien limitat mill-fatturi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| (a) | … |
| (b) | … |
| (c) | … |

[N.B. Indika kwalunkwe limitazzjoni fuq l-ambitu tal-awditjar, pereżempju kwalunkwe nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, każijiet taħt proċedimenti legali, u indika taħt "Opinjoni kwalifikata" hawn taħt, il-miżuri affettwati u l-impatt tal-limitazzjoni fuq l-ambitu fuq l-opinjoni tal-awditjar. Għandhom jingħataw aktar spjegazzjonijiet f'dan ir-rigward fis-sommarju tal-awditi, kif xieraq.]

**4. OPINJONI**

Jew

(Opinjoni mhux kwalifikata)

Fl-opinjoni tiegħi, u abbażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa,

(1) Id-data mdaħħla fl-applikazzjoni(jiet) għall-pagament:

- id-data mdaħħla fl-applikazzjoni(jiet) għall-pagament ippreżentata/i **għall-perjodu ta' referenza** [...] hija kompluta, akkurata u affidabbli.

(2) Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ fid-data ta' din l-opinjoni tal-awditjar:

- is-sistema ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ tiffunzjona tajjeb u tiżgura **li l-fondi tal-Unjoni jintużaw f'konformità mal-liġi applikabbli u tiżgura** l-protezzjoni effettiva u f'waqtha tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni […].

Il-ħidma tal-awditjar imwettqa ma tpoġġix f'dubju l-affermazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni.

(3) l-użu tal-fondi:

- huwa konformi mal-liġi applikabbli.

jew

(Opinjoni kwalifikata)

Fl-opinjoni tiegħi, u abbażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa,

(1) Id-data mdaħħla fl-applikazzjoni(jiet) għall-pagament:

- id-data mdaħħla fl-applikazzjoni(jiet) għall-pagament ippreżentata/i **għall-perjodu ta' referenza** [...] hija kompluta, akkurata u affidabbli [fejn il-kwalifika tapplika għall-applikazzjonijiet għall-pagament, jiżdied it-test li ġej:] ħlief fl-aspetti materjali li ġejjin: …

(2) Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ fid-data ta' din l-opinjoni tal-awditjar:

- is-sistema ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ tiffunzjona tajjeb u tiżgura **li l-fondi tal-Unjoni jintużaw f'konformità mal-liġi applikabbli u tiżgura** l-protezzjoni effettiva u f'waqtha tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni [...] [fejn il-kwalifika tapplika għas-sistema ta' ġestjoni u kontroll, jiżdied it-test li ġej:] ħlief għall-aspetti li ġejjin: ...

**(3)** l-użu tal-fondi huwa konformi mal-liġi applikabbli ħlief għall-aspetti li ġejjin: …..

L-impatt tal-kwalifika huwa limitat [jew sinifikanti].

Il-ħidma tal-awditjar imwettqa ma tpoġġix/tpoġġi [ħassar kif xieraq] fid-dubju l-affermazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni.

[Meta l-ħidma tal-awditjar tqajjem dubju dwar l-affermazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni, l-awtorità tal-awditjar għandha tiżvela f'dan il-paragrafu l-aspetti li jwasslu għal din il-konklużjoni.]

jew

(Opinjoni avversa)

Fl-opinjoni tiegħi, u abbażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa,

(1) id-data mdaħħla fl-applikazzjoni(jiet) għall-pagament ippreżentata/i [...] **għall-perjodu ta' referenza hija** kompluta, akkurata u affidabbli u/jew;

(2) is-sistema ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ tiffunzjona/ma tiffunzjonax [ħassar kif xieraq]

(3) l-użu tal-fondi huwa/ma huwiex konformi mal-liġi applikabbli

Din l-opinjoni avversa hija bbażata fuq l-aspetti li ġejjin:

- fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-kompletezza, l-akkuratezza u l-affidabbiltà tad-data mdaħħla fl-applikazzjoni(jiet) għall-pagament ippreżentata/i [...] **għall-perjodu ta' referenza** u/jew [ħassar kif xieraq]

    - fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll
    - fir-rigward tal-konformità tal-fondi mal-liġi applikabbli

Il-ħidma tal-awditjar imwettqa tpoġġi f'dubju l-affermazzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni(jiet) ta' ġestjoni rigward l-aspetti li ġejjin:

[L-awtorità tal-awditjar tista' tinkludi wkoll osservazzjonijiet, li ma jaffettwax l-opinjoni tagħha, kif stabbilit fl-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. F'każijiet eċċezzjonali tista' tiġi prevista ċaħda tal-opinjoni].

Data:

Firma:

# ANNESS XIV

## Determinazzjoni tal-livell ta' korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa

Referenza: L-Artikolu 68(2) [**Korrezzjonijiet** finanzjarji]

1. Elementi għall-kunsiderazzjoni meta tiġi applikata korrezzjoni b'rata fissa:

(a) il-gravità **tal-ksur serju tal-obbligi [stabbiliti fl-Artikolu 58] jew nuqqas ta' konformità serju pereż.** [...] fil-kuntest tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll bħala ħaġa waħda;

(b) il-frekwenza u l-firxa **tal-ksur serju tal-obbligi [stabbiliti fl-Artikolu 58] jew nuqqas ta' konformità serju** [...];

(c) il-grad ta' preġudizzju finanzjarju għall-baġit tal-Unjoni.

**d) il-miżuri korrettivi meħuda mill-Istat Membru qabel is-sejbiet tal-Kummissjoni, fosthom l-ambitu u l-effettività tagħhom.**

2. Il-livell ta' korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa hija determinata kif ġej:

(a) meta **n-nuqqas ta' konformità** serju [...] jkun tant fundamentali, frekwenti jew mifrux li jirrappreżenta falliment totali tas-sistema, tiġi applikata rata fissa ta' 100 %;

(b) meta **n-nuqqas ta' konformità** serju [...] jkun tant frekwenti u mifrux li jirrappreżenta falliment estremament serju tas-sistema li jpoġġi f'riskju [...] proporzjon għoli ħafna **tal-pagamenti**, tiġi applikata rata fissa ta' 25 %;

(c) meta n-**nuqqas ta' konformità** serju [...] jkun minħabba li s-sistema ma tkunx qed tiffunzjona b'mod sħiħ jew tiffunzjona tant ħażin jew b'mod tant mhux frekwenti li tpoġġi f'riskju [...] proporzjon għoli **tal-pagamenti**, tiġi applikata rata fissa ta' 10 %;

(d) meta **n-nuqqas ta' konformità** [...] serju jkun minħabba li s-sistema ma tkunx qed tiffunzjona b'mod konsistenti u għalhekk tpoġġi f'riskju [...] proporzjon sinifikanti **tal-pagamenti**, tiġi applikata rata fissa ta' 5 %.

**(e) F'każ ta' ksur serju tal-obbligi [stabbiliti fl-Artikolu 58] li ma jaqax taħt il-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu, il-livell tal-korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa għandu jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni għall-elementi msemmija fil-paragrafu 1.**

Meta, minħabba nuqqas minn naħa tal-awtoritajiet responsabbli li jieħdu miżuri korrettivi wara l-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja, jiġi identifikat l-istess **nuqqas ta' konformità** [...] serju **jew ksur serju tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58**, ir-rata ta' korrezzjoni tista', minħabba l-persistenza **tan-nuqqas ta' konformità serju jew ksur serju tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 58** [...] tiżdied għal livell li ma jaqbiżx dak tal-kategorija ogħla li jmiss. Meta l-livell tar-rata fissa jkun sproporzjonat wara li jitqiesu l-elementi **msemmija fil-paragrafu 1** [...], ir-rata ta' korrezzjoni tista' titnaqqas.

# ANNESS XV

## Azzjonijiet tal-Unjoni appoġġati permezz tal-Faċilità

Referenza: L-Artikolu 31 [Azzjonijiet tal-Unjoni]

1. Il-Faċilità għandha tikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 [Objettivi], b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-appoġġ għall-awtoritajiet urbani biex jiżviluppaw proġetti innovattivi, isaħħu l-kapaċitajiet tal-bliet u jipprovdu ambjent ta' għarfien biex jaqsmu l-għarfien dwar l-iżvilupp urban sostenibbli **u jiffaċilitaw l-involviment tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE kif imsemmi fl-Aġenda tal-UE għall-Bliet, fosthom l-appoġġ għall-Aġenda Urbana tal-UE**;

   (b) il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali, l-esperimentazzjoni soċjali u l-appoġġ għall-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati fil-livelli lokali, **reġjonali,** nazzjonali u tal-Unjoni, fosthom permezz ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali; il-promozzjoni tal-mobbiltà volontarja tal-ħaddiema u swieq tax-xogħol **Ewropej** li jiffunzjonaw tajjeb, li huma koeżivi u integrati inkluż id-dimensjoni transfruntiera tas-sistemi tas-sigurtà soċjali **u ż-żieda fl-opportunitajiet ta' impjieg permezz tal-iżvilupp u l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ speċifiċi lill-impjegaturi u lil dawk li jkunu qed ifittxu impjieg.**

   (c) l-appoġġ għall-mikrofinanzjament, il-finanzjament tal-intrapriżi soċjali, l-ekonomija soċjali u l-miżuri għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ħiliet, l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-servizzi relatati, l-infrastruttura soċjali, inkluż l-infrastruttura tas-saħħa u edukattiva u l-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, inkluż għall-istudenti u ż-żgħażagħ, is-saħħa u l-kura fit-tul, l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà, b'enfasi fuq l-integrazzjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż persuni li jesperjenzaw jew li jinsabu f'riskju ta' faqar, esklużjoni soċjali jew diskriminazzjoni.

(d) it-trawwim ta' tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza fl-oqsma relatati mal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari dwar l-impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-ekosistemi tal-finanzi soċjali u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

(e) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, fost l-oħrajn għall-għoti ta' pariri xjentifiċi, ġbir ta' data u għarfien għall-finijiet tal-promozzjoni ta' deċiżjonijiet sodi u effiċjenti dwar il-ġestjoni tas-sajd; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE, il-promozzjoni ta' oċeani nodfa u b'saħħithom, l-iżvilupp u t-tixrid ta' intelligence dwar is-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, il-promozzjoni tas-sigurtà u s-sorveljanza marittima;

(f) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika dwar l-oċeani, **skont il-prinċipji gwida tal-Patt Ewropew għall-Oċeani**, inkluż permezz tal-ippjanar tal-ispazju marittimu **bbażat fuq l-ekosistema**, l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar u l-kooperazzjoni reġjonali marittima, l-implimentazzjoni tan-network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data **Marittima**, kif ukoll it-titjib tal-ħiliet u l-litteriżmu dwar l-oċeani, u l-kondiviżjoni ta' data soċjoekonomika u ambjentali dwar l-ekonomija blu sostenibbli, u l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-governanza internazzjonali tal-oċeani;

(g) il-promozzjoni ta' politika komuni fl-oqsma tas-saħħa u s-sikurezza għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti, u l-benesseri tal-annimali, inkluż l-appoġġ għal miżuri għall-[...]**prevenzjoni, is-sorveljanza, il-kxif,** il-kontroll [...] u **l-eradikazzjoni** tal-mard tal-annimali, iż-żoonożi u l-pesti tal-pjanti, **miżuri ta' emerġenza,** miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw ir-reżistenza antimikrobika, il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-ikel, u jiġu previsti miżuri fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi u affidabbli ta' dawk il-politiki;

(h) il-ġbir ta' data fil-livell tal-azjendi agrikoli dwar is-sostenibbiltà f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi n-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN, Farm Sustainability Data Network) u l-appoġġ għal miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1144/2014;

(i) l-indirizzar ta' ħtiġijiet urġenti u speċifiċi bħala rispons għal diżastru naturali nazzjonali jew reġjonali maġġuri [...] **jew emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri**, u t-trawwim ta' tiswija u rkupru bil-ħsieb li tiżdied ir-reżiljenza wara [...] **diżastri naturali jew emerġenzi tas-saħħa pubbliċi maġġuri. F'dan il-kuntest, "emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri" tfisser kwalunkwe periklu li jista' jkun fatali jew b'xi mod ieħor periklu gravi għas-saħħa ta' oriġini bijoloġika li jaffettwa b'mod gravi s-saħħa tal-bniedem u li jirrikjedi azzjoni deċiżiva biex jitrażżan aktar tixrid**;

⌊(j) l-appoġġ mix-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda bi tweġiba għad-disturbi tas-suq u l-istabbilizzazzjoni tas-swieq agrikoli permezz ta' miżuri adottati skont l-Artikoli 8 sa 21 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u miżuri eċċezzjonali adottati skont l-Artikoli 219 sa 222 ta' dak ir-Regolament;⌋

(k) il-forniment ta' appoġġ tekniku sabiex:

(i) l-Istati Membri jkunu megħjuna jwettqu l-miżuri stabbiliti fil-Pjanijiet tagħhom, jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jew f'dokumenti rilevanti oħra elenkati skont l-Artikolu 22(2), il-punt (b), jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, u jippromwovu l-għanijiet ta' politika stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 [Objettivi];

(ii) ikunu promossi approċċi innovattivi u skambji tal-aħjar prattiki madwar l-Istati Membri permezz ta' proġetti multinazzjonali għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, kif ukoll għat-tneħħija tar-riskju u l-ingranaġġ tal-investimenti privati, biex jiġu indirizzati sfidi komuni, tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni, u jitmexxew 'il quddiem l-objettivi ta' politika stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3.

Il-miżuri ta' appoġġ tekniku jinkludu l-forniment ta' għarfien espert, it-twettiq ta' studji, il-ġbir ta' data u statistika, l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni, azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità biex jinkisbu u jiżdiedu l-għarfien espert jew l-għarfien, kif ukoll miżuri li għandhom l-għan li jtejbu s-sistemi, il-proċeduri u l-istrutturi organizzattivi.

(l) il-kontribut għall-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 202X/XXX [migrazzjoni, ażil u integrazzjoni], ir-Regolament (UE) 202X/XXX [ġestjoni integrata tal-fruntieri u politika dwar il-viżi] u r-Regolament (UE) 202X/XXX [sigurtà interna]**, fosthom sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil definiti fil-paragrafi (4) u (5) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2024/1359, u l-ġestjoni ta' inċidenti u kriżijiet relatati mas-sigurtà, inkluż bħala riżultat ta' atti ostili, li għandhom jew jista' jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-sikurezza tan-nies, jew li jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw entitajiet kritiċi jew infrastruttura kritika fi Stat Membru wieħed jew aktar;**

(m) l-appoġġ għal proġetti transfruntieri u multinazzjonali, b'mod partikolari Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI), u investimenti fl-innovazzjoni interreġjonali biex jissaħħu l-ktajjen tal-valur tal-UE permezz ta' koinvestimenti minn sħab multipli tal-proġetti; b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp tal-ktajjen tal-valur f'reġjuni inqas żviluppati, il-b'kontribut biex jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni, il-ħolqien ta' startups u t-tisħiħ tal-koeżjoni; attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi relatati mal-elementi tal-qafas ta' referenza;

(n) l-appoġġ għall-azzjonijiet LIFE fosthom proġetti strateġiċi dwar in-natura, proġetti integrati strateġiċi [...] u proġetti ta' azzjoni **standard** [...] **b'enfasi fuq in-natura u l-bijodiversità, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni mhux industrijali tat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza tal-ilma u l-prevenzjoni tat-tniġġis, l-ekonomija ċirkolari u t-tranżizzjoni tal-enerġija** li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-politika ambjentali b'dimensjoni transfruntiera jew tranżnazzjonali, attivitajiet li jirfdu t-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki ambjentali u klimatiċi, l-appoġġ għall-iżvilupp tal-governanza fil-livelli kollha, l-appoġġ u l-għoti tas-setgħa lin-networks u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll proġetti oħra ta' interess tal-Unjoni li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-liġi u l-politiki ambjentali.

2. Sabiex jappoġġa azzjonijiet skont l-Anness XV(1), il-punt (i), l-Istat Membru jista' jitlob appoġġ addizzjonali mill-Faċilità kif imsemmi fl-Artikolu 34(3)[...]**. L-appoġġ jingħata bil-kundizzjoni ta' li ġej:**

i. diżastru naturali maġġuri fi Stat Membru li jirriżulta fi ħsara diretta stmata għal aktar minn EUR 3 biljun fi prezzijiet kurrenti jew aktar minn 0.6 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tiegħu (l-ammont aktar baxx japplika bħala livell limitu). F'dan il-każ, l-appoġġ mill-faċilità tal-UE huwa stabbilit għal 2.5 % tal-ħsara diretta totali sal-livell limitu miżjud b'6 % tal-ħsara 'l fuq mil-livell limitu, soġġett għad-disponibbiltajiet baġitarji;

ii. diżastru naturali reġjonali f'reġjun fil-livell ta' NUTS 2 ta' Stat Membru li jirriżulta fi ħsara diretta ta' aktar minn 1.5 % tal-prodott domestiku Gross (PDG) ta' dak ir-reġjun (1 % tal-PDG reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi). F'dan il-każ, l-appoġġ mill-faċilità tal-UE huwa stabbilit għal 2.5 % tal-ħsara diretta totali, soġġett għad-disponibbiltajiet baġitarji;

iii. fil-każ ta' ħsarat li jirriżultaw minn diżastru naturali maġġuri f'pajjiż ġar, l-appoġġ mill-faċilità tal-UE huwa stabbilit għal 2.5 % tal-ħsara diretta totali, soġġett għad-disponibbiltajiet baġitarji.

**iv. emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri fi Stat Membru li tirriżulta f'piż finanzjarju pubbliku għal miżuri ta' rispons ta' emerġenza stmat għal aktar minn EUR 1.5 biljun fi prezzijiet attwali, jew aktar minn 0.3 % tal-ING tiegħu.**

**ANNESS XVI**

**SFC2028[…]: sistema ta' skambju elettroniku ta' data bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni**

Referenza: L-Artikolu 58(2), il-punt (l) [Responsabbiltajiet tal-Istat Membru]

**1. Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1.1. L-iżgurar tat-tħaddim ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' data ("SFC2028") għall-iskambji tal-informazzjoni uffiċjali kollha bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-SFC202**8** [...] għandu jkollha mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli stabbiliti f'konformità ma' dan ir-Regolament.

1.2 L-iżgurar tal-karatteristiċi li ġejjin tal-SFC2028:

(a) formoli interattivi jew formoli mimlija minn qabel mis-sistema abbażi tad-data diġà rreġistrata fis-sistema qabel;

(b) kalkoli awtomatiċi, li jnaqqsu l-isforz ta' kodifikazzjoni tal-utenti;

(c) kontrolli integrati awtomatiċi li jivverifikaw il-konsistenza interna tad-data trażmessa u l-konsistenza ta' din id-data mar-regoli applikabbli;

(d) twissijiet maħluqa mis-sistema SFC2028 li jwissu lill-utenti li ċerti azzjonijiet jistgħu jew ma jistgħux jitwettqu;

(e) forniment ta' Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (API, Application Programming Interface) li tippermetti t-trażmissjoni awtomatizzata ta' settijiet ta' data predefiniti

(f) monitoraġġ online tal-istatus tat-trattament tal-informazzjoni mdaħħla fis-sistema;

(g) disponibbiltà ta' data storika fir-rigward tal-informazzjoni kollha mdaħħla **għall-Pjan** [...] […];

(h) disponibbiltà ta' firma elettronika obbligatorja skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 li ser tiġi rikonoxxuta bħala evidenza fi proċedimenti legali.

1.3. L-iżgurar ta' politika ta' sigurtà għat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-SFC2028 applikabbli għall-persunal li juża s-sistema f'konformità mar-regoli rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 ( 47 ) u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha.

1.4. Il-ħatra ta' persuna jew ta' persuni responsabbli għad-definizzjoni, għaż-żamma u għall-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tal-politika ta' sigurtà għall-SFC2028.

**2. Responsabbiltajiet tal-Istati Membri**

2.1. L-iżgurar li l-awtoritajiet **tal-Pjan** [...] tal-Istat Membru identifikat f'konformità mal-Artikolu **49** [...] kif ukoll il-korpi identifikati biex iwettqu ċerti kompiti taħt ir-responsabbiltà **tal-awtoritajiet li jwettqu l-funzjoni ta' koordinazzjoni, l-**awtorità ta' ġestjoni**, l-aġenzija tal-pagamenti** jew l-awtorità tal-awditjar f'konformità mal-Artikolu **49(4), (5) u (7)** […] jdaħħlu fl-SFC2028 l-informazzjoni għat-trażmissjoni li għaliha jkunu responsabbli, u kwalunkwe aġġornament tagħha.

2.2. L-iżgurar tal-verifika tal-informazzjoni ppreżentata minn persuna għajr il-persuna li tkun daħħlet id-data għal dik it-trażmissjoni.

2.3. L-iżgurar tal-forniment ta' interfaċċa bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-Istati Membri u l-SFC2028 għat-trasferiment awtomatizzat ta' settijiet ta' data predefiniti (anness xx)

2.4. Il-forniment ta' arranġamenti għas-separazzjoni tal-kompiti ta' hawn fuq permezz ta' sistemi ta' informazzjoni tal-ġestjoni u tal-kontroll tal-Istat Membru li jkunu konnessi awtomatikament mal-SFC2028.

2.5. Il-ħatra ta' persuna jew persuni responsabbli għall-ġestjoni ta' drittijiet ta' aċċess biex twettaq/iwettqu l-kompiti li ġejjin:

(a) jidentifikaw lill-utenti li jitolbu aċċess, filwaqt li jiżguraw li dawk l-utenti huma impjegati mill-organizzazzjoni;

(b) jinfurmaw lill-utenti bl-obbligi tagħhom li jippreservaw is-sigurtà tas-sistema;

(c) jivverifikaw l-intitolament tal-utenti għal-livell ta' privileġġ meħtieġ fir-rigward tal-kompiti tagħhom u l-pożizzjoni ġerarkika tagħhom;

(d) jitolbu t-terminazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess meta dawk id-drittijiet ta' aċċess ma jkunux għadhom meħtieġa jew iġġustifikati;

(e) jirrapportaw minnufih avvenimenti suspettużi li jistgħu jġibu preġudizzju għas-sigurtà tas-sistema;

(f) jiżguraw l-akkuratezza kontinwa tad-data tal-identifikazzjoni tal-utent billi jirrapportaw kull tibdil;

(g) jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa għall-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità kummerċjali f'konformità mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni;

(h) jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-Istat Membru jew l-utenti tal-SFC2028 biex iwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija fil-punt 2.1 jew il-kapaċità personali tagħhom li jwettqu r-responsabbiltajiet imsemmija fil-punti (a) sa (g).

2.6. Id-disponabbiltà ta' arranġamenti għar-rispett tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali għall-individwi, u tal-kunfidenzjalità kummerċjali għall-entitajiet ġuridiċi f'konformità mad-Direttiva 2002/58/KE, ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725.

2.7. L-adozzjoni ta' politiki nazzjonali, reġjonali jew lokali dwar is-sigurtà tal-informazzjoni dwar l-aċċess għall-SFC2028 abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju applikabbli għall-awtoritajiet kollha li jużaw l-SFC2028 u l-indirizzar tal-aspetti li ġejjin:

(a) l-aspetti ta' sigurtà tal-IT tal-ħidma mwettqa mill-persuna jew mill-persuni responsabbli għall-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess imsemmija fil-punt 2.4 tat-taqsima II f'każ ta' applikazzjoni ta' użu dirett;

(b) għal sistemi ta' informazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali konnessi mal-SFC2028, permezz ta' interfaċċa teknika msemmija fil-punt 2.3, il-miżuri ta' sigurtà għal dawk is-sistemi li jippermettu li jiġu allinjati mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-SFC2028 u li jkopru:

(i) is-sigurtà fiżika;

(ii) il-mezzi tad-data u l-kontroll tal-aċċess;

(iii) il-kontroll tal-ħżin;

(iv) l-aċċess u l-kontroll tal-password;

(v) il-monitoraġġ;

(vi) interkonnessjoni ma' SFC202**8**[…];

(vii) l-infrastruttura tal-komunikazzjoni;

(viii) il-ġestjoni tar-riżorsi umani qabel l-impjieg, matul l-impjieg u wara l-impjieg;

(ix) il-ġestjoni tal-inċidenti.

2.8. It-tqegħid tad-dokument imsemmi fil-punt 2.6 disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba.

2.9. Il-ħatra ta' persuna jew ta' persuni responsabbli għaż-żamma u għall-iżgurar tal-applikazzjoni tal-politiki nazzjonali, reġjonali jew lokali dwar is-sigurtà tal-IT kif ukoll li taġixxi jew li jaġixxu bħala punt ta' kuntatt mal-persuna jew mal-persuni maħtura mill-Kummissjoni u msemmija fil-punt 1.4.

**3. Responsabbiltajiet konġunti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri**

3.1. L-iżgurar tal-aċċessibbiltà jew direttament permezz ta' interfaċċa interattiva tal-utent (jiġifieri applikazzjoni web) jew permezz ta' interfaċċa teknika (API, Application Programming Interface) bl-użu ta' protokolli definiti minn qabel (jiġifieri servizzi web) li tippermetti sinkronizzazzjoni awtomatika u trażmissjoni tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-Istati Membri u l-SFC2028.

3.2. Il-previżjoni tad-data tat-trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni mill-Istat Membru lill-Kummissjoni u viċi versa fl-iskambju elettroniku tad-data, li tikkostitwixxi d-data tal-preżentazzjoni tad-dokument ikkonċernat.

3.3. L-iżgurar li d-data uffiċjali tkun skambjata esklużivament permezz tal-SFC2028, ħlief meta jkun hemm force majeure, u li l-informazzjoni mogħtija fil-formoli elettroniċi integrati fl-SFC2028 (minn hawn 'il quddiem "data strutturata") ma tiġix sostitwita b'data mhux strutturata, u, fil-każ ta' inkonsistenzi, li d-data strutturata tipprevali fuq id-data mhux strutturata.

Fil-każ ta' *force majeure*, funzjonament ħażin tal-SFC2028 jew nuqqas ta' konnessjoni mal-SFC2028 għal aktar minn ġurnata waħda tax-xogħol fl-aħħar ġimgħa qabel skadenza regolatorja għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni jew fil-perjodu bejn it-18 u s-26 ta' Diċembru, jew 5 ijiem tax-xogħol fi żminijiet oħra, l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni jista' jsir **permezz ta' posta elettronika jew** f'forma stampata bl-użu tal-mudelli stabbiliti f'dan ir-Regolament u f'dak il-każ id-data tal-preżentazzjoni tad-dokument tkun id-data ttimbrata mill-posta. Meta l-kawża tal-*force majeure* tieqaf, il-parti kkonċernata ddaħħal fl-SFC2028 mingħajr dewmien l-informazzjoni diġà pprovduta **permezz ta' posta elettronika jew** f'forma stampata.

3.4. L-iżgurar ta' konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet ta' sigurtà tal-IT ppubblikati fil-portal tal-SFC2028 u l-miżuri li huma implimentati fl-SFC2028 mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata t-trażmissjoni ta' data, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-interfaċċa teknika msemmija fil-punt 2.3.

3.5. L-implimentazzjoni u l-iżgurar tal-effettività tal-miżuri ta' sigurtà adottati għall-protezzjoni tad-data maħżuna u trażmessa permezz tal-SFC2028.

3.6. L-aġġornament u r-rieżami annwali tal-politika ta' sigurtà tal-IT tal-SFC2028 u l-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti dwar is-sigurtà tal-IT fil-każ ta' bidliet teknoloġiċi, l-identifikazzjoni ta' theddid ġdid jew żviluppi rilevanti oħrajn.

**ANNESS XVII**

[…]

⁅ **Anness XVIII**

**Minimu għall-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 35(1), il-punti (a) sa (k) u (r) u l-paragrafu 10**

| **Stat Membru** | **Minimu għall-interventi msemmija fl-Artikolu 35(1) il-punti (a) sa (k) u (r) u l-paragrafu 10 (f'EUR xxx, prezzijiet kurrenti)** |
|---|---|
| Belġju | pm |
| Bulgarija | pm |
| Ċekja | pm |
| Danimarka | pm |
| Ġermanja | pm |
| Estonja | pm |
| Irlanda | pm |
| Greċja | pm |
| Spanja | pm |
| Franza | pm |
| Kroazja | pm |

| | |
|---|---|
| Italja | pm |
| Ċipru | pm |
| Latvja | pm |
| Litwanja | pm |
| Lussemburgu | pm |
| Ungerija | pm |
| Malta | pm |
| Netherlands | pm |
| Awstrija | pm |
| Polonja | pm |
| Portugall | pm |
| Rumanija | pm |
| Slovenja | pm |
| Slovakkja | pm |
| Finlandja | pm |
| Żvezja | pm |

l